# ID-DIRETTIVA DWAR IT-TRASPARENZA FIS-SUQ UNIKU (Id-Direttiva (UE) 2015/1535): strument ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-intrapriżi biex jiġi żgurat it-tħaddim bla xkiel tas-Suq Uniku

## Gwida għall-proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika

**http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/tris/mt/**

## DAĦLA

L-ewwel edizzjoni ta' dan il-ktejjeb ġiet elaborata taħt il-gwida tal-predeċessur tiegħi, is-Sa Sabine Lecrenier, bl-għan li d-dritt tal-Unjoni jinġieb eqreb ta' dawk li jużawh u li tgħin biex jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni, djalogu u kooperazzjoni li kkostitwew kultura ġdida tal-komunità.

Nixtieq nirrikonoxxi l-ħidma kbira u l-importanza ta' din il-pubblikazzjoni tal-2005, li għenet lill-operaturi ekonomiċi iżda wkoll lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali għal diversi snin fil-kuntatti tagħhom ma' regolamenti tekniċi, standards u servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.

Sabiex jitqiesu l-ħafna żviluppi li seħħew mill-2005 'l hawn, huwa meħtieġ li tiġi pprezentata t-tieni edizzjoni riveduta tal-gwida.

L-aktar żvilupp importanti huwa t-Trattat ta' Lisbona ffirmat fit-13 ta' Diċembru 2007. B'hekk, it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ġie ssostitwit bit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Barra minn hekk, fl-2015, saret kodifikazzjoni ta' dak li issa huwa komunement magħruf bħala d-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku(jiġifieri d-Direttiva preżenti (UE) 2015/1535 tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika).

Barra minn hekk, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja relatata mal-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva ġiet ikkompletata permezz ta' diversi sentenzi importanti.

Ta' min tissemma wkoll l-esperjenza miksuba permezz ta' kważi 11,000 notifika li waslu mill-ewwel pubblikazzjoni tal-gwida. Pereżempju, ir-rwol tal-industrija fil-prevenzjoni ta' ostakli ġodda għall-kummerċ kien fundamentali. Bħala tali, il-bażi tad-*data* online TRIS issa tiżgura t-trasparenza u l-kooperazzjoni permezz tar-repożitorju online.

Huwa ċar li l-proċedura ta' notifika kienet teħtieġ gwida aġġornata, sabiex tkompli sservi lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri u lill-industrija.

Giuseppe Casella

Kap tal-Unità

Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs

http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/tris.

[GĦANDU JIĠI STAMPAT FUQ IL-QOXRA TA' WARA TAL-KTEJJEB]

Dan il-ktejjeb huwa maħsub bħala gwida għas-sistema stabbilita biex jiġu evitati l-ostakli għall-moviment liberu tal-merkanzija, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi f'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika. Il-ktejjeb jipprovdi kummentarju dwar id-Direttiva (UE) 2015/1535, li jimplimenta din is-sistema. Kull waħda mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva hija kkwotata bis-sħiħ u hija akkumpanjata minn kummentarju dettaljat li jispjega t-tifsira tagħha u l-implikazzjonijiet tagħha għall-partijiet interessati kollha: Is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, u l-operaturi ekonomiċi preżenti jew potenzjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Il-ktejjeb tħejja mid-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, u bl-ebda mod ma jimpenja lill-Kummissjoni. It-test tad-Direttiva (UE) 2015/1535 waħdu huwa legalment vinkolanti. Id-Direttiva (UE) 2015/1535 hija soġġetta għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Il-lingwa oriġinali ta' dan il-ktejjeb hija l-Ingliż.

<u>**WERREJ**</u>

**INTRODUZZJONI**

***Id-Direttiva (UE) 2015/1535, strument ta' trasparenza għas-servizz tas-Suq Uniku***

**KAPITOLU I**

***Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva***

Definizzjoni tat-termini *(Artikolu 1)*

– prodott
– servizz
– speċifikazzjoni teknika
– ħtieġa oħra
– ir-regola dwar is-servizzi
– regolament tekniku
– abbozz ta' regolament tekniku

**KAPITOLU II**

***Il-proċedura applikabbli għar-regolamenti tekniċi***

I. Il-komunikazzjoni u d-distribuzzjoni ta' informazzjoni dwar abbozzi ta' regolamenti tekniċi u r-reazzjonijiet possibbli miftuħa għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri (*l-Artikoli 5 u 6)*

1. L-ewwel stadju: l-obbligu ta' informazzjoni.

a) Obbligi tal-Istati Membri:
1. Regoli ġenerali
2. Każijiet speċifiċi

b) Obbligi tal-Kummissjoni

2. It-tieni stadju: reazzjonijiet possibbli miftuħa għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri (kummenti, opinjonijiet dettaljati, "posponiment")

II. L-obbligu li jiġi osservat il-perjodu ta' waqfien (*l-Artikolu 6*)

III. Eċċezzjonijiet għall-obbligu ta' notifika u ta' osservazzjoni tal-perjodi ta' waqfien *(l-Artikolu 7)*

**KAPITOLU III**

***Il-proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fir-rigward ta' standards***

L-obbligu tal-Istati Membri li jinnotifikaw talbiet għat-tfassil ta' speċifikazzjonijiet tekniċi jew standard *(l-Artikolu 4)*

## KAPITOLU IV

***Il-Kumitat Permanenti*** *(l-Artikoli 2 u 3)*

Il-kompożizzjoni u r-rwol tal-Kumitat Permanenti

## KAPITOLU V

***L-applikazzjoni tad-Direttiva***

I. Rapporti u statistika (*l-Artikolu 8*)
II. Referenza għad-Direttiva fiż-żmien tal-adozzjoni tar-regolamenti tekniċi (*l-Artikolu 9*)
III. Skeda ta' żmien u metodi ta' applikazzjoni

## KAPITOLU VI

***Aċċess għall-informazzjoni minn individwi privati u mill-industrija u l-għażliet ta' reazzjoni tagħhom***

1. Il-bażi tad-*data* TRIS
2. Il-kontribuzzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati
3. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali
4. Talba għal aċċess għal dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001

5. In-nuqqas ta' applikabbiltà tar-regolamenti tekniċi "mhux notifikati"

## KONKLUŻJONI

## GĦAŻLA TA' BIBLJOGRAFIJA

**I. Artikoli**

**II. Pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea**

**III. Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja**

**IV. Dokumenti oħrajn**

## INTRODUZZJONI: ID-DIRETTIVA (UE) 2015/1535, STRUMENT TA' TRASPARENZA GĦAS-SERVIZZ TAS-SUQ UNIKU

Fil-bidu tas-snin 80, il-Kummissjoni, abbażi tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja magħrufa bħala s-sentenza "Cassis de Dijon", varat politika ġdida mfassla biex tlesti s-Suq Intern abbażi ta' tliet kunċetti:

- Aċċettazzjoni f'kull Stat Membru ta' prodotti legalment kummerċjalizzati fil-bqija tal-Komunità ("rikonoxximent reċiproku");

- Armonizzazzjoni limitata għal setturi ekonomiċi importanti li jkopru, b'mod partikolari, is-saħħa, is-sigurtà u l-ambjent;

- Approċċ ibbażat fuq il-prevenzjoni għall-monitoraġġ tar-regolamenti nazzjonali.

Mill-1984, id-Direttiva 83/189/KEE[1] li, wara żewġ kodifikazzjonijiet, saret l-ewwel Direttiva 98/34/KE[2], u mbagħad id-Direttiva (UE) 2015/1535[3], stabbiliet mekkaniżmu preventiv, li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu ġie estiż b'mod progressiv.

Illum, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma obbligati jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe abbozz ta' regolament tekniku dwar prodotti u servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika <u>qabel</u> ma jiġu adottati fil-liġi nazzjonali.

Il-kunċett kien rivoluzzjonarju dak iż-żmien u baqa' hekk.

Id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri li qablu li jieħdu sehem f'sistema reċiproka ta' trasparenza u monitoraġġ fil-qasam regolatorju. Din l-inizjattiva kienet oriġinali b'diversi modi:

– Is-sistema hija ta' natura preventiva: l-informazzjoni tiġi pprovduta meta r-regolamenti tekniċi relatati ma' prodotti jew regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà tal-informatika jkunu għadhom fl-istadju tal-abbozz, u jistgħu jiġu emendati sabiex jikkonformaw mal-prinċipji tas-Suq Uniku.

– Mhijiex biss il-Kummissjoni li tista' teżamina u timmonitorja l-abbozzi ta' testi nazzjonali permezz tal-operazzjoni ta' perjodi ta' waqfien, iżda wkoll l-Istati Membri kollha; dawn tal-aħħar irrikonoxxew il-vantaġġi ta' proċedura li tippermetti influwenza reċiproka fuq il-proċessi leġiżlattivi tagħhom. It-Trattat innifsu għamel sempliċiment dispożizzjoni għal monitoraġġ retrospettiv mill-Istati Membri, permezz tal-użu ta' proċeduri ta' ksur aktar ikkumplikati li rarament jiġu applikati bejn l-Istati Membri.

– Is-sistema tippermetti wkoll li l-abbozz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali jiġi pospost għal ċertu perjodu biex tiġi ffaċilitata d-diskussjoni fil-livell tal-UE dwar il-kwistjoni fid-dawl tal-

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE tat-28 ta' Marzu 1983 li tistabbilixxi proċedura għall-provvediment tat-tagħrif fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi (ĠU L 109, 26.4.1983, p. 8).

[2] Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi (ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37).

[3] Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

inizjattivi ta' armonizzazzjoni. Barra minn hekk, permezz ta' dan l-osservatorju leġiżlattiv, il-ħtiġijiet reali għall-armonizzazzjoni jistgħu jiġu identifikati b'mod aktar faċli.

Is-sistema, li bdiet bil-mod, kisbet momentum u pprovdiet lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-intrapriżi b'informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali fil-qasam tekniku (eż. regoli relatati mal-kompożizzjoni tal-prodott, it-tikkettar, l-isem, l-ittestjar, eċċ., kif ukoll regoli relatati maċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott sar-rimi). Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ġie estiż b'mod progressiv, sabiex issa jkopri l-prodotti agrikoli, tas-sajd u dawk manifatturati b'mod industrijali kollha u jqis għadd dejjem jikber ta' dispożizzjonijiet, b'mod partikolari biex jipprevjeni kwalunkwe miżura li indirettament teħtieġ konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi milli tiżgiċċa. Fl-1998, il-proċedura ġiet estiża bid-Direttiva 98/48/KE biex tinkludi regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.[4]

Il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tad-Direttiva ġie estiż gradwalment ukoll. Id-Direttiva 98/34/KE, li kienet diġà ġiet implimentata parzjalment fil-pajjiżi tal-EFTA mill-1990[5], ġiet estiża wkoll parzjalment għat-Turkija skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ma' dak il-pajjiż[6]. Id-Direttiva pprovdiet ukoll mudell għal Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa[7].

L-aktar kodifikazzjoni reċenti fl-2015 żgurat li dawn il-bidliet jiġu riflessi f'test legali wieħed.

L-applikazzjoni tal-proċedura ta' notifika wasslet għal prattiki ġodda. Filosofija sħiħa ta' skambju ta' informazzjoni, djalogu u kooperazzjoni evolviet bejn l-Istati Membri. Dan il-mekkaniżmu wera wkoll li huwa għodda ta' parametraġġ referenzjarju li tippermetti lill-Istati Membri jibbażaw fuq l-ideat tas-sħab tagħhom sabiex isolvu problemi komuni rigward ir-regolamenti tekniċi, speċjalment f'settur regolat ġdid bħas-servizzi diġitali u teknoloġiji ġodda. Permezz ta' dan l-istrument, il-Kummissjoni mhux biss jirnexxielha tneħħi dispożizzjonijiet li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni, iżda tikkontribwixxi wkoll għall-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali biex jiġi żgurat li l-operaturi ekonomiċi jkunu informati bis-sħiħ dwar id-drittijiet tagħhom u l-applikazzjoni tal-permess fil-prattika tal-prinċipju ta' "rikonoxximent reċiproku". Dan il-prinċipju ġej mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) dwar l-interpretazzjoni tagħha tal-Artikoli 34 sa 36 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

---

4 Id-Direttiva 83/189/KEE ġiet emendata prinċipalment mid-Direttiva tal-Kunsill 88/182/KEE tat-22 ta' Marzu 1988 (ĠU L 81, 26.3.1988, p. 75) u mid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/10/KE tat-23 ta' Marzu 1994 (ĠU L 100, 19.4.1994, p. 30). Id-Direttiva 98/34/KE tat-22 ta' Ġunju 1998 ikkodifikat id-Direttiva 83/189/KEE u l-emendi sussegwenti kollha tagħha. Id-Direttiva 98/34/KE ġiet emendata sostanzjalment diversi drabi, u ġiet ikkodifikata bid-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

5 Il-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-EFTA u l-KEE li jistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi daħal fis-seħħ f'Novembru 1990. Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, applikabbli mill-1 ta' Jannar 1994, sussegwentement inkorpora d-Direttiva 83/189/KEE bl-adattamenti meħtieġa. L-Iżvizzera, għalkemm mhux firmatarja ta' dan il-Ftehim, tkompli tapplika l-proċedura għall-iskambju ta' informazzjoni. Fid-29 ta' Marzu 2019, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE adotta d-Deċiżjoni Nru 75/2019 tiegħu li tinkorpora d-Direttiva (UE) 2015/1535, bl-adattamenti meħtieġa, fil-Ftehim ŻEE. Dan daħal fis-seħħ għall-Istati taż-ŻEE-EFTA fl-1 ta' Diċembru 2019.

6 Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija (ĠU C Vol. 16 Nru C 113, 24.12.1973) u d-Deċiżjoni 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-unjoni doganali (ĠU L 35, 13.12.1996, p. 1).

7 Il-Konvenzjoni Nru 180 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Informazzjoni u l-Kooperazzjoni Legali li tikkonċerna "Servizzi tas-Soċjetà tal-Informazzjoni".

Skont il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, kull Stat Membru għandu jippermetti aċċess għas-suq fit-territorju tiegħu għal kwalunkwe prodott legalment kummerċjalizzat fi Stat Membru ieħor. Ir-restrizzjoni jew iċ-ċaħda ta' dak id-dritt hija soġġetta għal ġustifikazzjoni u hija possibbli biss fejn ikunu involuti interessi pubbliċi leġittimi, bħall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà.

Il-Kummissjoni, wara diversi talbiet mill-Kunsill Kompetittività, impenjat ruħha għal aktar rikonoxximent reċiproku u rikonoxximent aħjar, u pproponiet "Klawsola dwar is-Suq Uniku" li għandha importanza politika u legali inerenti. Il-"Klawsola dwar is-Suq Uniku" tinsab fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2017)787 final ("Il-Pakkett dwar il-Prodotti: Insaħħu l-fiduċja fis-suq uniku") tad-19 ta' Diċembru 2017[8] b'formulazzjoni ċara u mhux ambigwa tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku. L-Istati Membri huma mħeġġa jirriproduċu b'mod sistematiku fir-regoli tekniċi tagħhom il-"Klawsola dwar is-Suq Uniku" li ġejja[9]:

*"Il-prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew fit-Turkija, jew li joriġinaw u jkunu legalment kummerċjalizzati fi Stat tal-EFTA li jkun parti kontraenti għall-ftehim ŻEE huma preżunti kompatibbli ma' din il-miżura. L-applikazzjoni ta' din il-miżura hija soġġetta għar-Regolament (UE) 2019/515 tad-19 ta' Marzu 2019 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor mid-19 ta' April 2020."*

F'dan ir-rigward, sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' regolamenti tekniċi li jqajmu ostakli regolatorji għall-kummerċ, il-Kummissjoni tenfasizza b'mod konsistenti l-importanza tal-introduzzjoni tal-"klawsola dwar is-suq uniku" f'abbozzi ta' regolamenti tekniċi li jistabbilixxu regoli f'oqsma mhux armonizzati jew armonizzati b'mod mhux eżawrjenti.

Il-konsegwenza għal din l-aċċettazzjoni ta' prodotti mill-bqija tal-Unjoni Ewropea - estiża mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea għal prodotti minn pajjiżi tal-EFTA firmatarji għall-Ftehim[10] - hija rikonoxximent reċiproku tar-regolamenti relatati mad-disinn, il-manifattura u l-ittestjar ta' prodotti, u l-proċeduri ta' stima tal-konformità użati; l-Istati Membri u l-Kummissjoni huma infurmati dwar dawn ir-regolamenti permezz tal-proċedura għall-għoti ta' informazzjoni stabbilita mid-Direttiva (UE) 2015/1535.

Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali[11], li tipprevedi l-eliminazzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi jew miżuri li għandhom effett ekwivalenti bejn l-UE u t-Turkija, jiġu interpretati għall-għanijiet tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom għall-prodotti koperti mill-Unjoni Doganali, f'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-QĠUE dwar id-dispożizzjonijiet tat-TFUE, b'mod partikolari l-Artikoli 34 sa 36 tiegħu.

Id-Direttiva 98/34/KE, billi testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ta' informazzjoni għar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, żgurat, minn Awwissu 1999, il-

[8] Disponibbli fuq https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/1/2017/MT/COM-2017-787-F1-MT-MAIN-PART-1.PDF, ara t-Taqsima 3.

[9] Barra minn hekk, fuq talba speċifika tal-Parlament Ewropew, il-premessa 16 tar-Regolament li għadu kif ġie adottat dwar ir-rikonoxximent reċiproku (ir-Regolament 2019/515) tħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw b'mod sistematiku l-klawżola dwar is-suq uniku fir-regoli tekniċi tagħhom.

[10] Għandu jiġi indikat li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea japplikaw biss għal "prodotti li joriġinaw mill-Partijiet Kontraenti" u mhux, konsegwentement, għal prodotti sempliċiment ikkummerċjalizzati hemmhekk.

[11] ĠU L 35, 13.2.1996, p. 1.

prevenzjoni ta' ostakli ġodda għal-libertà tal-istabbiliment u l-moviment liberu tas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika billi jiġi pprovdut mekkaniżmu biex tiġi analizzata l-kompatibbiltà ta' leġiżlazzjoni nazzjonali ġdida f'dan il-qasam mal-Artikoli 49, 56 tat-TFUE u mal-leġiżlazzjoni sekondarja.

Skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE, l-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE jimponu t-tneħħija ta' restrizzjonijiet, jiġifieri tal-*"miżuri kollha li jipprojbixxu, jostakolaw jew irendu inqas attraenti l-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet"* (il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi).[12]

Sabiex tkun ammissibbli bħala eċċezzjoni għal-libertajiet fundamentali tas-suq intern f'żona mhux armonizzata, restrizzjoni nazzjonali għandha, abbażi tal-ġurisprudenza, tkun iġġustifikata, jiġifieri xierqa, meħtieġa u proporzjonata għall-objettiv pubbliku li jrid jintlaħaq.[13] Fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, b'mod partikolari, dan ifisser li r-regolamenti nazzjonali li ma jagħtu l-ebda benefiċċju għall-ħtiġijiet diġà ssodisfati minn operatur fl-Istat Membru ta' stabbiliment tiegħu, li minnu joffri s-servizzi tiegħu[14] se jirriżulta li jkun restrizzjoni sproporzjonata u għalhekk inammissibbli skont id-dritt tal-Unjoni fejn jiġi pprovdut is-servizz inkwistjoni, bħal fil-każ tas-servizzi tas-soċjetà tal-informatika, mingħajr ma l-fornitur ikollu jidħol fit-territorju tal-Istat Membru li fih jiġi rċevut is-servizz.[15]

Għalhekk, meta jiġu eżaminati abbozzi ta' regoli nazzjonali fil-qasam tas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, l-objettiv prevalenti tal-Kummissjoni kien, pereżempju, li jopponi kwalunkwe approċċ regolatorju nazzjonali mmirat lejn l-applikazzjoni ta' arranġamenti legali ekstraterritorjali ġenerali li ma jagħmlu l-ebda distinzjoni bejn operaturi bbażati fl-Istat Membru notifikanti u dawk li jixtiequ jipprovdu servizzi f'tali Stat Membru mingħajr, madankollu, ma jiġu stabbiliti hemmhekk. Il-Kummissjoni żgurat ukoll li r-regoli nazzjonali ppjanati ma jimponux kostijiet legali jew amministrattivi bla bżonn jew eċċessivi fuq l-operaturi u possibbilment fuq l-utenti.

Sabiex id-Direttiva tkun kompletament effettiva, l-atturi kollha - l-awtoritajiet nazzjonali u l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea - jeħtieġ li jkollhom fehim bir-reqqa tad-dispożizzjonijiet tagħha u għalhekk ikunu konxji b'mod preċiż tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom.

Dan huwa aktar importanti peress li l-QĠUE, f'April 1996, stabbiliet il-prinċipju li n-nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' notifika jirriżulta li r-regolamenti tekniċi kkonċernati ma jkunux applikabbli, sabiex ma jkunux jistgħu jiġu infurzati kontra individwi.[16] Din il-ġurisprudenza, li ġiet ikkonfermata f'diversi okkażjonijiet mill-QĠUE[17], ġiet applikata wkoll għal regolamenti tekniċi adottati bi ksur tal-perjodu ta' waqfien[18].

---

12 Il-Kawża C-439/99 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* EU:C:2002:14.

13 Il-Kawża C-76/90 *Dennemeyer* EU:C:1991:331; Il-Kawża C-55/94 *Gebhard* EU:C:1995:411 u l-Kawża C-369/96 *Arblade* EU:C:1999:575.

14 Ara s-sentenza *Arblade* ċċitata hawn fuq, nota f'qiegħ il-paġna 13.

15 Ara s-sentenza *Dennemeyer* iċċitata hawn fuq, nota f'qiegħ il-paġna 13.

16 Il-Kawża C-194/94 *CIA Security EU:C:1996:172.*

17 Il-Kawża C-443/98 *Unilever* EU:C:2000:496; Il-Kawża C-159/00 *Sapod Audic* EU:C:2002:343; Il-Kawża C-26/11 *Belgische Petroleum Unie et* EU:C:2013:44; Il-Kawża C-336/14 *Ince* EU:C:2016:72; Il-Kawża C-285/15 *Beca Engineering* EU:C:2016:295; Il-Kawża C-144/16 *Município de Palmela* EU:C:2017:76; Il-Kawża C-299/17 *CIA Security EU:C:2019:716.*

18 Il-Kawża C-443/98 *Unilever* EU:C:2000:496; Il-Kawża C-95/14, *UNIC and Uni.co.pel* EU:C:2015:492.

L-għan ta' dan il-ktejjeb huwa li jinforma lill-atturi kollha - u b'mod partikolari lill-manifatturi u lill-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informatika tal-Ewropa - dwar l-objettivi, il-kontenut u l-kamp ta' applikazzjoni ta' strument ewlieni tal-Unjoni Ewropea għat-tneħħija fis-sors ta' ostakli tekniċi għall-moviment liberu tal-merkanzija, għal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika fis-Suq Uniku.

## KAPITOLU I: IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAD-DIRETTIVA

L-Artikolu 1 jiddefinixxi t-tifsira mogħtija mid-Direttiva għal għadd ta' termini ewlenin, użati fid-dispożizzjonijiet kollha tagħha. Din il-kjarifika terminoloġika u semantika hija essenzjali għal fehim effettiv tat-test u simultanjament tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

### Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva

***"Artikolu 1***

*1. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:*

*(a) "prodott" tfisser kull prodott fabbrikat b'mod industrijali u kull prodott agrikolu, inklużi prodotti mill-ħut;"*

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-verżjoni inizjali tad-Direttiva (jiġifieri 83/189/KEE) eskluda l-prodotti kożmetiċi skont it-termini tad-Direttiva 76/768/KEE[19], il-prodotti mediċinali skont it-termini tad-Direttiva 65/65/KEE[20], il-prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem u mill-annimali u l-prodotti agrikoli, skont it-tifsira tal-Artikolu 38(1) tat-TFUE.

Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ġie estiż, peress li t-tħaddim tal-proċedura ta' informazzjoni wera li diversi regolamenti u standards nazzjonali li jinvolvu ostakli għall-kummerċ intra-UE ma kinux ġew immonitorjati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri minħabba li ċerti prodotti ma kinux koperti.

Sabiex tiġi ċċarata d-definizzjoni wiesgħa ħafna li issa tintuża għall-prodotti, ta' min ifakkar li l-QĠUE inkludiet fil-qafas tad-dispożizzjonijiet relatati mal-moviment liberu tal-merkanzija skont l-Artikolu 34 tat-TFUE, *"prodotti li jistgħu jiġu vvalutati f'termini monetarji u li jistgħu, bħala tali, jiffurmaw is-suġġett ta' tranżazzjonijiet kummerċjali*"[21]. F'dan il-kuntest, il-Qorti ddeċidiet ukoll li l-iskart, kemm jekk riċiklabbli kif ukoll jekk le, għandu jitqies bħala prodott li l-moviment tiegħu, fil-prinċipju, m'għandux jiġi evitat[22]. Huwa xieraq li dan jitqies fid-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

*"(b) "servizz" tfisser kull servizz tas-Soċjetà tal-Informatika, jiġifieri kull servizz normalment ipprovdut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi*[23].

*Għall-għanijiet ta' din id-definizzjoni:*

---

[19] Imħassra bir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59)

[20] Imħassra bid-Direttiva 2001/83/KE tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem. (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

[21] Il-Kawża 7/68 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* EU:C:1968:51.

[22] Il-Kawża 2/90 *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* EU:C:1992:310.

[23] Il-kunċett ta' servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika ġie introdott mid-Direttiva 98/48/KE u mbagħad intuża fid-Direttiva 98/84/KE dwar il-protezzjoni legali ta' servizzi bbażati fuq, jew li jikkonsistu minn, aċċess kondizzjonali (ĠU L 320, 28.11.1998, p. 54) u d-Direttiva 2000/31/KE dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).

*(i) "mill-bogħod" tfisser illi servizz jiġi pprovdut mingħajr ma l-partijiet ikunu preżenti simultanjament,*

*(ii) "b'mezzi elettroniċi" tfisser illi fil-bidu s-servizz jintbagħat u jiġi rċevut fid-destinazzjoni tiegħu permezz ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża kompressjoni diġitali) u l-ħażna ta' data, u dan jiġi trasmess, imwassal u rċevut għalkollox permezz ta' wajers, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi oħra elettro-manjetiċi,*

*(iii) "fuq it-talba individwali ta' riċevitur tas-servizzi" tfisser illi s-servizz jiġi pprovdut permezz tat-trasmissjoni ta' data fuq talba individwali.*

*Lista indikattiva tas-servizzi mhux koperti b'din id-definizzjoni hija mogħtija fl-Anness I."*

Għandu jiġi enfasizzat li l-inklużjoni tas-Servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika kienet estensjoni importanti ħafna tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, li ġabitha konformi ma' żviluppi ġodda fil-kummerċ internazzjonali.

Skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE, l-erba' kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 2015/1535 biex attività titqies bħala servizz tas-soċjetà tal-informatika ("kull servizz normalment ipprovdut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi") huma kumulattivi[24].

Sabiex jiġi ddeterminat jekk attività taqax taħt id-definizzjoni ta' servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, l-ewwel huwa meħtieġ li jiġi vverifikat jekk l-attività inkwistjoni tikkostitwixxix "servizz" f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti stipulat li l-"*karatteristika essenzjali tar-remunerazzjoni* […] *tinsab fil-fatt li din tkun magħmula minn konsiderazzjoni għas-servizzi in kwistjoni*".[25] Karatteristika bħal din hija nieqsa fl-attivitajiet li l-Istat iwettaq mingħajr kunsiderazzjoni fil-qafas tal-kompiti tiegħu, b'mod partikolari fl-oqsma soċjali, kulturali, edukattivi u ġudizzjarji. Għal din ir-raġuni, il-Premessa 19 tad-Direttiva 98/48/KE kkonkludiet li d-"*dispożizzjonijiet nazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' dawn l-attivitajiet mhumiex koperti bid-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 60 [issa l-Artikolu 57] tat-Trattat u għalhekk ma jaqgħux fi ħdan il-firxa ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva*".

Madankollu, fir-rigward tad-definizzjoni ta' "rimunerazzjoni" tas-servizzi, il-QĠUE rrikonoxxiet li s-servizz ma jeħtieġx li jitħallas minn dawk li għalihom jitwettaq[26]. Pereżempju, l-attivitajiet iffinanzjati kompletament mir-reklamar huma rimunerati u għalhekk jikkostitwixxu servizzi.

Imbagħad, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk is-servizz huwiex, fit-termini tad-Direttiva, "servizz tas-Soċjetà tal-Informatika". F'konformità mal-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva, servizz tas-Soċjetà tal-Informatika tfisser servizz ipprovdut: "*mill-bogħod*", "*b'mezzi elettroniċi*" u "*fuq it-talba individwali ta' riċevitur tas-servizzi*".

Il-kunċett ta' "*mill-bogħod*" jikkonċerna sitwazzjonijiet li fihom is-servizz jiġi pprovdut bl-użu ta' tekniki ta' komunikazzjoni mill-bogħod, li għalhekk huma kkaratterizzati mill-fatt li l-partijiet (jiġifieri l-fornitur tas-servizz u r-riċevitur) mhumiex preżenti fiżikament u simultanjament.

---

24 Il-Kawża C-390/18 Airbnb Ireland EU:C:2019:1112.

25 Il-Kawża C-109/92 *Wirth* EU:C:1993:916.

26 Il-Kawża C-352/85 *Bond van Adverteerders* EU:C:1988:196.

L-espressjoni "*b'mezzi elettroniċi*" tfisser servizzi li l-elementi kostitwenti tagħhom huma trażmessi, imwassla u rċevuti f'network elettroniku. Is-servizz għandu jiġi kkonsenjat mill-punt tat-tluq tiegħu sal-punt tal-wasla tiegħu permezz ta' tagħmir elettroniku (ipproċessar u ħżin) u permezz ta' mezzi tat-telekomunikazzjoni.

Fl-aħħar nett, is-servizz għandu jiġi pprovdut permezz tat-trażmissjoni ta' *data* fuq talba individwali. Dan jikkostitwixxi l-element ta' interattività li jikkaratterizza s-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika u jiddistingwihom minn servizzi oħra li jintbagħtu mingħajr ma tkun meħtieġa talba mir-riċevitur. Għal din ir-raġuni, l-Artikolu 1(2) jispeċifika li d-Direttiva ma tapplikax għas-servizzi tax-xandir bir-radju u għas-servizzi tax-xandir bit-televiżjoni koperti mill-punt (e) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2010/13/UE[27].

Barra minn hekk, l-Anness I fih lista indikattiva ta' servizzi mhux koperti mid-definizzjoni stabbilita mill-Artikolu 1(1)(b), organizzata fi tliet kategoriji. B'mod partikolari, l-ewwel kategorija tikkonċerna *"servizzi mhux ipprovduti 'mill-bogħod'"*, peress li s-servizzi pprovduti fil-preżenza fiżika tal-fornitur u tar-riċevitur ma jistgħux jitqiesu bħala servizz tas-Soċjetà tal-Informatika, skont it-tifsira tad-Direttiva, anki jekk jinvolvu l-użu ta' mezzi elettroniċi. It-tieni kategorija hija relatata ma*' "servizzi mhux ipprovduti 'b' mezzi elettroniċi'"*, bħal, pereżempju, distributuri awtomatiċi ta' flus jew biljetti jew CD-ROMs. It-tielet kategorija tagħti eżempji ta' "*servizzi mhux ipprovduti 'fuq it-talba individwali ta' riċevitur tas-servizzi'"*, bħal servizzi tax-xandir bit-televiżjoni jew bir-radju.[28]

Eżempji ta' servizzi koperti mid-Direttiva huma servizzi ta' informazzjoni online ġenerali (gazzetti, bażijiet tad-data eċċ.), attivitajiet ta' monitoraġġ mill-bogħod, telebejgħ interattiv, posta elettronika, riservazzjonijiet ta' titjiriet online, servizzi professjonali online (aċċess għal bażijiet tad-data, dijanjostika eċċ.), servizz ta' intermedjazzjoni online maħsub biex jgħaqqad, għal rimunerazzjoni, mistiedna potenzjali ma' ospiti professjonali jew mhux professjonali li joffru akkomodazzjoni għal żmien qasir[29].

*"(c) "speċifikazzjoni teknika" tfisser speċifikazzjoni li tinsab f'dokument li jistabbilixxi l-karatteristiċi meħtieġa ta' prodott bħalma huma l-livelli ta' kwalità, ir-riżultat tal-ħidma, is-sigurtà jew id-dimensjonijiet, inklużi l-ħtiġiet li japplikaw għall-prodott rigward l-isem li bih il-prodott jinbiegħ, it-terminoloġija, is-simboli, l-eżaminazzjoni u l-metodi tal-eżaminazzjoni, l-imballaġġ, l-immarkar jew l-ittikkettjar u l-proċeduri ta' stima tal-konformità.*

*It-terminu "speċifikazzjoni teknika" jkopri wkoll il-metodi u l-proċessi tal-produzzjoni użati rigward il-prodotti agrikoli, li hemm referenza għalihom fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 38(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem u mill-annimali, u l-prodotti mediċinali ddefiniti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30], kif ukoll il-metodi u l-proċessi tal-*

---

27 Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

28 Fis-sentenza Mediakabel tat-2 ta' Ġunju 2005, il-Kawża C-89/04, EU:C:2005:348, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li near-video-on-demand mhuwiex Servizz tas-Soċjetà tal-Informatika peress li ma jiġix ipprovdut mill-bogħod.

29 Il-Kawża C-390/18 *Airbnb Ireland* EU:C:2019:1112.

30 Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

*produzzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' prodotti oħra, fejn dawn ikollhom effett fuq il-karatteristiċi tagħhom;"*

Din id-dispożizzjoni tiddefinixxi l-kunċett ta' speċifikazzjoni teknika, terminu ġeneriku li jkopri standards kif ukoll regolamenti tekniċi.

Din tistipula li d-dokument li fih l-ispeċifikazzjoni teknika jiddefinixxi ""*l-karatteristiċi meħtieġa ta' prodott*". L-eżempji mogħtija mhumiex eżawrjenti: il-kompożizzjoni tal-prodott[31], il-forma, il-piż, l-imballaġġ[32], il-preżentazzjoni[33], il-prestazzjoni, it-tul tal-ħajja, il-konsum tal-enerġija, eċċ., setgħu jiġu miżjuda. Speċifikazzjoni teknika tippresupponi li l-miżura nazzjonali li tippreskriviha tirreferi għall-prodott jew għall-imballaġġ tiegħu bħala tali u li għalhekk tistabbilixxi waħda mill-karatteristiċi meħtieġa ta' dak il-prodott[34] [35].

L-ispeċifikazzjoni tista' sservi għadd kbir ta' għanijiet: pereżempju, il-protezzjoni tal-konsumatur, tal-ambjent, tas-saħħa jew tas-sigurtà pubblika, l-istandardizzazzjoni tal-produzzjoni, it-titjib tal-kwalità, il-ġustizzja tat-tranżazzjonijiet kummerċjali, iż-żamma tal-ordni pubbliku. Tali speċifikazzjonijiet, madankollu, ma għandhomx jiġu introdotti għal prodotti mingħajr ġustifikazzjoni soda: li jaqdu interess pubbliku leġittimu li huwa oġġettiv u li huwa proporzjonat.

Il-verżjoni inizjali tad-Direttiva llimitat id-definizzjoni ta' speċifikazzjoni teknika għall-karatteristiċi meħtieġa tal-prodott. It-twessigħ tal-kunċett ta' speċifikazzjoni teknika biex jiġu inklużi l-proċessi u l-metodi tal-produzzjoni sar f'żewġ stadji: l-ewwel nett fl-1988 (bid-Direttiva 88/182/KEE[36]) fir-rigward ta' prodotti agrikoli, prodotti għall-konsum mill-bniedem u mill-annimali u prodotti mediċinali, fiż-żmien tal-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva; it-tieni nett fl-1994 (bid-Direttiva 94/10/KE[37]) fir-rigward ta' prodotti oħra, għal raġunijiet ta' konsistenza.

Fil-qasam tal-agrikoltura, il-prodotti għall-konsum mill-bniedem u mill-annimali u l-prodotti mediċinali, il-metodi u l-proċessi ta' produzzjoni ġeneralment jaffettwaw il-prodott innifsu (pereżempju, l-obbligu li l-baqar jiġu mlaqqma qabel jinbiegħu[38]). Dan mhux dejjem ikun il-każ fis-setturi l-oħra tal-prodotti, u hawnhekk id-Direttiva tagħmel impatt fuq il-prodott kundizzjoni ta' notifika tal-metodi u l-proċessi ta' produzzjoni kkonċernati, bl-esklużjoni speċifika ta' regolamenti relatati mal-organizzazzjoni tax-xogħol, li ma taffettwax il-prodotti.

L-eżaminazzjoni u l-metodi tal-eżaminazzjoni, ikkwotati bħala eżempji ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, ikopru l-metodi tekniċi u xjentifiċi li għandhom jintużaw biex jiġu evalwati l-karatteristiċi

---

[31] Il-Kawża C-303/04 *Lidl Italia* EU:C:2005:528.

[32] Il-Kawża C-159/00 *Sapod Audic* EU:C:2002:343.

[33] Il-Kawża C-20/05 *Schwibbert* EU:C:2007:652.

[34] Fil-Kawża C-727/17 *ECO-WIND Construction* EU:C:2020:393, il-Qorti ddeċidiet li leġiżlazzjoni li sempliċiment tirregola l-installazzjoni ta' turbini eoliċi billi tistabbilixxi rekwiżit ta' distanza minima obbligatorju li għandha tiġi osservata għall-installazzjoni tagħhom ma tirreferix għal prodott bħala tali, f'dan il-każ it-turbini eoliċi, u, għalhekk, ma tistabbilix waħda mill-karatteristiċi meħtieġa ta' dak il-prodott skont it-tifsira tad-Direttiva.

[35] Il-Kawża C-711/19, *Admiral Sportwetten et*, EU:C:2020:812.

[36] Id-Direttiva tal-Kunsill 88/182/KEE tat-22 ta' Marzu 1988 li temenda d-Direttiva 83/189/KEE li tistabbilixxi proċedura għall-provvediment tat-tagħrif fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi (ĠU L 81, 26.3.1988, p. 75).

[37] Id-Direttiva 94/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 1994 li materjalment temenda għat-tieni darba d-Direttiva 83/189/KEE li tistabbilixxi proċedura għall-provvediment tat-tagħrif fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi (ĠU L 100, 19.4.1994, p. 30).

[38] Il-Kawża C-37/99 *Donkersteeg* EU:C:2000:636.

ta' prodott partikolari. Il-proċeduri ta' stima tal-konformità, li jissemmew ukoll, huma dawk użati biex jiġi żgurat li l-prodott huwa konformi ma' ħtiġijiet speċifiċi. Dawn huma r-responsabbiltà ta' korpi speċjalizzati, kemm pubbliċi kif ukoll privati, jew tal-manifattur.

L-inklużjoni ta' dawn il-parametri fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva hija ta' importanza kbira, minħabba li l-proċeduri ta' eżaminazzjoni u ta' stima tal-konformità jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, ikollhom effetti negattivi fuq il-kummerċ. Il-multipliċità u d-disparità tas-sistemi nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni ta' konformità jistgħu jikkawżaw ostakli tekniċi għall-kummerċ bl-istess mod bħall-ispeċifikazzjonijiet applikabbli għall-prodotti, li huma saħansitra aktar diffiċli biex jingħelbu minħabba l-kumplessità tagħhom.

*"(d) "ħtieġa oħra" tfisser ħtieġa, għajr speċifikazzjoni teknika, imposta fuq prodott bil-għan li tipproteġi, b'mod partikolari, il-konsumatur jew l-ambjent, u li taffettwa ċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu wara li jkun inħareġ fis-suq, bħalma huma l-kondizzjonijiet dwar l-użu, ir-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid jew ir-rimi, fejn dawn il-kondizzjonijiet jistgħu jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-kompożizzjoni jew in-natura tal-prodott jew il-bejgħ tiegħu fis-suq;"*

Il-kunċett ta' *"ħtieġa oħra"*, kif definit minn dan il-paragrafu, ma kienx jeżisti fil-verżjoni inizjali tad-Direttiva 83/189/KEE. Dan ġie introdott mid-Direttiva 94/10/KE, fiż-żmien tat-tieni emenda tat-test.

Dan it-terminu jkopri ħtiġijiet li ma jirrappreżentawx speċifikazzjonijiet tekniċi iżda kundizzjonijiet li għandhom effett fuq iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott, mill-perjodu tat-tqegħid fis-suq sal-fażi ta' ġestjoni jew rimi tal-iskart iġġenerat minnu.

Id-dispożizzjoni tispeċifika li din it-tip ta' ħtieġa hija prinċipalment imposta għall-finijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi jew tal-ambjent. Dawn huma tnejn mir-raġunijiet ta' objettivi leġittimi ewlenin ta' interess pubbliku li jistgħu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jiġġustifikaw il-fatt li Stat Membru jitbiegħed mill-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija billi jimponi projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet kummerċjali.

Il-"*kondizzjonijiet dwar l-użu, ir-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid jew ir-rimi ta' prodott",* ikkwotati bħala eżempji ta' "*ħtiġijiet oħra*", jirreferu għall-aktar każijiet speċifiċi importanti. Sabiex jikkwalifikaw bħala "*ħtiġijiet oħra*", dawn il-kundizzjonijiet aktarx li jkollhom effett sinifikanti fuq il-kompożizzjoni, in-natura jew it-tqegħid fis-suq tal-prodott[39]. Għalhekk, digriet relatat mal-ġestjoni tal-iskart mediċinali jew regolament nazzjonali li jfittex li jimponi sistema ta' ritorn jew ta' użu mill-ġdid għall-imballaġġ, jew anki l-ġbir separat ta' ċerti prodotti, bħal batteriji mormija, jista' jkun mistenni li jkun fih dispożizzjonijiet li jaqgħu fil-kategorija ta' "ħtiġijiet oħra".

*"(e) "regola dwar is-servizzi" tfisser ħtieġa ta' natura ġenerali li għandha x'taqsam mal-bidu u l-eżerċizzju ta' attivitajiet ta' servizzi fit-tifsira tal-punt (b), b'mod partikolari id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-fornitur tas-servizz, is-servizzi u r-riċevitur tas-servizzi, għajr kull regola li mhijiex speċifikament immirata lejn is-servizzi definiti f'dak il-punt.*

*Għall-għanijiet ta' din id-definizzjoni:*

---

[39] Il-Kawża C-303/15 *M. and S.* EU:C:2016:771, il-Kawża C-98/14 *Berlington* EU:C:2015:386, Kawżi magħquda C-213/11, C-214/11 u C-217/11 *Fortuna et* EU:C:2012:495, il-Kawża C-65/05 *Il-Kummissjoni vs Il-Greċja* EU:C:2006:673, il-Kawża C-267/03 *Lindberg* EU:C:2005:246, il-Kawża C-137/17 *Van Gennip et* EU:C:2018:771, il-Kawża C-727/17 *ECO-WIND Construction* EU:C:2020:393.

*(i) regola għandha tiġi kkunsidrata li tkun speċifikament immirata lejn is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika fejn, filwaqt li tqis id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tagħha u tal-parti operattiva tagħha, il-mira speċifika u l-għan tad-dispożizzjonijiet kollha jew ta' xi wħud minnhom individwali tagħha huma dawk li jirregolaw dawn is-servizzi b'mod espliċitu u mmirat;*

*(ii) regola m'għandhiex tiġi kkunsidrata li tkun speċifikament immirata lejn is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika jekk din taffettwa dawn is-servizzi biss b'mod impliċitu jew aċċidentali."*

Eżempji ta' miżuri li x'aktarx jikkostitwixxu regola dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika jinkludu miżuri li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet għall-bidu ta' attività (eż. regoli dwar l-istabbiliment ta' fornituri tas-servizzi[40], b'mod partikolari dawk dwar l-arranġamenti ta' awtorizzazzjoni jew ta' liċenzjar[41]); miżuri relatati mal-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' attività online (eż. projbizzjoni ġenerali fuq il-promozzjoni kummerċjali jew ċerti forom ta' reklamar, ħtiġijiet ta' reġistrazzjoni, projbizzjoni tal-pubblikazzjoni ta' ċertu tip ta' informazzjoni[42]); miżuri li jikkonċernaw il-fornitur ta' servizzi online (eż. ħtiġijiet relatati mal-esperjenza professjonali meħtieġa biex wieħed ikun konsulent tat-taxxa online); miżuri li jikkonċernaw il-provvista ta' servizzi online (eż. liġijiet li jistabbilixxu t-tariffi massimi li jistgħu jintalbu, obbligi obbligatorji tal-assigurazzjoni jew tar-rapportar) u miżuri relatati mar-riċevitur ta' tali servizzi (eż. parteċipazzjoni limitata għal ċertu grupp ta' età, miżuri li japplikaw għal kategoriji speċifiċi ta' riċevituri, bħal minorenni); u kif ukoll l-estensjoni tad-dritt esklussiv li jiġu operati ċerti logħob tal-azzard mogħti lil entità pubblika għat-territorju nazzjonali kollu għal operazzjonijiet fuq l-internet[43].

Huwa estremament importanti li jiġi enfasizzat li l-obbligu ta' notifika minn qabel ma japplikax għall-abbozzi ta' regolamenti nazzjonali kollha li - direttament jew indirettament, b'mod espliċitu jew impliċitu - jistgħu jikkonċernaw is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika. Huma biss numru limitat u kategorija definita sew ta' abbozzi ta' regolamenti nazzjonali li se jkollhom, għall-għanijiet tad-Direttiva, jiġu nnotifikati minn qabel, jiġifieri r-regolamenti mmirati speċifikament għas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika. Ir-regolamenti l-oħra kollha li jaffettwaw is-servizzi mhumiex notifikabbli.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, wieħed għandu jinnota li d-Direttiva teħtieġ in-notifika ta' abbozzi regolatorji li l-ġustifikazzjoni, il-kontenut jew l-iskop tagħhom[44] jindikaw li huma ddedikati direttament u b'mod miftuħ, kompletament jew parzjalment, għar-regolamentazzjoni tas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika. Id-dispożizzjoni(jiet) fi strument regolatorju nazzjonali għandha/għandhom tiġi/jiġu abbozzata/i b'mod espliċitu jew fi kwalunkwe każ iddisinjata/i speċifikament biex jirrifletti/jirriflettu l-fatt li l-attività/is-servizz jiġi fornut *"mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi"*.

Punt ieħor li għandu jiġi enfasizzat huwa li mhumiex biss l-istrumenti regolatorji li *fit-totalità tagħhom* huma ddedikati għas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (eż. liġi dwar il-firem elettroniċi) li jridu jiġu nnotifikati. Regolamenti *li parti minnhom biss* (possibbilment artikolu jew

---

40 Fil-Kawża C-255/16 *Falbert* EU:C:2017:983, il-QĠUE iċċarat li *" "Dispożizzjonijiet nazzjonali li kulma jagħmlu huwa li jipprevedu l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment jew għall-provvista ta' servizzi minn impriżi, bħad-dispożizzjonijiet li jissuġġettaw l-eżerċizzju ta' attività professjonali għal awtorizzazzjoni minn qabel, ma jikkostitwixxux regolamenti tekniċi".*

41 Ara l-Premessa 18 tad-Direttiva 98/48/KE.

42 Il-Kawża C-299/17 *VG Media* EU:C:2019:716.

43 Il-Kawża C-275/19 *Sportingbet and Internet Opportunity Entertainment* EU:C:2020:856.

44 Il-Kawża C-255/16 *Falbert,* sentenza ċċitata hawn fuq, nota f'qiegħ il-paġna 41.

anki paragrafu) speċifikament tikkonċerna servizz tas-Soċjetà tal-Informatika (eż. fi ħdan liġi dwar il-pornografija, dispożizzjoni speċifika dwar ir-responsabbiltà ta' fornitur tal-aċċess għall-Internet) trid tiġi nnotifikata wkoll.[45]

Dispożizzjoni għandha titqies bħala "speċifikament intiża għas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni fir-rigward kemm tal-motivazzjoni tagħha kif ukoll tat-test tad-dispożittiv tagħha" jekk tfittex din il-mira jew dan l-għan f'uħud mid-dispożizzjonijiet tagħha. Anki fil-każ fejn ma jirriżultax mill-formulazzjoni biss ta' regola nazzjonali li din tal-aħħar hija intiża, għall-inqas parzjalment, li tirregola speċifikament servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, dan l-għan jista' madankollu jirriżulta b'mod ċar mill-motivazzjoni ta' din ir-regola, hekk kif tirriżulta, f'konformità mar-regoli ta' interpretazzjoni nazzjonali rilevanti f'dan ir-rigward, fost l-oħrajn mix-xogħol preparatorju tal-imsemmija regola.[46]

Min-naħa l-oħra, m'hemmx bżonn li jiġu nnotifikati dawk ir-regolamenti tekniċi li huma relatati biss indirettament, b'mod impliċitu jew inċidentali mas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, jiġifieri li jikkonċernaw attività ekonomika b'mod ġenerali mingħajr ma jitqiesu l-proċeduri tekniċi tipiċi għall-provvista tas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (eż. dispożizzjoni li tipprojbixxi d-distribuzzjoni ta' materjal pedofilu bi kwalunkwe mezz ta' trażmissjoni, inkluż l-Internet jew il-posta elettronika, fost id-diversi mezzi possibbli ta' tixrid jew dispożizzjoni applikabbli għal servizz ta' intermedjazzjoni li jiġi pprovdut permezz ta' applikazzjoni tal-ismartphone u jifforma parti integrali minn servizz ġenerali li l-element prinċipali tiegħu huwa s-servizz tat-trasport[47]). Bl-istess mod, miżura nazzjonali li ma ssemmix is-soċjetà tal-informatika u tapplika għal kull tip ta' servizz ta' "konsenja" mingħajr distinzjoni, kemm jekk ipprovdut bit-telefon kif ukoll permezz ta' applikazzjoni tal-IT, ma tistax titqies bħala speċifikament immirata lejn is-servizzi tas-soċjetà tal-informatika u, b'konsegwenza ta' dan, m'għandhomx jitqiesu bħala regolamenti tekniċi[48].

*"(3) Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għar-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' materji koperti bil-leġislazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni, kif imsemmija fid-Direttiva 2002/21/KE".*[49]

Id-Direttiva 90/387/KEE[50] (imħassra bid-Direttiva 2002/21/KE) iddefinixxiet is-servizzi tat-telekomunikazzjoni bħala *"servizzi li l-provvista tagħhom tikkonsisti b'mod sħiħ jew b'mod parzjali fit-trażmissjoni u fir-rotta tas-sinjali fuq netwerk ta' mezzi ta' telekomunikazzjoni permezz ta' proċessi ta' mezzi ta' telekomunikazzjoni, bl-eċċezzjoni tax-xandir tar-radju u tat-televiżjoni".*

Ir-raġuni għal din l-eżenzjoni speċifika hija li fil-qasam tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni (bħal fis-servizzi finanzjarji, ara t-taqsima li ġejja) għadd kbir ta' kwistjonijiet diġà huma armonizzati u huma parti minn qafas regolatorju diġà eżistenti u definit biżżejjed fil-livell tal-UE.

---

45 Ara l-Premessi 17 u 18 tad-Direttiva 98/48/KE.

46 Il-Kawża C-299/17 *VG Media* EU:C:2019:716.

47 Ara s-sentenza fil-kawża C-320/16 *Uber France* EU:C:2018:221.

48 Il-Kawża C-62/19 *Star Taxi app* EU:C:2020:980.

49 Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 25.

50 Id-Direttiva tal-Kunsill 90/387/KEE tat-28 ta' Ġunju 1990 dwar l-istabbiliment tas-suq intern għas-servizzi tal-mezzi ta' telekomunikazzjoni permezz tal-implimentazzjoni tal-provvista ta' network miftuħ (ĠU L 192, 24.7.1990, p. 1).

*"(4) Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għar-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' materji koperti bil-leġislazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, kif elenkati b'mod mhux eżawrjenti fl-Anness II ta' din id-Direttiva."*

Ir-raġuni għal tali eżenzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva hija identika għal dik preċedenti, u hija dovuta għall-fatt li tali regoli huma parti minn qafas legali tal-Unjoni diġà stabbilit biżżejjed.

Għal finijiet purament ta' gwida, lista mhux eżawrjenti ta' servizzi finanzjarji hija pprovduta fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/1535.

*"(5) Bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 5(3), din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għar-regoli promulgati minn jew għal swieq regolati fit-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE jew minn jew għal swieq oħra jew korpi li jwettqu operazzjonijiet ta' kumpens jew pagament għal dawk is-swieq."*

Id-Direttiva 2004/39/KE tal-21 ta' April 2004 tirregola l-attivitajiet kummerċjali fis-swieq finanzjarji u ssaħħaħ il-protezzjoni tal-investitur[51].

Bħala riżultat ta' din l-eżenzjoni, ir-regoli mfassla minn jew li jikkonċernaw swieq regolati jew swieq jew korpi oħra li jwettqu operazzjonijiet ta' kklerjar jew ta' pagament għal tali swieq mhumiex soġġetti għall-obbligu ta' notifika minn qabel. L-uniku obbligu li għalih tali regoli huma soġġetti, fl-interessi ta' trasparenza minima, huwa dak ta' notifika "*ex-post*", jiġifieri għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni wara l-adozzjoni fil-livell nazzjonali skont l-Artikolu 5(3), li - kif indikat fl-Artikolu 1, il-punt 5 - huwa l-unika dispożizzjoni fid-Direttiva li tapplika għal dawn ir-regoli.

*"(f) "regolament tekniku" tfisser speċifikazzjonijiet tekniċi u ħtiġiet oħra jew regoli dwar servizzi, inklużi d-dispożizzjonijiet amministrattivi relevanti, li l-osservanza tagħhom hija obbligatorja, de jure jew de facto, fil-każ tat-tqegħid fis-suq, il-forniment ta' servizz, l-istabbiliment ta' operatur tas-servizz jew l-użu fi Stat Membru jew f'parti l-kbira minnu, kif ukoll il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri, għajr dawk ipprovduti fl-Artikolu 7, li jipprojbixxu l-fabbrikazzjoni, l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' prodott, jew li jipprojbixxu l-forniment jew l-użu ta' servizz, jew l-istabbiliment ta' fornitur tas-servizz".*

Fid-definizzjoni tal-kunċett ta' "regolament tekniku", il-paragrafu (f) jipprovdi informazzjoni dwar it-tip ta' testi li għandhom jiġu nnotifikati skont il-proċedura għall-għoti ta' informazzjoni stabbilita mid-Direttiva f'dan il-qasam.

Minn naħa, hemm l-"ispeċifikazzjonijiet tekniċi" u "ħtiġijiet oħra" jew "regoli dwar servizzi" (ara d-definizzjonijiet ta' hawn fuq), li huma stabbiliti mill-Istati Membri u li huma applikabbli għall-prodotti industrijali u agrikoli u għas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, u, min-naħa l-oħra, hemm "il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jipprojbixxu ċerti attivitajiet speċifikati".

[51] Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1) tħassret bid-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349) b'effett mit-3 ta' Jannar 2018.

Sabiex tikkwalifika bħala *regolament tekniku*, "speċifikazzjoni teknika", "ħtieġa oħra" jew "regola dwar is-servizzi" iridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- din trid tkun "obbligatorja" (jiġifieri vinkolanti *de jure* jew *de facto*, ara hawn taħt). Din il-karatteristika, li hija inerenti fid-dokumenti mħejjija mill-awtoritajiet pubbliċi, li għalihom tapplika din id-Direttiva, tikkostitwixxi d-differenza ewlenija bejn *regolament tekniku* u *standard*, li huwa ppreparat minn korpi privati u essenzjalment huwa volontarju;[52]

- din għandha tinfluwenza t-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' prodotti industrijali u agrikoli, il-provvista ta' servizz jew l-istabbiliment ta' operatur ta' servizz, fi Stat Membru jew parti sinifikanti ta' dak l-Istat.

Id-dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli għal speċifikazzjoni, għal "ħtieġa oħra" jew għal "regola dwar is-servizzi" jistgħu jikkostitwixxu wkoll regolamenti tekniċi skont it-tifsira tad-Direttiva. Dawn il-miżuri, bħal fir-rigward tar-regolamenti tekniċi kollha, iridu jiġu nnotifikati skont id-Direttiva meta joriġinaw mill-gvernijiet ċentrali tal-Istati Membri jew minn waħda mill-awtoritajiet tagħhom kif speċifikat fil-lista mfassla mill-Kummissjoni fil-qafas tal-Kumitat Permanenti tad-Direttiva[53] [54].

Ċerti speċifikazzjonijiet tekniċi, "ħtiġijiet oħra" jew regoli dwar servizzi li jissodisfaw id-definizzjoni ta' regolamenti tekniċi huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, b'mod partikolari jekk sempliċiment jikkonformaw ma' atti vinkolanti tal-Unjoni[55] jew ikunu limitati għall-implimentazzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif speċifikat fl-Artikolu 7 tad-Direttiva.

In-natura "obbligatorja" ta' speċifikazzjoni teknika, "ħtieġa oħra" jew "regola dwar is-servizzi" jistgħu jingħataw lilhom b'żewġ modi:

1. *de jure*, meta l-konformità magħhom issir obbligatorja minn miżura li toriġina direttament mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti jew tkun attribwibbli għal dawn tal-aħħar.

Pereżempju, il-kundizzjonijiet dwar il-produzzjoni fuq skala żgħira ta' ġamm u frott ippreservat, stabbiliti b'digriet, se jitqiesu bħala regolament tekniku li huwa obbligatorju *de jure*. L-istess se japplika għal projbizzjoni fuq l-użu ta' fliexken tal-plastik għat-tqegħid fis-suq ta' ilma minerali, kif stabbilit mill-Ordinanza, eċċ.

2. *de facto*, meta l-ispeċifikazzjoni teknika ma tkunx stabbilita minn att formali u vinkolanti tal-Istat ikkonċernat, iżda meta l-Istat iħeġġeġ l-osservanza tiegħu. Bħala riżultat tal-effetti simili li jista' jkollhom fuq il-kummerċ, dawn il-miżuri huma meqjusa ekwivalenti għal regolamenti vinkolanti.

Il-paragrafu (f) jagħti tliet eżempji tal-aktar regolamenti tekniċi importanti u l-aktar regolamenti tekniċi *de facto* frekwenti, sabiex jiġi ċċarat kunċett li ma kienx definit fil-verżjoni inizjali tad-

---

[52] Madankollu, f'ċerti każijiet, il-konformità mal-istandard tista' ssir obbligatorja, sabiex imbagħad tikseb l-istatus ta' "regolament tekniku".

[53] Il-Kawża C-62/19 *Star Taxi app* EU:C:2020:980.

[54] Lista ta' awtoritajiet meħtieġa biex jinnotifikaw abbozzi ta' regolamenti tekniċi (minbarra l-gvernijiet ċentrali tal-Istati Membri) (Artikolu 1, punt 11 tad-Direttiva 98/34/KE) (ĠU C 127, 31.5.2006, p. 14).

[55] Il-Kawża C-390/99 *Canal Satélite Digital* EU:C:2002:34; Il-Kawża C-443/98 *Unilever* EU:C:2000:496.

Direttiva u wassal għal interpretazzjonijiet differenti li kienu ta' preġudizzju għall-implimentazzjoni korretta tal-proċedura ta' informazzjoni.

*"Ir-regolamenti tekniċi de facto jinkludu:*

*(i) il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' Stat Membru li jirreferu jew għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew għal ħtiġiet oħra jew għal regoli dwar is-servizzi, jew għall-kodiċijiet professjonali jew il-kodiċijiet ta' prattika li, min-naħa tagħhom, jirreferu għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew għal ħtiġiet oħra jew għal regoli dwar is-servizzi, li l-ħarsien tagħhom jagħti preżunzjoni ta' konformità mal-obbligi imposti mil-liġijiet, mir-regolamenti jew mid-dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija iktar 'il fuq;"*

Il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija huma miżuri adottati mill-awtoritajiet nazzjonali li jirreferu għal speċifikazzjonijiet tekniċi jew "ħtiġijiet oħra"[56] jew għal regoli dwar servizzi normalment stabbiliti minn korpi oħra minbarra l-Istat (minn korp nazzjonali tal-istandardizzazzjoni), li bħala tali mhumiex obbligatorji (pereżempju, standards, kodiċijiet professjonali jew kodiċijiet ta' prattika), iżda li l-osservanza tagħhom hija mħeġġa peress li tagħti lill-prodott jew lis-servizz preżunzjoni ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tal-miżuri msemmija hawn fuq.

Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, jekk liġi relatata mal-assigurazzjoni teħles lill-utenti ta' prodotti li jikkonformaw ma' ċerti standards mhux obbligatorji mir-responsabbiltà li jagħtu prova tal-konformità mal-ħtiġijiet obbligatorji, peress li dawn il-prodotti jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' konformità mal-ħtiġijiet.

*"(ii) ftehim volontarji li awtorità pubblika tkun parti kontrattanti għalihom u li jipprovdu, fl-interess ġenerali, għal konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew ħtiġiet oħra jew regoli dwar servizzi, għajr speċifikazzjonijiet dwar l-offerti tal-akkwist pubbliku;"*

Ftehimiet konklużi bejn operaturi ekonomiċi li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi jew ħtiġijiet oħra għal ċerti prodotti jew regoli dwar servizzi mhumiex vinkolanti bħala tali minħabba l-oriġini tagħhom fis-settur privat. Madankollu, dawn jitqiesu bħala regolamenti tekniċi *de facto* meta l-Istat ikun parti firmatarja ta' wieħed minn dawn il-ftehimiet.

Din iċ-ċirkostanza qed issir dejjem aktar frekwenti, peress li tali ftehimiet saru strumenti tal-politika regolatorja nazzjonali. Dawn spiss jintużaw minn xi Stati Membri f'setturi bħall-industrija tal-karozzi, l-industrija tal-kimika u l-industrija taż-żejt, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet għal raġunijiet ambjentali. Pereżempju biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' vetturi li jniġġsu, ir-rimi ta' sustanzi perikolużi fl-ilma, jew l-użu ta' ċerti tipi ta' mballaġġ, eċċ. Fil-qasam tas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, test innotifikat -abbozz ta' Kodiċi ta' Prattika dwar iż-żamma volontarja tad-*data* ta' komunikazzjoni- jipprovdi eżempju tajjeb ta' tali ftehim volontarju.

Dawn il-ftehimiet jippermettu flessibbiltà akbar fl-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-leġiżlazzjoni, u l-parteċipazzjoni volontarja tal-industrija involuta tiżgura li dawn jinkisbu.

L-Istat għandu jkun involut f'dawn il-ftehimiet jekk dawn għandhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/1535. Sabiex l-awtorità pubblika tkun tista' tissodisfa l-obbligu ta' informazzjoni li hija responsabbli għalih u tqis il-kummenti mill-Kummissjoni jew

[56] Fit-tifsira tal-Artikolu 1(c) u (d) tad-Direttiva, kif spjegat hawn fuq.

minn Stat Membru fil-qafas tal-proċedura ta' informazzjoni stabbilita mid-Direttiva, l-Istat għandu jkun parti kontraenti.

*"(iii) speċifikazzjonijiet tekniċi jew ħtiġiet oħra jew regoli dwar servizzi li huma marbutin ma' miżuri fiskali jew finanzjarji li jaffettwaw il-konsum ta' prodotti jew ta' servizzi billi jinkoraġġixxu l-konformità ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew il-ħtiġiet l-oħra jew ir-regoli dwar servizzi; speċifikazzjonijiet tekniċi jew ħtiġiet oħra jew regoli dwar servizzi marbutin mas-sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali mhumiex inklużi."*

Il-miżuri fiskali jew finanzjarji msemmija f'dan il-paragrafu huma stabbiliti mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali għal skop differenti minn dak li normalment irid jintlaħaq mil-leġiżlazzjoni fiskali tal-Istati Membri.

Dawn jitqiesu bħala strumenti effiċjenti għall-implimentazzjoni ta' politiki deċiżi f'livell nazzjonali, b'mod partikolari bl-għan li jiġu protetti l-ambjent u r-riċevituri tas-servizzi (b'mod partikolari l-konsumaturi), peress li huma bażikament immirati biex jinfluwenzaw l-imġiba ta' dawn tal-aħħar fir-rigward ta' prodott jew servizz speċifiku.

Din id-dispożizzjoni tad-Direttiva saret minħabba ċerti każijiet ta' inċentivi tat-taxxa mogħtija lil "vetturi nodfa" li ssodisfaw ċerti limiti ta' emissjonijiet jew li kienu mgħammra b'konvertituri katalitiċi. L-esperjenza wriet li l-Istati Membri ta' spiss rabtu inċentivi mal-kundizzjonijiet, bir-riżultat li s-sistema introdotta kienet tmur kontra d-dritt tal-Unjoni. Deher ċar li kien hemm bżonn li jiġu eżaminati dawn l-abbozzi wkoll.

Il-kategorija ta' miżuri inkwistjoni tinkludi, b'mod partikolari, dawk li jfittxu li jħeġġu x-xiri ta' prodotti li jikkonformaw ma' ċerti speċifikazzjonijiet, billi jagħtu faċilitajiet ta' finanzjament (pereżempju, sussidji għax-xiri ta' ċerti apparati tat-tisħin li jikkonformaw ma' ħtiġijiet tekniċi definiti) jew, inkella, jiskoraġġixxu x-xiri tagħhom (pereżempju l-esklużjoni ta' għotjiet fl-industrija tal-bini meta jintużaw materjali li għandhom ċerti karatteristiċi). Din tinkludi wkoll miżuri fiskali jew finanzjarji li jistgħu jaffettwaw il-konsum billi jinkoraġġixxu l-konformità ma' "ħtiġijiet oħra" skont it-tifsira tad-Direttiva (pereżempju, eżenzjoni mit-taxxa ambjentali għall-imballaġġ ta' prodotti partikolari meta tiġi stabbilita sistema ta' depożitu, jew eżenzjoni mit-taxxa ambjentali għal ċerti prodotti meta tiġi stabbilita sistema ta' ġbir u riċiklaġġ). Bl-istess mod, din il-kategorija ta' miżuri tikkonċerna dawk li għandhom l-għan li jinkoraġġixxu jew jiskoraġġixxu x-xiri ta' servizzi li għandhom ċerti karatteristiċi (eż. servizzi rċevuti permezz ta' apparati speċifiċi jew li joriġinaw minn operaturi stabbiliti f'ċerti oqsma).

Id-Direttiva (UE) 2015/1535 ma tkoprix il-leġiżlazzjoni fiskali jew finanzjarja kollha tal-Istati Membri; din tirreferi biss għal "speċifikazzjonijiet tekniċi", "ħtiġijiet oħra" jew regoli dwar servizzi marbuta ma' miżuri fiskali jew finanzjarji li għandhom l-għan li jibdlu l-imġiba tal-konsumaturi jew tar-riċevituri tas-servizzi[57]. Il-miżura fiskali jew finanzjarja, bħala tali, ma tifformax is-suġġett ta' eżami mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri. Il-valutazzjoni tal-miżura, mill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra, hija limitata għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew għal ħtiġijiet jew regoli oħra dwar is-servizzi inklużi f'tali miżura, filwaqt li l-kummenti jew l-opinjonijiet dettaljati tagħhom jistgħu jikkonċernaw biss aspetti li jistgħu jfixklu l-kummerċ jew, fir-rigward tar-regoli dwar is-servizzi, il-moviment liberu tas-servizzi jew il-libertà tal-istabbiliment tal-operaturi tas-servizzi. L-abbozzi kkonċernati jibbenefikaw ukoll minn trattament speċjali fir-rigward tal-perjodi ta' waqfien (ara l-Artikolu 7(4)), peress li ma ġie stabbilit l-ebda

[57] Il-Kawża C-711/19, *Admiral Sportwetten et*, EU:C:2020:812.

perjodu ta' waqfien għall-adozzjoni ta' dawn it-testi mill-Istati Membri (ara l-Kapitolu II, Taqsima III hawn taħt).

Għandu jiġu enfasizzat li abbozz ta' leġiżlazzjoni li jinkludi "miżuri fiskali jew finanzjarji" skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2015/1535 irid jiġi nnotifikat skont din id-Direttiva, anki jekk il-miżuri kkonċernati jikkostitwixxu wkoll għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, u f'dan il-każ iridu jiġu nnotifikati wkoll lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE, qabel ma tali miżuri jidħlu fis-seħħ.

Il-miżuri marbuta mas-sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali huma esklużi wkoll (pereżempju r-regolament li jagħmel ir-rifużjoni ta' mediċina kundizzjonali fuq ċertu tip ta' mballaġġ).

Liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali maħsuba biex jipprojbixxu l-manifattura, l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodott jew, għal Servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, il-projbizzjoni tal-forniment jew tal-użu ta' servizz jew tal-istabbiliment bħala fornitur tas-servizz huma meqjusa bħala regolamenti tekniċi għall-fini tal-obbligu ta' notifika skont id-Direttiva (UE) 2015/1535, flimkien mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-"ħtiġijiet oħra" u r-regoli dwar is-servizzi li jimponu ħtiġijiet obbligatorji *de jure* u *de facto*.

Biex jaqgħu taħt din ir-raba' kategorija ta' regolament tekniku dwar projbizzjoni, fost l-oħrajn fuq l-użu, il-miżuri għandu jkollhom kamp ta' applikazzjoni li jmur ferm lil hinn minn limitazzjoni għal ċerti użi possibbli tal-prodott jew tas-servizz inkwistjoni u ma għandux ikun limitat għal sempliċi restrizzjoni tal-użu tagħhom. Dik il-kategorija ta' regolament tekniku hija maħsuba b'mod partikolari biex tkopri miżuri nazzjonali li ma jħallu l-ebda lok għal xi użu li jista' jsir b'mod raġonevoli mill-prodott ikkonċernat għajr wieħed purament marġinali[58]. [59]

Projbizzjonijiet bħal dawn jikkostitwixxu, kif kienu, il-forma finali tar-regolament tekniku. Sakemm ma jkunux jistgħu jiġu ġġustifikati skont l-Artikolu 36 jew l-Artikolu 52 tat-TFUE jew ma jkunux proporzjonati fir-rigward tal-ħtiġijiet essenzjali skont it-termini tal-ġurisprudenza tal-QĠUE, dawn jikkostitwixxu ostakli per eċċellenza għall-moviment liberu tal-merkanzija u tas-servizzi u għal-libertà tal-istabbiliment fi ħdan l-Unjoni[60].

*"Dan jinkludi r-regolamenti tekniċi imposti mill-awtoritajiet innominati mill-Istati Membri u li jidhru f'lista stabbilita u aġġornata, jekk meħtieġ, mill-Kummissjoni fil-qafas tal-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 2.*

*Għandha tiġi użata l-istess proċedura biex tiġi emendata din il-lista;"*

Il-lista ta' awtoritajiet imsemmija f'dan il-paragrafu ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea[61].

"(g) *'abbozz ta' regolament tekniku' tfisser it-test ta' speċifikazzjoni teknika jew ħtieġa oħra jew ta' regola dwar is-servizzi, inklużi d-dispożizzjonijiet amministrattivi, ifformulat bil-għan li jsir*

---

[58] Il-Kawża C-267/03 *Lindberg* EU:C:2005:246, u l-Kawża C-144/16 *Município de Palmela* EU:C:2017:76.

[59] Il-Kawża C-727/17 *ECO-WIND Construction* EU:C:2020:393.

[60] Il-Kawża C-303/04 *Lidl Italia* EU:C:2005:528.

[61] Lista ta' awtoritajiet meħtieġa biex jinnotifikaw abbozzi ta' regolamenti tekniċi (minbarra l-gvernijiet ċentrali tal-Istati Membri) (l-Artikolu 1, punt 11 tad-Direttiva 98/34/KE) (ĠU C 127, 31.4.2006, p. 14).

*liġi bħala regolament tekniku, bit-test ikun fi stadju ta' tħejjija fejn ikun għad jistgħu isiru emendi sostanzjali."*

Dan il-paragrafu jiddefinixxi l-kunċett ta' "abbozz ta' regolament tekniku": sabiex jitqies abbozz, ir-regolament tekniku jrid ikun fi stadju ta' preparazzjoni li jippermetti li jsiru "emendi sostanzjali" fit-test.

Il-proċedura għall-għoti ta' informazzjoni stabbilita mid-Direttiva fil-qasam tar-regolamenti tekniċi tipprovdi li, mat-tlestija tal-eżami tal-abbozzi li jkunu bagħtu, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-awtorità regolatorja biex temenda kwalunkwe test li jitqies li jmur kontra r-regoli tas-suq intern.

Huwa f'idejn kull Stat Membru li jiddeċiedi, f'konformità mal-proċess leġiżlattiv tiegħu, l-istadju li fih għandhom jintbagħtu l-abbozzi tar-regolamenti tekniċi tiegħu lill-Kummissjoni, sakemm ikun għadu possibbli li jsiru emendi sostanzjali.

F'dak ir-rigward, għandu jiġi osservat li miżura nazzjonali li tirriproduċi jew li tissostitwixxi, mingħajr ma żżid speċifikazzjonijiet ġodda jew addizzjonali, regolamenti tekniċi eżistenti li, jekk jiġu adottati wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 83/189/KEE, ikunu ġew debitament innotifikati lill-Kummissjoni, ma tistax titqies bħala "abbozz" ta' regolament tekniku skont it-tifsira tal-Artikolu 1(g) tad-Direttiva (UE) 2015/1535 u konsegwentement, bħala soġġetta għall-obbligu ta' notifika.[62]

Il-paragrafi 2 sa 6 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva jinkludu l-eċċezzjonijiet li ġejjin:

*"2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal:*

*(a) servizzi tax-xandir bir-radju;*

*(b) servizzi tax-xandir bit-televiżjoni msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[63].*

*3. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għar-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' materji koperti bil-leġislazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni, kif imsemmija fid-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[64]."*

Id-Direttiva 2002/21/KE tiddefinixxi servizz ta' komunikazzjoni elettronika bħala *"servizz normalment provdut bi ħlas li jikkonsisti kollu kemm hu jew fil-parti l-kbira tiegħu fit-twassil ta' sinjali fuq networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, inklużi servizzi ta' telekomunikazzjonijiet u servizzi ta' trasmissjoni f'servizzi wżati għax-xandir, iżda esklużi servizzi li jipprovdu, b'eżerċizzu ta' kontroll editorjali fuq, kontenut trasmess bl-użu ta' networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi; ma jinkludix servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, kif definiti f'Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34/KE, li ma jikkonsistux kollha kemm huma jew fil-parti l-kbira tagħhom għat-twassil ta' sinjali b'networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi;*".

---

[62] Il-Kawża C-33/97 is-sentenza *Colim* tat-3 ta' Ġunju 1999, EU:C:1999:274, punt 22.

[63] Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi; regolament jew azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri dwar il-forniment ta' servizz tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

[64] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 25.

*"4. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għar-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' materji koperti bil-leġislazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, kif elenkati b'mod mhux eżawrjenti fl-Anness II ta' din id-Direttiva."*

Ir-raġuni għal tali eżenzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva hija identika għal dik imsemmija qabel u hija dovuta għall-fatt li tali regoli huma parti minn qafas legali tal-Unjoni Ewropea diġà stabbilit biżżejjed.

Purament bħala gwida, lista mhux eżawrjenti ta' servizzi finanzjarji hija pprovduta fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/1535.

*"5. Bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 5(3), din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għar-regoli promulgati minn jew għal swieq regolati fit-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [65] jew minn jew għal swieq oħra jew korpi li jwettqu operazzjonijiet ta' kumpens jew pagament għal dawk is-swieq."*

Bħala riżultat ta' din l-eżenzjoni, ir-regoli mfassla minn jew li jikkonċernaw swieq regolati jew swieq jew korpi oħra li jwettqu operazzjonijiet ta' kklerjar jew ta' pagament għal tali swieq mhumiex soġġetti għall-obbligu ta' notifika minn qabel. L-uniku obbligu li għalih tali regoli, fl-interessi ta' trasparenza minima, huma soġġetti huwa dak ta' notifika "ex-post", jiġifieri għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni wara l-adozzjoni fil-livell nazzjonali skont l-Artikolu 5(3), li - kif indikat mir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 1, il-punt 5 - huwa l-unika dispożizzjoni fid-Direttiva li tapplika għal dawn ir-regoli.

*"6. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal dawk il-miżuri li l-Istati Membri jqisu meħtieġa skont it-Trattati għall-protezzjoni tal-persuni, b'mod partikolari l-ħaddiema, meta jiġu użati prodotti, sakemm dawn il-miżuri ma jaffettwawx il-prodotti."*

Din id-dispożizzjoni ssaħħaħ kunċett diġà espress fil-paragrafi (c) u (d) tal-Artikolu 1( tad-Direttiva, b'tali mod li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jaffettwaw il-karatteristiċi tal-prodott ikunu koperti.

---

[65] Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1), imħassra mit-2.1.2018 bid-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

## KAPITOLU II: IL-PROĊEDURA APPLIKABBLI GĦAR-REGOLAMENTI TEKNIĊI

**I. Il-komunikazzjoni u d-distribuzzjoni ta' informazzjoni dwar abbozzi ta' regolamenti tekniċi u r-reazzjonijiet possibbli miftuħa għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri**

*"Artikolu 5*

*1. Soġġetti għall-Artikolu 7, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw fil-pront lill-Kummissjoni kull abbozz ta' regolament tekniku, għajr fejn dan sempliċiment jittrasponi t-test ta' standard internazzjonali jew Ewropew, f'liema każ l-informazzjoni li jkollha x'taqsam mal-istandard relevanti tkun biżżejjed; għandhom ukoll iħallu lill-Kummissjoni tagħmel dikjarazzjoni dwar ir-raġunijiet li jagħmlu meħtieġa l-leġislazzjoni ta' dan ir-regolament tekniku, fejn dawk ir-raġunijiet ma jkunux diġà ġew magħmula ċari fl-abbozz.*

*Fejn ikun xieraq, u għajr jekk ma jkunux diġà bagħtuh b'komunikazzjoni minn qabel, l-Istati Membri għandhom simultanjament jikkomunikaw it-test tad-dispożizzjonijiet bażiċi leġislattivi jew regolatorji interessati prinċipalment u direttament lill-Kummissjoni, jekk it-tagħrif ta' dan it-test ikun meħtieġ biex jistma l-implikazzjonijiet tal-abbozz ta' regolament tekniku.*

*L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-abbozz tar-regolament tekniku mill-ġdid lill-Kummissjoni skont il-kondizzjonijiet fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu jekk jagħmlu tibdil lill-abbozz li jkollu l-effett li jibdel b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, iqassru l-iskeda imfassla oriġinarjament għall-implimentazzjoni, iżidu l-ispeċifikazzjonijiet jew il-ħtiġijiet jew jagħmlu lil dawn tal-aħħar iktar stretti.*

*Fejn, b'mod partikolari, l-abbozz tar-regolament tekniku jfittex li jillimita l-bejgħ fis-suq jew l-użu ta' sustanza kimika, it-tħejjija jew il-prodott għal raġunijiet ta' saħħa pubblika jew għall-protezzjoni tal-konsumaturi jew tal-ambjent, l-Istati Membri għandhom jibagħtu wkoll jew sommarju jew ir-referenzi tad-data kollha relevanti li għandhom x'jaqsmu mas-sustanza, mat-tħejjija jew mal-prodott involut u ma' sostituti magħrufa u disponibbli, fejn din l-informazzjoni tkun disponibbli, u jikkomunikaw l-effetti antiċipati tal-miżura dwar is-saħħa pubblika u l-protezzjoni tal-konsumatur u tal-ambjent, flimkien ma' analiżi dwar ir-riskju imwettaq kif xieraq b'mod konformi mal-prinċipji previsti fil-parti relevanti tat-Taqsima II.3 tal-Anness XV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[66].*

*Il-Kummissjoni għandha tinnotifika mill-ewwel lill-Istati Membri l-oħra bl-abbozz tar-regolament tekniku u d-dokumenti kollha li jkunu ntbagħtulha; tista' wkoll tirreferi dan l-abbozz, għal opinjoni, lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva u, fejn xieraq, lill-kumitat responsabbli mill-qasam involut inkwistjoni.*

*Rigward l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew ħtiġiet oħra jew ir-regoli dwar servizzi li hemm referenza għalihom fil-punt (iii) tat-tieni subparagrafu tal-punt (f) tal-Artikolu 1(1), il-kummenti jew l-opinjonijiet dettaljati tal-Kummissjoni jew tal-Istati Membri jista' jkollhom x'jaqsmu biss mal-aspetti li jistgħu jfixklu l-kummerċ jew, rigward ir-regoli dwar servizzi, il-moviment liberu tas-*

---

66 Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

*servizzi jew il-libertà ta' stabbiliment ta' operaturi tas-servizz u mhux l-aspetti fiskali jew finanzjarji tal-miżura.*

*2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jagħmlu kummenti lill-Istat Membru li jkun bagħat l-abbozz tar-regolament tekniku; dan l-Istat Membru għandu jqis dawn il-kummenti kemm jista' jkun possibbli fit-tħejjija sussegwenti tar-regolament tekniku.*

*3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw it-test definittiv tar-regolament tekniku lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.*

*4. L-informazzjoni fornuta skont dan l-Artikolu ma għandhiex tkun kunfidenzjali għajr fuq it-talba espressa tal-Istat Membru li jinnotifika. Kull talba bħal din għandha tiġi appoġġjata b'raġunijiet.*

*F'każijiet ta' dik ix-xorta, jekk jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa, il-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 2 u l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ifittxu l-parir espert mingħand persuni naturali jew legali fis-settur privat.*

*5. Meta r-regolamenti tekniċi abbozzati jagħmlu parti minn miżuri li jkunu meħtieġa li jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni fl-istadju ta' abbozz skont att Komunitarju ieħor, l-Istati Membri jistgħu jibagħtu komunikazzjoni fit-tifsira tal-paragrafu 1 skont l-att l-ieħor, sakemm jindikaw formalment illi l-komunikazzjoni msemmija tikkostitwixxi wkoll komunikazzjoni skont il-għanijiet ta' din id-Direttiva.*

*In-nuqqas ta' reazzjoni mill-Kummissjoni skont din id-Direttiva għall-abbozz ta' regolament tekniku ma għandux jippreġudika xi deċiżjoni li tista' tittieħed skont atti oħra tal-Unjoni."*

L-Artikolu 5 jelenka l-obbligi tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni rispettivament skont il-proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi, u r-reazzjonijiet possibbli miftuħa għalihom, minbarra r-reazzjonijiet relatati mal-perjodi ta' waqfien li għandhom jiġu rrispettati qabel l-adozzjoni tal-abbozzi notifikati, li huma msemmija fl-Artikolu 6 tad-Direttiva.

***L-ewwel stadju: l-obbligu ta' informazzjoni***

## a) L-obbligi tal-Istati Membri

### *1. Regoli ġenerali*

Sabiex tiġi garantita t-trasparenza tal-inizjattivi nazzjonali, l-Artikolu 5 tad-Direttiva jirrikjedi li l-Istati Membri jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni kwalunkwe abbozz ta' regolament tekniku li huma qed jippjanaw li jadottaw.

It-test sħiħ tal-abbozz tal-att li fih l-abbozz tar-regolament tekniku għandu jintbagħat[67]. Madankollu, ir-regolamenti tekniċi biss huma soġġetti għall-obbligu ta' waqfien.

[67] Il-Kawża C-279/94 *Il-Kummissjoni vs* L-Italja EU:C:1996:396; Il-Kawża C-336/14 *Ince* EU:C:2016:72; Il-Kawża C-144/16 *Município de Palmela* EU:C:2017:76.

Barra minn hekk, meta l-abbozz jinvolvi l-inkorporazzjoni sħiħa ta' standard internazzjonali jew Ewropew fil-liġi interna, l-Istat Membru jista' jagħmel referenza għall-istandard minflok jikkomunika t-test sħiħ[68].

Fiż-żmien tan-notifika, l-Istat Membru notifikanti għandu jibgħat ukoll it-test tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolatorji bażiċi lill-Kummissjoni, biex jipprovdi l-kuntest legali tal-abbozz notifikat u biex jiffaċilita l-valutazzjoni tiegħu (pereżempju, fil-każ li l-abbozz notifikat jemenda test bażiku)[69]. Jekk dawn id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolatorji bażiċi ma jintbagħtux, il-Kummissjoni tista' titlobhom malli tirċievi l-abbozz.

Dan l-obbligu huwa akkumpanjat minn obbligu li jiġu nnotifikati r-raġunijiet li jiġġustifikaw il-promulgazzjoni tal-miżuri proposti.[70]

Sabiex jiġu ffaċilitati l-fehim u l-analiżi tal-abbozz, huwa rrakkomandat ukoll li l-Istati Membri jipprovdu kwalunkwe informazzjoni legali jew ekonomika addizzjonali li fuqha hija bbażata l-ġustifikazzjoni u l-impatt tal-adozzjoni tar-regolament tekniku propost (valutazzjoni tal-impatt, statistika, *data* ekonomika relatata mas-suq tas-settur ikkonċernat, eċċ.).

Kull Stat Membru jaħtar punt ta' koordinazzjoni ċentrali responsabbli għan-notifika ta' abbozz ta' regolamenti tekniċi lill-Kummissjoni u għall-koordinazzjoni mal-ministeri kompetenti fil-livell nazzjonali (lista ta' dawn il-punti ta' koordinazzjoni ċentrali, l-hekk imsejħa "punti ta' kuntatt", tista' tiġi kkonsultata fuq il-paġna web: http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/tris/mt/contact/).

Fil-prattika, in-notifika ta' abbozz ta' regolament tekniku lill-Kummissjoni tinvolvi s-sottomissjoni ta' messaġġ ta' notifika lill-Kummissjoni.

Dan il-"messaġġ ta' notifika" jinkludi sittax-il punt, li kull wieħed minnhom jikkorrispondi għal informazzjoni speċifika meħtieġa. Fil-punt 16, pereżempju, l-Istat Membru notifikanti għandu jindika jekk l-abbozz jinkludix aspetti dwar l-ostakli tekniċi għall-kummerċ (TBT) (il-Ftehim tad-WTO dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ) jew aspetti sanitarji u fitosanitarji (SPS).

Wara l-adozzjoni tal-abbozz notifikat, l-Istat Membru notifikanti għandu jibgħat it-test definittiv tar-regolament tekniku lill-Kummissjoni (ara l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva). Għalhekk, il-Kummissjoni se tkun f'pożizzjoni li tikkunsidra jekk l-Istat Membru allinjax it-test mad-dritt tal-Unjoni u, jekk xieraq, li tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa.

Jekk l-Istat Membru jkun adotta l-abbozz notifikat mingħajr ma jqis l-opinjoni dettaljata maħruġa mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri l-oħra dwar l-abbozz tar-regolament tekniku, il-Kummissjoni tista' tibda proċedura ta' ksur skont l-Artikolu 258 tat-TFUE.[71]

---

[68] Din ir-referenza tippermetti lill-Kummissjoni, u lill-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu dan, jiksbu mingħajr diffikultà t-test tal-istandard li sar obbligatorju.

[69] Il-Kawża C-145/97 *Il-Kummissjoni vs il-Belġju* EU:C:1998:212.

[70] Eżami tar-raġunijiet ippreżentati juri li ħafna drabi dawn ikunu relatati mal-protezzjoni tal-persuni jew tal-annimali, mal-ambjent, mas-sigurtà pubblika, jew mal-informazzjoni għall-konsumatur.

[71] L-Artikolu 258 tat-TFUE (ex Artikolu 226) jipprevedi li "[J]*ekk il-Kummissjoni tikkunsidra li Stat Membru jkun naqas li jwettaq xi obbligu tiegħu skont dan it-Trattat, hija għandha toħroġ opinjoni motivata dwar il-materja wara li tagħti lill-Istat interessat l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu. Jekk l-Istat in kwistjoni ma jikkonformax ruħu ma' dik l-opinjoni fil-perjodu stabbilit mill-Kummissjoni, din tal-aħħar tista' ġġib il-materja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.*"

L-Istati Membri nfushom jistgħu jressqu l-kwistjoni quddiem il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 259 tat-TFUE, sabiex jibdew proċedimenti ta' ksur quddiem il-QĠUE kontra Stat Membru li huma jqisu li naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu.[72]

2. Każijiet speċifiċi

2.1. ***Notifika unika valida għal diversi atti tal-Unjoni.***

B'mod parallel mal-proċedura ta' notifika stabbilita mid-Direttiva (UE) 2015/1535, għadd ta' atti leġiżlattivi oħra tal-UE jipprevedu obbligu ta' notifika. Sabiex jiġi ffaċilitat il-kompitu tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni fil-każ ta' proċeduri ta' notifika li jikkoinċidu, jiġifieri fejn diversi atti tal-Unjoni jirrikjedu li l-Istat Membru jinnotifika l-istess test fl-istadju tal-abbozz, ġiet stabbilita proċedura ta' "punt uniku ta' servizz".

L-Istati Membri jistgħu jinnotifikaw darba biss, iżda għandhom jindikaw, fil-mument tan-notifika (taħt il-punt 7 tal-messaġġ ta' notifika), l-atti speċifiċi kollha tal-Unjoni li taħthom in-notifika tal-abbozz għandha titqies valida wkoll.

Wara l-komunikazzjoni uffiċjali li n-notifika hija valida għal diversi proċeduri tal-UE, l-abbozz nazzjonali huwa għalhekk eżaminat fuq il-merti tiegħu stess abbażi ta' kull att tal-Unjoni li jirreferi għalih, u huwa s-suġġett ta' opinjoni tal-Kummissjoni taħt kull proċedura.

Din hija r-raġuni għaliex in-nuqqas ta' reazzjoni tal-Kummissjoni għal tali abbozz ta' test skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 "m'għandux jippreġudika kwalunkwe deċiżjoni li tista' tittieħed skont atti oħra tal-Unjoni" (ara t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(5)).

2.2. ***Leġiżlazzjoni bażika diġà mibgħuta.*** Bl-istess tħassib għall-effiċjenza, l-Istati Membri huma eżentati mill-obbligu li jibagħtu t-test tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolatorji bażiċi dwar abbozz ta' regolament tekniku lill-Kummissjoni, jekk dan it-test ikun diġà ntbagħat b'komunikazzjoni minn qabel.

Dan huwa l-każ, pereżempju, meta l-abbozz tar-regolament tekniku jkun immirat biex jemenda regolament tekniku li jkun ġie nnotifikat qabel.

L-Istat Membru notifikanti għandu jindika, fil-punt 10 tal-messaġġ ta' notifika, ir-referenzi u n-numri ta' notifika tat-testi bażiċi.

---

[72] L-Artikolu 259 tat-TFUE (ex Artikolu 227) jipprovdi li "[k]ull Stat Membru li jikkunsidra li Stat Membru ieħor ikun naqas li jwettaq xi obbligu tiegħu skont it-Trattati jista' jġib il-materja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
Qabel Stat Membru jibda, kontra Stat Membru ieħor, proċeduri dwar l-allegata vjolazzjoni allegata tal-obbligi li jinkombu lil dak l-Istat Membru l-ieħor bis-saħħa tat-Trattati, għandu jġib il-materja quddiem il-Kummissjoni.
Il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni motivata wara li l-Istati interessati jkunu ngħataw l-opportunità li jippreżentaw l-osservazzjonijiet u r-risposti għal dawn, kemm verbalment kemm bil-kitba.
Jekk il-Kummissjoni ma tkunx ħarġet din l-opinjoni fi żmien tlett xhur mid-data tat-talbiet, l-assenza tad-dikjarazzjoni tagħha ma timpedix milli l-materja tinġieb quddiem il-Qorti".

2.3. ***Dokumentazzjoni addizzjonali.*** Għall-kuntrarju, id-Direttiva tipprevedi obbligu għall-Istati Membri fir-rigward ta' abbozzi ta' regolamenti tekniċi mfassla biex jillimitaw it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' sustanza kimika, it-tħejjija jew il-prodott għal raġunijiet ta' saħħa pubblika, il-protezzjoni tal-konsumaturi jew l-ambjent (ara r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 5(1)).

Għal abbozzi bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jipprovdu sommarju tal-fatti rilevanti kollha disponibbli dwar is-sustanza kimika jew referenzi għalihom, it-tħejjija jew il-prodott involut u kwalunkwe sostitut magħruf, l-effetti prevedibbli tal-miżura, u r-riżultati tal-analiżi tar-riskju.

F'dan ir-rigward, id-Direttiva tispeċifika li l-analiżi għandha ssir f'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament REACH.[73]

2.4. ***Notifika ġdida.*** L-Istati Membri għandhom jerġgħu jinnotifikaw abbozz li diġà ġie eżaminat skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, jekk sadanittant ikunu għamlu emendi sinifikanti għat-test.

It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(1) jispeċifika li l-emendi li jsiru għat-test jitqiesu bħala sinifikanti jekk ikollhom l-effett li jibdlu l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, li jqassar l-iskeda ta' żmien oriġinarjament prevista għall-implimentazzjoni tagħha[74], li jżidu l-ispeċifikazzjonijiet jew il-ħtiġijiet[75], jew li jagħmlu dawn tal-aħħar aktar restrittivi.

Għandu jiġi enfasizzat li n-notifika mhijiex meħtieġa fil-każ ta' sempliċi dikjarazzjoni mill-ġdid tad-dispożizzjonijiet li diġà huma applikabbli (pereżempju, fil-każ ta' konsolidazzjoni), u li huma mingħajr effett legali jew, ovvjament, fil-każijiet previsti mill-Artikolu 7 tad-Direttiva (eż. l-integrazzjoni fit-test tar-rimarki magħmula mill-Kummissjoni f'opinjoni dettaljata[76], ara hawn taħt).

## b) L-obbligi tal-Kummissjoni

Meta l-Kummissjoni tkun ġiet innotifikata b'abbozz ta' regolament tekniku nazzjonali ġdid, din għandha tittrażmetti l-informazzjoni kollha kkomunikata mill-Istat Membru notifikanti lill-Istati Membri l-oħra kollha (il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva).

Din il-komunikazzjoni ta' informazzjoni tippermetti lill-Istati Membri kollha jkunu involuti bis-sħiħ fil-proċedura ta' monitoraġġ stabbilita mid-Direttiva.

Il-Kummissjoni tqiegħed ukoll l-abbozzi notifikati u t-traduzzjonijiet tagħhom fuq is-sit web tagħha[77], li joffri lill-operaturi ekonomiċi kollha fis-suq uniku l-opportunità li jieħdu nota tal-

---

[73] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

[74] Fil-Kawża C-307/13 *Ivansson et*, EU:C:2014:2058, il-Qorti ddikjarat li d-data finalment magħżula mill-awtoritajiet nazzjonali għad-dħul fis-seħħ ta' miżura nazzjonali hija soġġetta għall-obbligu ta' komunikazzjoni lill-Kummissjoni, kif stabbilit fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 98/34 (issa l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2015/1535) fejn bidla fl-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' dik il-miżura nazzjonali fil-fatt saret, u kienet sinifikanti fin-natura tagħha, u li għandha tiġi vverifikata mill-qorti nazzjonali.

[75] Il-Kawża C-317/92 *Il-Kummissjoni vs il-Ġermanja*, EU:C:1994:212.

[76] Il-Kawża C-26/11 *Belgische Petroleum Unie et* EU:C:2013:44.

[77] http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/tris

abbozzi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u jesprimu l-fehmiet tagħhom dwarhom, ħlief fejn, skont l-Artikolu 5(4) tad-Direttiva, l-Istat Membru notifikanti jitlob b'mod espliċitu li l-informazzjoni kkomunikata lill-Kummissjoni għandha tiġi ttrattata b'mod eċċezzjonali bħala kunfidenzjali fir-rigward tal-operaturi ekonomiċi u tipprovdi ġustifikazzjoni għal tali talba.

Il-kunfidenzjalità, mogħtija mill-Artikolu 5(4) tad-Direttiva, ta' abbozzi ta' regolamenti tekniċi notifikati għandha tiġi invokata b'mod eċċezzjonali, peress li tidderoga mill-prinċipju tat-trasparenza. Il-Kummissjoni timmonitorja bir-reqqa l-użu mill-Istati Membri ta' notifiki kunfidenzjali skont l-Artikolu 5(4) tad-Direttiva u tieħu l-miżuri meħtieġa f'każ ta' suspett ta' abbuż ta' dik id-dispożizzjoni.[78] Kif meħtieġ mill-Artikolu 5(4) tad-Direttiva, tali talbiet għandhom ikunu ġġustifikati. Il-Kummissjoni tinkludi dawn ir-raġunijiet fuq il-bażi tad-*data* TRIS. Barra minn hekk, ċerta informazzjoni bażika dwar il-miżura notifikata dejjem issir disponibbli fuq il-bażi tad-*data* TRIS, bħat-titolu tal-miżura.

Id-Direttiva tippermetti lill-Kummissjoni tissottometti l-abbozz lill-Kumitat Permanenti jew *"lill-kumitat responsabbli mill-qasam involut inkwistjoni"* għal opinjoni (il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva). Dawn tal-aħħar huma kumitati li jkopru direttivi settorjali, bħall-Kumitat tal-Valutazzjoni tal-Konformità u s-Sorveljanza tas-Suq tat-Telekomunikazzjonijiet (TCAM), stabbilit mid-Direttiva 99/5/KE[79] għat-tagħmir tar-radju.

Fil-prattika, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-ġestjoni tal-proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi. Il-proċedura kollha, inklużi r-reazzjonijiet għall-abbozzi notifikati, hija bbażata fuq sistema ta' skambju elettroniku ta' *data*, trażmessa f'konformità man-nomenklatura stabbilita mill-Kummissjoni.

Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs jaġixxi bħala l-punt ċentrali għall-wasla tal-messaġġi, it-testi u n-notifiki kollha kkomunikati mill-Istati Membri, irrispettivament mill-qasam tal-abbozz tar-regolament (inġinerija mekkanika, prodotti tal-ikel u agrikoli, trasport, prodotti tal-kostruzzjoni, servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika eċċ.). Wara l-wasla, l-abbozz notifikat jiġi kkomunikat simultanjament lid-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni li jistgħu jkunu kkonċernati mill-miżura notifikata skont ir-responsabbiltajiet speċifiċi jew orizzontali tagħhom.

L-abbozz li jiġi ċċirkolat skont il-proċedura jintbagħat ukoll mill-Kummissjoni lill-Istati Membri kollha, l-ewwel fil-lingwa tal-Istat Membru notifikanti u mbagħad fil-forma ta' traduzzjonijiet fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni jew f'uħud minnhom (fuq talba u skont it-tul tal-abbozz).

## *It-tieni stadju: reazzjonijiet possibbli mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri*

Matul it-tliet xhur wara n-notifika ta' abbozz (dan il-perjodu jikkorrispondi għall-perjodu ta' waqfien imsemmi fl-Artikolu 6(1)), il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeżaminaw l-abbozz tat-test notifikat sabiex jivvalutaw il-kompatibbiltà tiegħu mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-

[78] Ara, fir-rigward, id-Deċiżjoni tal-Ombudsman fil-kawża 2204/2018/TE.

[79] Id-Direttiva 99/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom, ĠU L 91, 7.4.1999, p 1, imħassra bid-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

Artikoli 34 u 36, 49 u 56 tat-TFUE, iżda wkoll mal-leġiżlazzjoni sekondarja settorjali involuta, u biex tittieħed deċiżjoni, fejn meħtieġ, dwar il-konsistenza tagħha mad-dispożizzjonijiet ikkonċernati.

Ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni jistgħu jwasslu għal żewġ tipi ta' reazzjoni mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri (il-Kummissjoni għandha, barra minn hekk, għażla speċifika: il-posponiment tal-adozzjoni tal-abbozz bħala riżultat tax-xogħol ta' armonizzazzjoni, li se jiġi eżaminat hawn taħt fil-kummenti dwar l-Artikolu 6 tad-Direttiva). Id-diversi reazzjonijiet huma kif ġej:

1. Il-Kummissjoni u/jew l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-abbozz tar-regolament tekniku mhuwiex ta' natura li joħloq ostakli għall-moviment liberu tal-merkanzija, għall-forniment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informatika u għal-libertà ta' stabbiliment ta' operaturi tas-servizzi.

F'dan il-każ, la l-Kummissjoni u lanqas l-Istati Membri ma jirreaġixxu matul il-perjodu ta' tliet xhur[80]. Fi tmiem dan il-perjodu, l-Istat Membru notifikanti jista' jadotta l-abbozz tar-regolament tekniku tiegħu, mingħajr ebda obbligu ieħor ħlief li jikkomunika t-test definittiv tar-regolament tekniku (l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva) lill-Kummissjoni.

Madankollu, dan id-dritt ma jeskludix intervent sussegwenti mill-Kummissjoni, barra mill-proċedura skont id-Direttiva (UE) 2015/1535, jekk ir-regolament kif finalment adottat jirriżulta li jmur kontra t-TFUE jew il-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jibagħtu kummenti jew opinjoni dettaljata lill-Istat Membru li jkun innotifika l-abbozz tar-regolament tekniku.

L-Istati Membri tal-UE jistgħu jieħdu sehem f'din il-proċedura fuq l-istess livell mal-Kummissjoni. Dawn jistgħu joħorġu kummenti u opinjonijiet dettaljati dwar kwalunkwe abbozz ta' regolament tekniku notifikat.

Il-kummenti jintbagħtu, pereżempju, meta t-test notifikat, għalkemm f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, iqajjem kwistjonijiet ta' interpretazzjoni jew jitlob dettalji tal-arranġamenti għall-implimentazzjoni tiegħu. Dawn jistgħu jagħtu wkoll valutazzjoni ġenerali tal-miżura, filwaqt li jqisu l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u l-politiki implimentati f'dan il-kuntest, jew jinformaw lill-Istat Membru dwar l-obbligi futuri tiegħu fir-rigward ta' atti li għandhom jiġu adottati fil-livell tal-UE.

Id-Direttiva tistipula li l-Istati Membri għandhom iqisu l-kummenti *"kemm jista' jkun possibbli"* (l-Artikolu 5(2)). Madankollu, l-Istati Membri ġeneralment iqisu l-kummenti li jirċievu.

Skont id-Direttiva, l-Istat Membru notifikanti ma għandu l-ebda obbligu formali li jwieġeb għall-kummenti li jkun irċieva. Fil-prattika, l-Istati Membri xi drabi jagħmlu dan fuq bażi volontarja.

Opinjonijiet dettaljati (imsemmija aktar tard, flimkien mal-konsegwenzi tagħhom, fl-Artikolu 6 tad-Direttiva) jintbagħtu mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri meta jqisu li l-abbozz tal-miżura prevista, jekk jiġi adottat, joħloq ostakli għall-moviment liberu tal-merkanzija, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika jew il-libertà tal-istabbiliment tal-operaturi tas-servizzi msemmija hawn fuq fi ħdan is-Suq Intern. Dawn l-opinjonijiet dettaljati jfittxu li jiksbu emenda għall-miżura proposta, sabiex ineħħu fis-sors kwalunkwe ostaklu li jirriżulta għal dawn

[80] Għalkemm ma tintbagħatx lill-Istat Membru notifikanti, id-deċiżjoni li ma jingħatax segwitu għan-notifika hija deċiżjoni formali mill-Kummissjoni.

il-libertajiet, u jkollhom l-effett li jestendu l-perjodu ta' waqfien għal tliet xhur (għall-prodotti) jew għal xahar wieħed (għas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika) addizzjonali.

Dawn il-kwistjonijiet huma relatati mal-illegalità tal-abbozz f'termini tad-dritt tal-Unjoni, permezz ta' ksur tal-Artikoli 34, 49 jew 56 tat-TFUE jew tal-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE. L-aktar ksur frekwenti identifikat fil-qafas tal-proċedura ta' notifika jikkonċerna regoli nazzjonali li jmorru kontra l-Artikoli 34, 49 jew 56 tat-TFUE jew/u d-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi sekondarja tal-UE relatata mal-moviment liberu tal-merkanzija jew tas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, b'mod partikolari minħabba li wħud mid-dispożizzjonijiet tal-abbozz mhumiex meħtieġa jew huma sproporzjonati fir-rigward tal-objettiv li jrid jintlaħaq, bi ksur tar-rekwiżit stabbilit mill-QĠUE fir-rigward tal-eċċezzjonijiet għal-libertajiet fundamentali tas-suq intern f'żona mhux armonizzata.

Opinjoni dettaljata ma tista', taħt l-ebda ċirkostanza, tinħareġ kontra abbozzi ta' regolamenti li jimponu projbizzjonijiet tal-manifattura iżda li ma jikkostitwixxux ostaklu potenzjali għall-moviment liberu tal-merkanzija (l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva).

L-Istati Membri għandhom iwieġbu għal opinjonijiet dettaljati indirizzati lilhom mill-Kummissjoni jew minn Stati Membri oħra. B'mod partikolari, l-Istat Membru li lilu tiġi indirizzata tali opinjoni għandu jinforma lill-Kummissjoni jew lill-Istati Membri l-oħra dwar l-azzjonijiet li beħsiebu jieħu (l-irtirar tat-test ikkontestat, il-ġustifikazzjoni għaż-żamma tiegħu, jew l-emenda ta' ċerti dispożizzjonijiet sabiex isiru kompatibbli mar-regoli tas-suq intern).

Għalkemm id-Direttiva ma tispeċifikax iż-żmien permess għat-tweġiba, xorta waħda huwa mixtieq li tingħata tweġiba malajr kemm jista' jkun fl-interessi tal-effiċjenza, preferibbilment matul il-perjodi ta' waqfien ta' sitt xhur jew erba' xhur, rispettivament għall-prodotti u s-servizzi tas-Soċjetà tal-informatika.

Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni għandha tikkummenta dwar l-azzjonijiet previsti mill-Istat Membru bi tweġiba għall-opinjoni dettaljata tiegħu, sabiex l-Istat Membru jkun jaf jekk dawn il-miżuri humiex adattati biex jeliminaw l-ostakli għall-moviment liberu tal-merkanzija, il-forniment liberu tas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika jew il-libertà tal-istabbiliment tal-operaturi tas-servizzi msemmija hawn fuq li setgħu rriżultaw mill-adozzjoni tat-test, jew jekk il-ġustifikazzjoni mogħtija għaż-żamma tat-test hijiex aċċettabbli.

Jekk il-Kummissjoni tqis li t-tweġiba għall-opinjoni dettaljata tagħha ma tkunx sodisfaċenti, tista' tibda, jekk l-abbozz ikun fil-fatt adottat mingħajr l-emendi meħtieġa, il-proċedura msemmija fl-Artikolu 258 tat-TFUE. Bl-istess mod, Stat Membru għandu d-dritt, fil-każ tal-adozzjoni tal-abbozz notifikat minn Stat Membru ieħor mingħajr ma jikkonforma mad-dritt tal-Unjoni, li jressaq il-proċedimenti ta' ksur previsti mill-Artikolu 259 tat-TFUE.

Fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, "ħtiġijiet oħra" jew regoli dwar servizzi marbuta ma' miżuri fiskali jew finanzjarji, l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2015/1535 jipprovdi li l-kummenti u l-opinjonijiet dettaljati jistgħu jkunu relatati biss ma' aspetti li jistgħu joħolqu ostakli għall-moviment liberu tal-merkanzija jew, rigward ir-regoli dwar servizzi, il-moviment liberu tas-servizzi jew il-libertà ta' stabbiliment ta' operaturi tas-servizzi, u mhux l-aspetti fiskali jew finanzjarji tal-miżura. Għalhekk, is-setgħat fiskali tal-Istati Membri mhumiex taħt skrutinju f'dan ir-rigward. Dawn l-abbozzi jibbenefikaw ukoll minn trattament speċjali fir-rigward tal-perjodi ta' waqfien (ara l-Artikolu 7(4)), peress li ma ġie stabbilit l-ebda perjodu ta' waqfien għall-adozzjoni ta' dawn it-testi mill-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni tista' tħabbar inizjattiva ta' armonizzazzjoni tal-UE dwar is-suġġett tal-miżura nazzjonali proposta jew is-sejba tagħha li tali inizjattiva teżisti. Il-konsegwenzi ta' din ir-reazzjoni, li hija għall-użu esklussiv tal-Kummissjoni, huma deskritti fl-Artikolu 6(3), (4) u (5) tad-Direttiva (ara hawn taħt).

## II. L-obbligu li jiġi osservat il-perjodu ta' waqfien

***"Artikolu 6***

*1. L-Istati Membri għandhom jipposponu l-adozzjoni ta' abozz ta' regolament tekniku għal tliet xhur mid-data ta' meta l-Kummissjoni tirċievi l-komunikazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 5(1).*

*2. L-Istati Membri għandhom jipposponu:*

- *għal erba' xhur l-adozzjoni ta' abbozz ta' regolament tekniku fil-għamla ta' ftehim volontarju fit-tifsira tal-punt (ii) tat-tieni subparagrafu tal-punt (f) tal-Artikolu 1(1).*

- *mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, għal sitt xhur l-adozzjoni ta' kull abbozz ta' regolament tekniku ieħor għajr l-abbozzi tar-regoli dwar servizzi,*

*mid-data ta' meta l-Kummissjoni tkun irċeviet il-komunikazzjoni li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 5(1), jekk il-Kummissjoni jew Stat Membru ieħor jagħtu opinjoni dettaljata, fi żmien tliet xhur minn dik id-data, b'effett li l-miżura prevista tista' toħloq xkiel għall-moviment liberu tal-merkanzija ġewwa s-suq intern,*

- *mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 4 u 5, għal erba' xhur l-adozzjoni ta' kull abbozz ta' regola dwar servizzi, mid-data li fiha l-Kummissjoni tkun irċeviet il-komunikazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 5(1), jekk il-Kummissjoni jew xi Stat Membru ieħor jagħti opinjoni dettaljata, fi żmien tliet xhur minn dik id-data, illi l-miżura prevista tista' toħloq xkiel għall-moviment liberu tas-servizzi jew għall-libertà ta' stabbiliment ta' operaturi tas-servizzi ġewwa s-suq intern.*

*Fir-rigward ta' abbozzi ta' regoli dwar is-servizzi, l-opinjonijiet dettaljati mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri ma jistgħux jaffettwaw miżuri tal-politika kulturali, b'mod partikolari fl-isfera awdjo-viżiva, li l-Istati Membri jistgħu jadottaw b'mod konformi mal-liġijiet tal-Unjoni, filwaqt li jqisu d-diversità lingwistika, il-karatteristiċi speċifiċi nazzjonali u reġjonali u l-wirt kulturali tagħhom.*

*L-Istat Membru konċernat għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-azzjoni li jipproponi li jieħu fuq dawn l-opinjonijiet dettaljati. Il-Kummissjoni għandha tikkummenta fuq din ir-reazzjoni.*

*Fir-rigward tar-regoli dwar servizzi, l-Istat Membru konċernat għandu jindika, fejn xieraq, ir-raġunijiet għaliex ma jistgħux jitqiesu l-opinjonijiet dettaljati."*

L-Artikolu 6 jikkonċerna ż-żmien tal-proċedura ta' notifika. Id-data meta l-Kummissjoni tkun irċeviet l-abbozz tar-regolament tekniku nazzjonali kkomunikat minn Stat Membru u d-dokumenti kollha mitluba hija s-sinjal għall-bidu ta' perjodu ta' żmien li matulu l-Istat Membru kkonċernat huwa strettament obbligat li ma jadottax l-abbozz tal-ħruġ.

Dan il-perjodu ta' żmien huwa magħruf bħala l-perjodu ta' waqfien.

Il-perjodu ta' tliet xhur imsemmi fl-Artikolu 6(1) huwa l-perjodu ta' waqfien inizjali. Dan jirrappreżenta l-perjodu li jitqies meħtieġ sabiex il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra jkunu jistgħu jeżaminaw l-abbozz tat-test notifikat u jirreaġixxu għalih, jekk ikun meħtieġ[81].

Minbarra dan il-perjodu, jista' jiġi skattat perjodu addizzjonali ta' waqfien u t-tul tiegħu jiddependi min-natura tat-test notifikat u t-tip ta' reazzjoni mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri l-oħra. Filwaqt li l-kummenti mibgħuta lill-Istat Membru ma jestendux il-perjodu ta' waqfien inizjali ta' tliet xhur, l-istess ma japplikax għall-opinjonijiet dettaljati mibgħuta mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri l-oħra.

Fil-każ ta' opinjoni dettaljata relatata ma' ftehim volontarju jew ma' abbozz ta' regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, id-Direttiva tistipula li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw perjodu ta' waqfien ta' erba' xhur (l-Artikolu 6(2)). Dan iżid xahar biss għall-perjodu ta' waqfien inizjali.

Il-perjodu ta' waqfien huwa estiż għal sitt xhur għall-abbozzi l-oħra kollha li huma s-suġġett ta' opinjoni dettaljata.

**Il-posponiment tal-adozzjoni tal-abbozz:**

*"Artikolu 6*

[...]

*3. Bl-esklużjoni tal-abbozzi tar-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' servizzi, l-Istati Membri għandhom jipposponu l-adozzjoni ta' abbozz ta' regolament tekniku għal 12-il xahar mid-data li fiha l-Kummissjoni tkun irċeviet il-komunikazzjoni li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 5(1) ta' din id-Direttiva jekk, fi żmien tliet xhur minn dik id-data, il-Kummissjoni tħabbar l-intenzjoni tagħha li tipproponi jew li tadotta Direttiva, Regolament jew Deċiżjoni dwar il-materja b'mod konformi mal-Artikolu 288 TFUE.*

*4. L-Istati Membri għandhom jipposponu l-adozzjoni ta' abozz ta' regolament tekniku bi12-il xahar mid-data meta l-Kummissjoni tkun irċeviet il-komunika li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 5(1) ta' din id-Direttiva jekk, fi żmien tliet xhur wara dik id-data, il-Kummissjoni tħabbar l-intenzjoni tagħha li tipproponi jew tadotta Direttiva, Regolament jew Deċiżjoni dwar il-materja b'mod konformi mal-Artikolu 288 TFUE.*

*5. Jekk il-Kunsill jadotta pożizzjoni fl-ewwel qari matul il-perijodu taż-żmien tal-waqfien (standstill) li hemm referenza għalih fil-paragrafi 3 u 4, dan il-perijodu taż-żmien għandu, soġġett għall-paragrafu 6, jittawwal għal 18-il xahar."*

Il-paragrafi 3, 4 u 5 tal-Artikolu 6 jistipulaw perjodi ta' waqfien ferm itwal bħala riżultat tal-posponiment impost mill-Kummissjoni - u mill-Kummissjoni waħedha - wara eżami tal-abbozz. L-Istat Membru għandu jdewwem l-adozzjoni tal-abbozz għal 12 jew 18-il xahar jekk ix-xogħol ta' armonizzazzjoni tal-UE fl-istess qasam ikun se jinbeda jew ikun diġà qed jitwettaq.

---

[81] Bl-eċċezzjoni ta': a) każijiet urġenti, b) liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi mill-Istati Membri li jipprojbixxu l-manifattura, sakemm dawn ma joħolqux ostakli għall-moviment liberu tal-merkanzija (ara l-Artikolu 7(2)), c) speċifikazzjonijiet tekniċi jew ħtiġijiet oħra marbuta ma' miżuri finanzjarji jew fiskali (ara l-Artikolu 7(4)).

Din ir-reazzjoni, l-aktar konsegwenza serja għall-Istati Membri f'termini ta' żmien, hija maħsuba biex tipprevjeni l-abbozz notifikat milli jaffettwa b'mod negattiv proċess ta' armonizzazzjoni leġiżlattiva li beda fil-livell tal-Unjoni.

Il-posponiment tal-adozzjoni ta' abbozz ta' regolament nazzjonali jista' jiġi impost mill-Kummissjoni fi tliet każijiet speċifiċi:

1. Il-paragrafu 3 ikopri l-ewwel każ: il-Kummissjoni tħabbar l-intenzjoni tagħha li tipproponi jew tadotta direttiva, regolament jew deċiżjoni (fi kliem ieħor kwalunkwe wieħed mill-atti vinkolanti tal-Unjoni skont l-Artikolu 288 tat-TFUE) dwar l-istess suġġett bħat-test tal-abbozz tar-regolament tekniku.

Dan il-paragrafu ma jispeċifikax x'inhu mfisser b'"l-intenzjoni" li jiġi propost, iżda jikkonċerna intenzjoni li ġiet espressa b'mod espliċitu, pereżempju permezz tal-inklużjoni fil-programm leġiżlattiv annwali tal-Kummissjoni.

L-Istati Membri mbagħad iridu jirrispettaw perjodu ta' waqfien ta' 12-il xahar.

Fil-qasam tas-Servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, il-Kummissjoni ma tistax tirrikjedi l-posponiment tal-adozzjoni ta' abbozz sempliċiment billi tiddikjara l-intenzjoni tagħha li tipproponi jew tadotta att vinkolanti tal-Unjoni relatat mas-suġġett tat-test. Il-fatt li l-Kummissjoni tinsab fil-proċess li tfassal att tal-Unjoni mhuwiex biżżejjed biex jiġġustifika perjodu ta' waqfien ta' 12-il xahar għall-Istat Membru kkonċernat.

2. Fit-tieni każ (paragrafu 4), il-Kummissjoni ssib li l-abbozz ta' regolament tekniku notifikat jikkonċerna kwistjoni li hija koperta minn proposta għal direttiva, regolament jew deċiżjoni ppreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

F'dan il-każ, bħal fil-każ preċedenti, l-Istat Membru notifikanti għandu jirrispetta perjodu ta' waqfien ta' 12-il xahar. Għall-kuntrarju tal-każ preċedenti, dan l-effett japplika wkoll fil-qasam tas-Servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.

3. Il-paragrafu 5 jipprevedi t-tielet każ speċifiku, meta l-Kunsill jadotta pożizzjoni komuni matul il-posponiment ta' tnax-il xahar impost fiż-żewġ sitwazzjonijiet preċedenti. F'dan il-każ, id-Direttiva tistipula li l-perjodu ta' waqfien impost fuq l-Istat Membru jiġi estiż għal 18-il xahar.

Għandu jiġi enfasizzat li l-"pożizzjoni komuni" msemmija f'dan il-paragrafu tirrappreżenta stadju tal-proċess leġiżlattiv tal-Unjoni skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja (preċedentement imsejħa kodeċiżjoni)[82]. Din il-proċedura tipprevedi t-tieni qari tat-test mill-Parlament Ewropew meta l-Kunsill jemenda l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, li tispjega l-ħtieġa li jiġi estiż il-perjodu ta' waqfien.

*"6. L-obbligi li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 3, 4 u 5 għandhom jaqgħu:*

[82] Introdott mit-Trattat ta' Maastricht fl-1992, l-użu tiegħu ġie estiż fl-1999. Bl-adozzjoni tat-Trattat ta' Lisbona, il-kodeċiżjoni ngħatat l-isem ġdid tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u saret il-proċedura ewlenija tat-teħid ta' deċiżjonijiet użata għall-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE (l-Artikoli 289 u 294 tat-TFUE).

*(a) meta l-Kummissjoni tgħarraf lill-Istati Membri li ma tkunx iktar bi ħsiebha tipproponi jew tadotta att [tal-Unjoni] li jorbot;*

*(b) meta l-Kummissjoni tgħarraf lill-Istati Membri bl-irtirar tal-abbozz jew tal-proposta tagħha;*

*(c) meta l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jew il-Kummissjoni ikunu adottaw att li jorbot."*

Il-paragrafu 6 jikkonċerna l-iskadenza tal-perjodu ta' waqfien impost fuq l-Istat Membru f'każ li l-adozzjoni ta' abbozz ta' regolament tekniku tiġi posposta mill-Kummissjoni.

Peress li t-tul tal-proċess li se jwassal għall-approvazzjoni finali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mhuwiex ċert, il-Kummissjoni tuża dan l-istrument b'kawtela.

Huwa loġiku li, fejn azzjoni prevista jew li tkun għaddejja fil-livell tal-Unjoni ma tipproduċix riżultat, l-obbligi ta' waqfien imposti mill-paragrafi 3, 4 u 5 għandhom jaqgħu sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jlestu l-ħidma leġiżlattiva posposta fil-livell nazzjonali u jadottaw ir-regolament tekniku.

Dawn l-obbligi ta' waqfien jaqgħu wkoll meta l-Kunsill u l-Parlament jadottaw, jew meta l-Kummissjoni tadotta, l-att vinkolanti tal-Unjoni mħabbar.

***Il-Proċedura ta' urġenza:***

*"Artikolu 6*

*[...]*

*7. Il-paragrafi 1 sa 5 m'għandhomx japplikaw fil-każijiet fejn:*

*(a) għal raġunijiet urġenti, mqajma minn ċirkostanzi serji u imprevisti li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika jew is-sigurtà, il-protezzjoni tal-annimali jew il-preżervazzjoni tal-pjanti, u għar-regoli dwar servizzi, u wkoll għall-politika pubblika, b'mod partikolari l-protezzjoni tal-minuri, Stat Membru huwa obbligat li jħejji regolamenti tekniċi fi spazju qasir ħafna ta' żmien sabiex jippromulgahom u jdaħħalhom fil-pront mingħajr ma jkunu possibbli konsultazzjonijiet; jew*

*(b) għal raġunijiet urġenti mqajma minn ċirkostanzi serji li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tas-sigurtà u l-integrità tas-sistema finanzjarja, speċjalment il-protezzjoni tad-depożituri, tal-investituri u ta' persuni assigurati, Stat Membru huwa obbligat li jippromulga u li jimplimenta fil-pront regoli dwar is-servizzi finanzjarji.*

*Fil-komunikazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 5, l-Istat Membru għandu jagħti r-raġunijiet għall-urġenza tal-miżuri meħuda. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-veduti tagħha dwar il-komunikazzjoni malajr kemm jista' jkun. Għandha tieħu azzjoni xierqa fil-każijiet fejn din il-proċedura ma tintużax kif suppost. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm mgħarraf mill-Kummissjoni."*

Dan il-paragrafu jipprovdi li l-perjodi ta' waqfien ma japplikawx meta Stat Membru, sabiex iwieġeb għal sitwazzjoni urġenti, serja u imprevedibbli bħal, pereżempju, diżastru naturali (il-

ħtieġa li jiġu protetti n-nies, l-atmosfera, il-ħamrija jew l-ilma), epidemija, eċċ., ikun obbligat li jħejji regolamenti tekniċi għall-adozzjoni immedjata, mingħajr ma jkollu żmien biex jikkonsulta minn qabel lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra. Dan huwa l-każ, pereżempju, meta Stat Membru jirregola l-kontroll jew il-projbizzjoni ta' tipi ġodda ta' drogi narkotiċi, sustanzi psikotropiċi, prodotti mediċinali, jew jieħu miżuri biex jiġi miġġieled it-terroriżmu.

Fir-rigward tar-regoli dwar is-servizzi, l-Istati Membri jistgħu jinvokaw il-klawżola ta' urġenza anki għal raġunijiet urġenti kkawżati minn ċirkostanzi serji u imprevedibbli relatati mal-politika pubblika, b'mod partikolari l-protezzjoni tal-minorenni. Dan il-kunċett jirrifletti l-importanza speċjali mogħtija mil-leġiżlatur tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-minorenni fil-kuntest tas-servizzi tas-Soċjetà tal-informatika. It-talba ta' urġenza ġiet aċċettata, pereżempju, għal abbozzi ta' miżuri li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-utenti tal-internet minn siti web li jinċitaw jew jippermettu atti ta' terroriżmu u siti web li jxerrdu immaġnijiet pornografiċi illeċiti, kif ukoll għal abbozzi ta' regoli dwar l-arranġament ta' kooperazzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi li jipprovdu komunikazzjoni kriptata u l-korpi nazzjonali awtorizzati biex jiġbru informazzjoni sigrieta fil-kuntest tal-hekk imsejħa espansjoni tal-Istat Iżlamiku.

Il-klawżola ta' urġenza tista' tiġi invokata wkoll, fejn ikunu kkonċernati regoli relatati mas-servizzi finanzjarji, għal raġunijiet urġenti kkawżati minn ċirkostanzi serji relatati mal-protezzjoni tas-sigurtà u l-integrità tas-sistema finanzjarja, b'mod partikolari l-protezzjoni tad-depożitanti, tal-investituri u tal-persuni assigurati. Din il-klawżola ta' urġenza speċjali u inqas stretta hija pprovduta esklussivament fil-qasam tas-servizzi finanzjarji tas-Soċjetà tal-Informatika minħabba ċerti riskji u ħtiġijiet speċifiċi għal dan is-settur.

Dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali ma jeżentawx lill-Istat Membru mill-obbligu li jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri ppjanati u li jiġġustifika b'mod ċar it-talba tiegħu għal urġenza fiż-żmien meta jiġi kkomunikat l-abbozz tat-test. Fil-punt 12 tal-messaġġ ta' notifika, l-Istat Membru notifikanti għandu jindika, abbażi tal-kriterji limitati u l-interess pubbliku msemmija fid-Direttiva għall-urġenza, ir-raġunijiet għaliex ma jistax jistenna l-perjodu ta' waqfien ta' tliet xhur għall-adozzjoni tal-abbozz tar-regolament tekniku.

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-użu tal-proċedura ta' urġenza huwiex iġġustifikat u għandha tagħti l-fehmiet tagħha dwar il-komunikazzjoni malajr kemm jista' jkun.

Fil-prattika, il-Kummissjoni twettaq analiżi bir-reqqa ħafna tar-raġunijiet mogħtija, abbażi taż-żewġ kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6(7), jiġifieri s-serjetà tas-sitwazzjoni u (minbarra s-servizzi finanzjarji) in-natura imprevedibbli tagħha, filwaqt li tqis l-interess pubbliku msemmi f'dan l-Artikolu. Iż-żewġ kriterji (is-serjetà u n-nuqqas ta' prevedibbiltà) huma kumulattivi. L-adozzjoni urġenti għandha tkun meħtieġa, skont il-każ, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tas-sigurtà pubblika, għall-protezzjoni tal-annimali jew għall-preservazzjoni tal-pjanti, u għar-regoli dwar is-servizzi, anki għall-politika pubblika, b'mod partikolari l-protezzjoni tal-minorenni, il-protezzjoni tas-sigurtà u l-integrità tas-sistema finanzjarja, b'mod partikolari l-protezzjoni tad-depożitanti, tal-investituri u tal-persuni assigurati.

Jekk il-Kummissjoni tqis li dawn il-kriterji ma jiġux issodisfati, hija tiċħad it-talba ta' urġenza u l-perjodu ta' waqfien jibda mid-data tan-notifika. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni tista' taċċetta l-applikazzjoni ta' din il-proċedura.

Bħala eżempju, la l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' Direttiva u lanqas il-proċedimenti quddiem il-QĠUE ma jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi imprevedibbli skont is-sens tal-Artikolu 6(7) tad-

Direttiva. Il-proċedura ta' urġenza tiġi rrifjutata wkoll meta l-ġustifikazzjoni tkun ibbażata fuq raġunijiet purament ekonomiċi jew fuq l-aġenda politika qabel l-elezzjonijiet. Huwa importanti li jitfakkar li l-Artikolu 6(7) tad-Direttiva jikkostitwixxi eżenzjoni mill-obbligu tal-Istati Membri li jikkonformaw mal-perjodi ta' waqfien previsti fl-Artikolu 6(1) sa (5). Bħala tali, hija soġġetta għal interpretazzjoni stretta.[83]

Id-deċiżjoni dwar il-proċedura ta' urġenza ma tippreġudikax il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tar-regolament tekniku dwar il-merti, jiġifieri l-analiżi tagħha ta' jekk l-abbozz notifikat jew il-miżura adottata humiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Fil-każ ta' adozzjoni ta' miżuri li fir-rigward tagħhom ġiet miċħuda t-talba għal urġenza, mingħajr ma ġie osservat il-perjodu ta' waqfien, il-Kummissjoni tista' tniedi l-proċedura ta' ksur imsemmija fl-Artikolu 258 tat-TFUE kontra l-Istat Membru kkonċernat għall-ksur tal-obbligi previsti mid-Direttiva.

## III. Eċċezzjonijiet għall-obbligu li jiġu nnotifikati u li jiġu osservati perjodi ta' waqfien

### *Artikolu 7*

Dan l-Artikolu jissupplimenta l-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva, billi jiddikjara l-eċċezzjonijiet għall-obbligu li jiġi nnotifikat abbozz ta' regolament tekniku nazzjonali. Dan jipprevedi wkoll ċerti eċċezzjonijiet għall-obbligu ta' konformità mal-perjodi ta' waqfien stipulati fl-Artikolu 6.

*"1. L-Artikoli 5 u 6 ma għandhomx japplikaw għal dawk il-liġijiet, ir-regolament u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri jew għal ftehim volontarju li permezz tiegħu l-Istati Membri:*

*(a) jikkonformaw ma' atti tal-Unjoni li jorbtu li jirriżultaw fl-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi jew ir-regoli dwar servizzi;*

*(b) jissodisfaw l-obbligi li joħorġu minn ftehim internazzjonali li jirriżultaw fl-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni jew regoli dwar servizzi fl-Unjoni;"*

Il-limiti għal din l-eċċezzjoni jistgħu jintwerew bl-aħjar mod b'referenza għall-objettiv fundamentali tad-Direttiva, li huwa l-eliminazzjoni ta' ostakli kummerċjali mhux ġustifikati.

Jekk l-Istati Membri jadottaw l-istess sett ta' regoli kif meħtieġ minn att tal-Unjoni, l-ostakli għall-kummerċ u d-differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali jitneħħew fl-istess ħin, u l-proċedura stabbilita mid-Direttiva ma tibqax meħtieġa.

Dan ir-raġunament huwa l-istess fir-rigward tal-ftehimiet internazzjonali: meta ftehim bħal dan ikun fih dispożizzjonijiet preċiżi u ma jkun hemm l-ebda kamp ta' applikazzjoni għal diverġenza, l-adozzjoni mill-Istati Membri kollha ta' sett uniformi ta' regoli, fil-prinċipju, x'aktarx li tirriżulta f'ostakli għall-kummerċ. Din l-eżenzjoni tapplika fir-rigward ta' ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Istati Membri kollha huma firmatarji.

[83] Is-sentenzi tal-QĠUE tas-26 ta' Ottubru 2006 fil-Kawża C-65/05 *Il-Kummissjoni vs ir-Repubblika Ellenika* EU:C:2006:673 u tal-10 ta' Lulju 2014 fil-Kawża C-307/13 *Ivansson et* EU:C:2014:2058.

Is-sitwazzjoni hija differenti meta l-att tal-Unjoni jew il-ftehim internazzjonali jiġi implimentat permezz ta' miżuri li jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, jew meta dispożizzjonijiet uniformi, li jridu jiġu trasposti, jiġu ssupplimentati b'regoli li huma ta' oriġini purament nazzjonali.

Diversi sentenzi ċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva (UE) 2015/1535, fejn l-Istati Membri mhumiex obbligati jinnotifikaw testi li permezz tagħhom jikkonformaw ma' atti vinkolanti tal-UE li jirriżultaw fl-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi jew regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.

Fl-1996[84], il-Qorti fakkret li jrid ikun hemm rabta diretta bejn att vinkolanti tal-Unjoni u l-miżura nazzjonali sabiex din tal-aħħar tikkwalifika bħala miżura ta' implimentazzjoni eżentata mir-rekwiżit ta' notifika skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 83/189/KEE (issa l-punt (a) tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva (UE) 2015/1535).

Fl-1999, fil-kawżi magħquda *Albers, Van den Berkmortel* u *Nuchelmans*[85], il-Qorti qieset li fil-ħruġ tal-projbizzjoni fuq l-amministrazzjoni ta' Clenbuterol għat-tismin tal-bhejjem, in-Netherlands onorat l-obbligi tagħha skont id-Direttiva 86/469/KEE dwar l-eżaminazzjoni tal-annimali u l-laħam frisk għall-preżenza tar-residwi, u li għalhekk ir-regolament tekniku kien eżentat, skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 83/189/KEE (issa l-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2015/1535), mid-dmir ta' notifika.

Min-naħa l-oħra, fis-sentenza *Unilever*[86], il-Qorti speċifikat li l-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/34/KE (issa l-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2015/1535) ma jistax jiġi invokat meta dispożizzjoni ta' direttiva tagħti lill-Istat Membru biżżejjed lok għall-immanuvrar. Dan kien il-każ. L-Italja affermat li d-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE dwar it-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel imponiet l-obbligu li fit-tikkettar jiġu inklużi dettalji tal-post tal-oriġini jew tal-provenjenza tal-prodott f'każijiet fejn in-nuqqas li jingħataw dawn id-dettalji jista' jiżgwida lill-konsumatur fuq livell materjali fir-rigward tal-oriġini jew il-provenjenza vera tal-oġġett tal-ikel. Skont il-Qorti, din id-dispożizzjoni hija abbozzata f'termini ġenerali u tħalli biżżejjed lok għall-immanuvrar. Għalhekk, ir-regoli nazzjonali dwar it-tikkettar relatati mal-oriġini taż-żejt taż-żebbuġa ma jistgħux jitqiesu bħala dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonformaw ma' att Komunitarju vinkolanti skont it-tifsira tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 98/34/KE (issa l-punt (a) tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva (UE) 2015/1535).

Din l-interpretazzjoni restrittiva tal-punt (a) tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva ġiet ikkonfermata mill-Qorti fis-sentenza *Canal Satélite Digital*[87]. F'din is-sentenza, il-Qorti tenniet li l-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/34/KE (issa l-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2015/1535) juri li l-obbligu li jiġi nnotifikat u osservat il-perjodu ta' waqfien ma japplikax għal-liġijiet, għar-regolamenti jew għad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri, jew għal ftehimiet volontarji li permezz tagħhom l-Istati Membri jikkonformaw ma' miżuri vinkolanti tal-Unjoni li jirriżultaw fl-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi. Sal-punt li l-miżura nazzjonali inkwistjoni fil-proċedimenti ewlenin ittrasponiet id-Direttiva 95/47/KE dwar l-użu ta' standards għat-trażmissjoni ta' sinjali tat-televiżjoni, u sa dak il-punt biss, ma jkun hemm l-ebda obbligu ta' notifika skont id-

[84] Il-Kawża C-289/94 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* EU:C:1996:330.

[85] Il-Kawża C-425/97 *Albers*, il-Kawża C-426/97 *Van den Berkmortel*, il-Kawża C-427/97 *Nuchelmans* EU:C:1999:243.

[86] Il-Kawża C-443/98 *Unilever* EU:C:2000:496.

[87] Il-Kawża C-390/99 *Canal Satélite Digital* EU:C:2002:34.

Direttiva 98/34/KE (issa d-Direttiva (UE) 2015/1535). Madankollu, wara li kkunsidrat il-kontenut tad-Direttiva 95/47/KE, il-Qorti qieset li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, sa fejn stabbiliet sistema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel, - li fil-fatt mhijiex prevista mid-Direttiva 95/47/KE - ma setgħetx tiġi kkwalifikata bħala leġiżlazzjoni li biha l-Istat Membru jikkonforma ma' miżura Komunitarja vinkolanti li tirriżulta fl-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi.

L-istess raġunament japplika għall-miżuri adottati biex jikkonformaw ma' ftehim internazzjonali li fih dispożizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni li għalihom ma hija stabbilita l-ebda possibbiltà ta' diverġenza. Il-miżuri adottati biex jikkonformaw ma' ftehim li l-Istati Membri kollha huma parti minnu jaqgħu taħt din l-eċċezzjoni; jekk dawn huma miżuri adottati biex jikkonformaw ma' ftehim internazzjonali li għalih mhux l-Istati Membri *kollha* huma parti, dawn għandhom jiġu nnotifikati.

*"(c) jagħmlu użu mill-klawsoli ta' salvagwardja li jipprovdu għalihom atti tal-Unjoni li jorbtu;"*

L-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jinnotifikaw lill-Kummissjoni, skont id-Direttiva (UE) 2015/1535, dwar l-abbozz ta' miżuri provviżorji li huma awtorizzati jieħdu skont il-klażola ta' salvagwardja li tinsab fid-Direttivi tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 114 tat-TFUE. Dan l-Artikolu jistabbilixxi fil-paragrafu 10 li *"Il-miżuri ta' armonizzazzjoni (...) għandhom, fil-każi xierqa, jinkludu klawsola ta' salvagwardja li tawtorizza lill-Istati Membri li jieħdu għal raġuni waħda jew aktar li mhijiex ta' natura ekonomika msemmija fl-Artikolu 36, miżuri provviżorji suġġetti għall-proċedura tal-kontroll mill-Unjoni".*

Dawn ir-raġunijiet mhux ekonomiċi jistgħu jkunu relatati mal-moralità pubblika, l-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika, il-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti, il-protezzjoni ta' teżori nazzjonali li għandhom valur artistiku jew arkeoloġiku jew il-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali.

*"(d) japplikaw l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2001/95/KE"*[88];

L-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jinnotifikaw, skont id-Direttiva (UE) 2015/1535, abbozz ta' regolamenti tekniċi nazzjonali relatati mal-applikazzjoni tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti.

Dan l-Artikolu jipprovdi li *"meta Stat Membru jadotta jew jiddeċiedi li jadotta, jirrakkomanda jew jiftiehem mal-produtturi u mad-distributuri, sewwa jekk fuq bażi volontarja u sewwa fuq bażi obbligatorja, dwar miżuri jew azzjonijiet sabiex jipprevjenu, jirrestrinġu jew jimponu kondizzjonijiet speċifiċi fuq il-marketing jew l-użu possibbli, ġewwa t-territorju tiegħu, tal-prodotti minħabba riskju gravi, għandu mill-ewwel jinnotifika lill-Kummissjoni b'dan permezz*

[88] Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4).

*tar-RAPEX*[89]*. Għandu jgħarraf ukoll lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bil-modifika jew l-irtirar ta' din il-miżura jew azzjoni (...)".*

*"(e) jillimitaw lilhom infushom għal li jimplimentaw sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;"*

L-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jinnotifikaw miżuri nazzjonali li għandhom l-uniku objettiv li jimplimentaw sentenza tal-QĠUE relatata ma' aspett ieħor għajr in-notifika ta' regolament tekniku. Is-sentenzi minn din il-Qorti, li huma responsabbli biex jiżguraw konformità mad-dritt tal-Unjoni, għandhom jiġu infurzati immedjatament.

*"(f) jillimitaw lilhom infushom għal li jemendaw regolament tekniku fi ħdan it-tifsira tal-punt (f) tal-Artikolu 1(1), b'mod konformi ma' talba tal-Kummissjoni bil-ħsieb li jitneħħa xi ostakolu għall-kummerċ jew, fil-każ tar-regoli dwar servizzi, għall-moviment liberu tas-servizzi jew tal-libertà ta' stabbiliment ta' operaturi tas-servizzi."*

L-Istati Membri mhumiex meħtieġa jinnotifikaw miżuri nazzjonali mmirati biss lejn l-emendar ta' regolament tekniku sabiex jitneħħew l-ostakli bi tweġiba għal talba, pereżempju permezz ta' opinjoni jew kummenti dettaljati, mill-Kummissjoni, peress li dawn il-miżuri huma preċiżament f'konformità mal-objettiv tad-Direttiva (UE) 2015/1535[90].

*"2. L-Artikolu 6 ma għandux japplika għal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jipprojbixxu l-manifattura sakemm u safejn dawn ma jostakolawx il-moviment liberu tal-prodotti."*

Skont it-termini ta' dan il-paragrafu, perjodu ta' waqfien ma japplikax għal miżuri li jfittxu li jipprojbixxu l-manifattura, sal-punt li dawn ma jxekklux il-moviment liberu tal-merkanzija fl-Unjoni. F'dan il-każ, huwa ovvju li l-posponiment tal-adozzjoni ta' miżuri jagħmel sens biss jekk il-projbizzjonijiet tal-manifattura jippreżentaw riskju potenzjali li jikkostitwixxu ostaklu tekniku għall-kummerċ fis-suq intern.

*"3. Il-paragrafi 3 sa 6 tal-Artikolu 6 m'għandhomx japplikaw għall-ftehim volontarji li hemm referenza għalihom fil-punt (ii) tat-tieni subparagrafu tal-punt (f) tal-Artikolu 1(1)."*

---

[89] RAPEX, li l-bażi ġuridika tagħha hija d-Direttiva 2001/95/KE dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti, isservi bħala sistema ta' twissija rapida unika għal prodotti perikolużi għall-konsumatur. Il-prodotti kollha mhux tal-ikel maħsuba għall-konsumaturi jew x'aktarx taħt kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli li għandhom jintużaw mill-konsumaturi huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-RAPEX, bl-eċċezzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi u mediċi.

[90] Il-Kawża C-26/11 *Belgische Petroleum Unie et al.* EU:C:2013:44.

Skont it-termini ta' dan il-paragrafu, l-obbligi ta' posponiment u ta' waqfien applikabbli għall-abbozzi ta' regolamenti nazzjonali li jikkonċernaw suġġett kopert minn ħidma leġiżlattiva attwali jew imminenti fil-livell tal-Unjoni ma japplikawx għal ftehimiet volontarji.

***Miżuri fiskali jew finanzjarji***

*"4. L-Artikolu 6 m'għandux japplika għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew ħtiġijiet oħra jew għar-regoli dwar is-servizzi li hemm referenza għalihom fil-punt (iii) tat-tieni subparagrafu tal-punt (f) tal-Artikolu 1(1)."*

F'dak li għandu x'jaqsam mal-abbozzi ta' regolamenti tekniċi li jikkonċernaw miżuri fiskali jew finanzjarji, tqies li ma kienx opportun li jiġu applikati l-obbligi ta' waqfien għal miżuri marbuta mas-sistema fiskali tal-Istati Membri.

Madankollu, in-nuqqas tal-obbligu ta' waqfien għall-Istat Membru notifikanti ma jeskludix il-fatt li l-Kummissjoni jew Stat Membru ieħor jista' jirreaġixxi għal dawn l-abbozzi permezz ta' kummenti jew opinjonijiet dettaljati (ara l-Artikolu 7(4)).

* * *

Mill-qari tal-Artikoli 5, 6 u 7 tad-Direttiva (UE) 2015/1535 jista' jiġi konkluż li l-proċedura ta' informazzjoni applikabbli għar-regolamenti tekniċi hija pjuttost kumplessa. Il-linji gwida prodotti mid-dipartimenti tal-Kummissjoni, u distribwiti lill-punti ta' kuntatt nazzjonali, jispjegaw fid-dettall kif il-proċedura topera fil-prattika (eż.: Linji gwida prattiċi dwar id-definizzjoni u n-notifika ta' "miżuri fiskali jew finanzjarji" għall-għanijiet tad-Direttiva (UE) 2015/1535, jew Linji Gwida dwar il-ġestjoni ta' proċeduri ta' urġenza skont l-Artikolu 6(7) tad-Direttiva (UE) 2015/1535).

Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar ir-regolamenti tekniċi jimponu obbligi stretti ħafna fuq l-Istati Membri, li huma bbilanċjati mid-dritt ta' reazzjoni għall-abbozzi ta' regolamenti nazzjonali li qed jitħejjew minn Stati Membri oħra u bil-possibbiltà li jitnaqqas it-telf ta' ħin għal proċeduri ħafna aktar kumplessi, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali, li jirriżultaw minn proċeduri *ex post* li huma purament limitati biex jitneħħew ostakli regolatorji diġà eżistenti.

Meta l-Istati Membri jonqsu milli jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jikkomunikaw l-abbozz tar-regolamenti tekniċi tagħhom lill-Kummissjoni, jew ma jirrispettawx il-perjodi ta' waqfien stabbiliti fid-Direttiva, il-Kummissjoni tista' tibda proċedimenti ta' ksur, skont l-Artikolu 258 tat-TFUE, kif diġà msemmi. Meta l-Istat Membru kkonċernat ma jikkonformax mad-dritt tal-Unjoni, il-proċedura tista' twassal għal sentenza f'każ ta' nuqqas ta' twettiq tal-obbligi mill-QĠUE[91].

L-individwi privati jistgħu, min-naħa tagħhom, jibbażaw fuq il-fatt li r-regolamenti tekniċi li magħhom huma meħtieġa jikkonformaw, iżda li ma jkunux ġew innotifikati, ma jistgħux jiġu infurzati kontrihom[92]. Barra minn hekk, fis-sentenza *Unilever*, il-QĠUE ikkonkludiet li miżura li

91 Ir-referenza għal dawn is-sentenzi ssir fil-Punt III tal-bibljografija.

92 Il-Kawża C-194/94 *CIA Security* EU:C:1996:172; Il-Kawża C-226/97 *Lemmens* EU:C:1998:296; Il-Kawża C-26/11 *Belgische Petroleum Unie et* EU:C:2013:44; Il-Kawża C-285/15 *Beca Engineering* EU:C:2016:295 u l-Kawża C-336/14 *Ince* EU:C:2016:72*;* Il-Kawża C-299/17 *VG Media* EU:C:2019:716.

ġiet innotifikata iżda sussegwentement adottata matul il-perjodu ta' waqfien stabbilit fl-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2015/1535, ma tistax tiġi infurzata kontra individwi[93].

93 Il-Kawża C-443/98 *Unilever* EU:C:2000:496 u l-Kawża C-95/14 *Unic and Uni.co.pel* EU:C:2015:492.

## KAPITOLU III: IL-PROĊEDURA GĦALL-GĦOTI TA' INFORMAZZJONI FIR-RIGWARD TA' STANDARDS

Wara li l-istandardizzazzjoni Ewropea kienet is-suġġett ta' regolament speċifiku[94] mill-1 ta' Jannar 2013, it-taqsima dwar l-istandardizzazzjoni tneħħiet mid-Direttiva 98/34/KE[95], bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 4 attwali tad-Direttiva (UE) 2015/1535 (ex Artikolu 7(2), it-tieni paragrafu, tad-Direttiva 98/34/KE).

***"Artikolu 4***

*L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 5(1), it-talbiet kollha li jsiru lill-korpi tal-istandardizzazzjoni biex ifasslu speċifikazzjonijiet tekniċi jew standard għal prodotti speċifiċi bil-għan li jkun hemm regolament tekniku għal prodotti ta' dak it-tip, fil-forma ta' abbozz ta' regolamenti tekniċi, u għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet għal dak ir-regolament tekniku."*

L-istandards huma definiti bħala speċifikazzjonijiet tekniċi, adottati minn korp tal-istandardizzazzjoni rikonoxxut, għal applikazzjoni ripetuta jew kontinwa, li magħha l-konformità mhix obbligatorja.

Dan l-artikolu jikkonċerna każijiet speċifiċi li fihom l-istandards nazzjonali għandhom isiru obbligatorji mill-Istati Membri permezz ta' regolamenti tekniċi.

Fil-fatt, sabiex tiġi infurzata l-osservanza ta' standards li huma essenzjalment volontarji, Stat Membru jista' juża żewġ proċeduri:

- jista' jagħmel l-istandards eżistenti obbligatorji, u b'hekk, jittrasformahom f'regolamenti tekniċi;
- jista' titlob ukoll lill-korp tal-istandardizzazzjoni ta' pajjiżu biex iħejji standards bl-għan li jiġu stabbiliti regolamenti tekniċi.

L-Artikolu 4 jipprevedi obbligu, għall-Istati Membri, li jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar talbiet indirizzati lill-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni biex ifasslu regolamenti tekniċi (l-ewwel każ) jew standard nazzjonali (it-tieni każ) għal prodotti speċifiċi għall-fini tal-promulgazzjoni ta' regolament tekniku.

Ir-raġuni għal dan l-obbligu hija sempliċi: l-istandards nazzjonali jsiru parzjalment jew bħala komplement ta' regolament tekniku nazzjonali jistgħu jaġixxu bħala ostakli għat-tħaddim xieraq tas-suq intern.

---

94 Ir-Regolament (UE) 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

95 Fil-Kawża T-229/17 *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni* EU:T:2019:236, il-Qorti Ġenerali tal-UE kkonfermat li r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 neħħa mid-Direttiva 98/34/KE d-dispożizzjonijiet kollha relatati mal-proċedura Ewropea ta' armonizzazzjoni.

## KAPITOLU IV: IL-KUMITAT PERMANENTI

***"Artikolu 2***

*Għandu jitwaqqaf Kumitat Permanenti li jkun magħmul minn rappreżentanti maħtura mill-Istati Membri li jistgħu jitolbu l-għajnuna ta' esperti jew konsulenti; il-President tiegħu għandu jkun rappreżentant tal-Kummissjoni.*

*Il-Kumitat għandu jfassal ir-regoli ta' proċedura tiegħu.*

***Artikolu 3***

*1. Il-Kumitat għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena.*

*Il-Kumitat għandu jiltaqa' f'kompożizzjoni speċifika sabiex jeżamina kwistjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.*

*2. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kumitat rapport dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-proċeduri stabbiliti f'din id-Direttiva, u għandha tressaq proposti mmirati għall-eliminazzjoni ta' ostakoli eżistenti jew previsti għall-kummerċ.*

*3. Il-Kumitat għandu jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar il-komunikazzjonijiet u l-proposti li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 2 u jista', f'dak ir-rigward, jipproponi, b'mod partikolari, illi l-Kummissjoni:*

*(a) tiżgura fejn meħtieġ, sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' ostakoli għall-kummerċ, illi fil-bidu, l-Istati Membri interessati jiddeċiedu bejniethom dwar miżuri xierqa;*

*(b) tieħu l-miżuri xierqa kollha;*

*(c) tidentifika l-oqsma fejn tidher meħtieġa l-armonizzazzjoni, u, jekk jinqala' l-każ, twettaq armonizzazzjoni xierqa f'settur partikolari.*

*4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Kumitat:*

*(a) meta tkun qed tiddeċiedi dwar is-sistema attwali li permezz tagħha jrid jiġi effetwat l-iskambju ta' informazzjoni previst f'din id-Direttiva u dwar kull bdil għalih;*

*(b) meta tkun qed tirrevedi kif taħdem is-sistema prevista f'din id-Direttiva.*

*5. Il-Kumitat jista' jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni dwar kull abbozz preliminari ta' regolament tekniku rċevut minn din tal-aħħar.*

*6. Kull kwistjoni li tirrigwarda l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva tista' tiġi sottomessa lill-Kumitat fuq it-talba tal-President tiegħu jew tal-Istat Membru.*

*7. Il-proċeduri tal-Kumitat u l-informazzjoni li trid tiġi sottomessa għandhom ikunu kunfidenzjali.*

*Madankollu, il-Kumitat u l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu, sakemm jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa, jikkonsultaw, għal opinjoni esperta, lil persuni naturali jew legali, inklużi persuni fis-settur privat.*

*8. Fir-rigward tar-regoli dwar servizzi, il-Kummissjoni u l-Kumitat jistgħu jikkonsultaw lil persuni naturali jew legali mill-industrija jew mid-dinja akkademika, u fejn possibbli korpi rappreżentattivi, kapaċi li jagħtu opinjoni esperta dwar il-miri soċjali u tas-soċjetà u l-konsegwenzi ta' kull abbozz ta' regola dwar is-servizzi, u jqisu l-parir tagħhom kull meta jiġu mitluba li jagħmlu dan."*

L-Artikoli 2 u 3 jiddeskrivu l-kompożizzjoni u r-rwol tal-Kumitat Permanenti.

Il-Kumitat huwa magħmul mir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri u presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Huwa għandu kompetenza għal regolamenti tekniċi u jikkostitwixxi l-punt fokali għad-diskussjoni tal-kwistjonijiet kollha marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva. Għalhekk, dan għandu rwol importanti ħafna fis-superviżjoni tal-operazzjoni tal-proċedura u fl-eżami ta' kwistjonijiet ta' politika mqajma min-notifiki u wkoll fl-iżvilupp ta' network amministrattiv bejn l-awtoritajiet nazzjonali.

Ir-regoli operattivi ta' dan il-korp ġew miftiehma mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, peress li d-Direttiva tistipula li l-Kumitat għandu jfassal ir-regoli ta' proċedura tiegħu stess. L-uniċi regoli imposti mid-Direttiva fuq il-Kumitat Permanenti huma l-obbligu li jitlaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena, u li jiggarantixxi n-natura kunfidenzjali kemm tal-informazzjoni sottomessa lilu kif ukoll tal-proċedimenti tiegħu.

Madankollu, dan id-dmir ta' diskrezzjoni ma jipprevjenix lill-Kumitat u lill-awtoritajiet nazzjonali milli jużaw l-għarfien espert ta' persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi fis-settur privat, li huma kapaċi jeżaminaw u jiffurmaw opinjoni dwar l-abbozzi notifikati. Fil-fatt, dan il-parir jista' jkun indispensabbli, peress li l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri mhux dejjem ikollhom l-għarfien u r-riżorsi meħtieġa biex iwettqu dan il-kompitu. Id-Direttiva tagħmel dan possibbli sakemm, f'konformità mal-Artikolu 5(4), l-Istati Membri ma jitolbux espressament li n-notifiki li jkunu wettqu jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali bħala eċċezzjoni. F'dan il-każ, il-Kumitat għandu jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex jissalvagwardja l-interessi leġittimi u debitament ġustifikati tal-Istati Membri.

Fil-prattika, il-Kumitat Permanenti jiltaqa' darbtejn fis-sena. Dawn il-laqgħat jissejħu mill-Kummissjoni.

Il-laqgħat tal-Kumitat Permanenti jippermettu lid-dipartimenti tal-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiskambjaw fehmiet dwar l-aspetti kollha tal-applikazzjoni tad-Direttiva.

Fil-qafas ta' dawn il-laqgħat, kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni tad-Direttiva tista' titressaq quddiem il-Kumitat Permanenti fuq it-talba tal-President tiegħu jew ta' Stat Membru.

Barra minn hekk, dan għandu jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni dwar ċerti punti, inkluża l-għażla tas-sistema li għandha tintuża fil-prattika għall-iskambju ta' informazzjoni stabbilit mid-Direttiva.

Il-Kumitat jesprimi opinjoni dwar il-proposti ppreżentati mill-Kummissjoni sabiex jiġu limitati l-ostakli eżistenti jew potenzjali għall-kummerċ: dan jista', pereżempju, jitlob lill-Kummissjoni tħeġġeġ id-djalogu bejn l-Istati Membri, sabiex ikunu jistgħu jsibu - fl-applikazzjoni tal-prinċipju

tas-sussidjarjetà - soluzzjonijiet bejniethom. L-inkoraġġiment ta' tali djalogu huwa f'konformità mal-ispirtu tad-Direttiva (UE) 2015/1535 li tfittex li tneħħi l-ostakli fis-sors, bil-prevenzjoni aktar milli bil-koerċizzjoni.

Kull sentejn, il-Kummissjoni tippreżenta lill-Kumitat ir-rapport li tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ir-riżultati tal-applikazzjoni tad-Direttiva (ara l-Artikolu 8).

Il-Kumitat Permanenti jista' jitlob b'mod speċifiku lill-Kummissjoni biex tidentifika dawk l-oqsma li fihom l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali hija meħtieġa u biex tibda taħdem fil-livell Ewropew (it-tħejjija ta' proposta għal direttiva jew regolament).

Hija tfassal lista ta' awtoritajiet nazzjonali, minbarra l-gvernijiet ċentrali, li r-regolamenti tekniċi tagħhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u teżamina kwalunkwe abbozz ta' emenda għal din tal-aħħar.

Il-Kumitat huwa wkoll il-forum għad-diskussjoni ta' diversi kwistjonijiet, minn problemi tekniċi li wieħed jiltaqa' magħhom fl-iskambju ta' informazzjoni bil-posta elettronika, għad-diffikultajiet li jirriżultaw mill-koinċidenza tal-proċedura ta' notifika skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 mal-proċeduri ta' notifika previsti minn atti oħra tal-Unjoni.

Minbarra l-laqgħa tal-Kumitat Permanenti, il-laqgħat organizzati fi ħdan l-Istati Membri, jestendu, fejn meħtieġ, il-kuntatti diretti bejn ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-abbozzi tar-regolamenti tekniċi u d-dipartimenti tal-Kummissjoni.

Dawn il-laqgħat jipprevedu wkoll opportunità għal kuntatti mar-rappreżentanti tal-unitajiet ċentrali tal-Istati Membri responsabbli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/1535, bl-għan li jiġu solvuti problemi prattiċi li wieħed jiltaqa' magħhom fl-applikazzjoni tal-proċedura ta' informazzjoni, is-sejba ta' soluzzjonijiet li se jippermettu l-għeluq ta' proċedimenti ta' ksur imnedija mill-Kummissjoni għan-nuqqas ta' notifika ta' abbozzi ta' regolamenti nazzjonali, jew l-evitar ta' tali proċedimenti.

# KAPITOLU V - L-APPLIKAZZJONI TAD-DIRETTIVA

## I. Rapporti u statistika

*"Artikolu 8*

*Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sentejn lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar ir-riżultati tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.*

*Il-Kummissjoni tippubblika l-istatistiċi annwali dwar in-notifiki li tirċievi f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea."*

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-obbligi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-garanzija tat-trasparenza tal-informazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/1535, kemm fir-rigward tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-korpi li jirrappreżentaw l-interessi politiċi u ekonomiċi taċ-ċittadini tal-Unjoni, kif ukoll iċ-ċittadini nfushom.

Ir-rapporti li l-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jiddeskrivu t-tħaddim tad-Direttiva matul il-perjodu ta' referenza[96].

Fl-2003 ġie ppubblikat rapport speċifiku mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tad-Direttiva 98/34/KE fil-qasam tas-Servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika biex titqies is-sitwazzjoni peress li d-Direttiva ġiet estiża għal dan is-settur f'Awwissu 1999[97].

## II. Referenza għad-Direttiva fiż-żmien tal-adozzjoni tar-regolament tekniku

*"Artikolu 9*

*Meta Stat Membru jadotta regolament tekniku, dan għandu jkun fih referenza għal din id-Direttiva jew għandu jkun akkumpanjat b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tiegħu. Il-metodi dwar kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri."*

Dan l-Artikolu jirrikjedi li l-Istati Membri jagħmlu referenza għad-Direttiva (UE) 2015/1535 jew fit-test tar-regolamenti tekniċi l-ġodda li jadottaw jew bħala suppliment għat-test fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tagħha. Il-kliem ta' din ir-referenza jitħalla għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri.

Għalkemm din ir-referenza mhijiex garanzija assoluta ta' konformità mill-Istat Membru mad-Direttiva, tal-inqas tistabbilixxi preżunzjoni li r-regolament tekniku ġie debitament innotifikat.

Dan l-obbligu huwa ta' importanza fundamentali għall-individwi privati, li huma awtorizzati jasserixxu d-drittijiet tagħhom fil-każ tal-adozzjoni ta' regolament tekniku mingħajr notifika minn qabel (ara l-ġurisprudenza msemmija fil-Kapitolu VI li ġej).

## III. Skeda ta' żmien u Metodi ta' Applikazzjoni

96 Hemm referenza għal dawn is-sentenzi fil-Punt I tal-bibljografija.
97 COM(2003) 69 final, 13.2.2003.

Id-Direttiva 83/189/KEE ġiet adottata fit-28 ta' Marzu 1983 u daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Marzu 1984.

Din ġiet emendata l-ewwel bid-Direttiva 88/182/KEE, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1989. It-tieni emenda daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 1995 u ġiet implimentata bid-Direttiva 94/10/KE.

Il-proċedura mbagħad ġiet ikkodifikata bid-Direttiva 98/34/KE tat-22 ta' Ġunju 1998 u ġiet immodifikata bid-Direttiva 98/48/KE tal-20 ta' Lulju 1998, prinċipalment biex testendi l-applikazzjoni tagħha għas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika. Din l-estensjoni daħlet fis-seħħ fil-5 ta' Awwissu 1999.

Id-Direttiva 98/34/KE, kif modifikata, imbagħad ġiet ikkodifikata u ssostitwita bid-Direttiva (UE) 2015/1535 tad-9 ta' Settembru 2015, li daħlet fis-seħħ fis-7 ta' Ottubru 2015.

Il-mod li bih dawn id-Direttivi ġew trasposti tħalla, bħal fi kwalunkwe Direttiva oħra, għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 288 tat-TFUE li jiddikjara li "*Direttiva għandha torbot l-Istati Membri, f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda tħalli l-għażla ta' forom u metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali*"[98].

Id-Direttiva (UE) 2015/1535 hija kkaratterizzata mill-fatt li fiha għadd kbir ta' regoli proċedurali, li l-Istati Membri kellhom jimplimentaw.

## KAPITOLU VI : AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI MINN INDIVIDWI PRIVATI U MILL-INDUSTRIJA U L-GĦAŻLIET TA' REAZZJONI TAGĦHOM

Għalkemm l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/1535 hija fuq kollox kwistjoni għall-partijiet involuti fil-proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi - il-Kummissjoni u l-Istati Membri - l-informazzjoni dwar l-abbozzi tar-regolamenti tekniċi hija ta' interess konsiderevoli għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tistieden lill-operaturi ekonomiċi kollha, lill-benefiċjarji reali tal-proċedura ta' notifika, inklużi l-kategoriji kollha ta' riċevituri tas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (kumpaniji, professjonisti, konsumaturi, eċċ.), biex jinformaw lilhom infushom dwar l-abbozzi ta' leġiżlazzjoni u regolamenti kollha li qed jitħejjew mill-Istati Membri fi stadju kmieni biżżejjed, sabiex ikunu jistgħu, jekk ikunu jixtiequ hekk:

- jantiċipaw l-adozzjoni ta' regolamenti tekniċi nazzjonali futuri fi Stati Membri oħra, billi jadattaw il-produzzjoni tagħhom sabiex tikkonforma mal-kontenut preċiż ta' dawn it-testi. B'dan il-mod, il-manifatturi u l-fornituri tas-servizzi jistgħu, meta jasal iż-żmien, jipprovdu minnufih prodotti u servizzi li jikkonformaw bis-sħiħ mal-ħtiġijiet ta' dawn ir-regolamenti;

- jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar l-emendi meħtieġa għar-regolamenti tekniċi proposti li jistgħu joħolqu ostakli għall-kummerċ, sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għall-prodotti u għas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika fil-livell transfruntier. L-operaturi ekonomiċi jistgħu

[98] Għall-kuntrarju ta' regolament li "għandu jorbot fl-intier tiegħu" u "japplika direttament fl-Istati Membri kollha".

jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar diffikultajiet li jistgħu jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-testi, ladarba jiġu adottati, fil-qasam tagħhom.

Din hija informazzjoni imprezzabbli għad-dipartimenti tal-Kummissjoni, peress li ma għandhomx esperjenza prattika ekwivalenti fl-oqsma rilevanti.

Dawn il-kummenti jistgħu jiġu sottomessi direttament permezz ta' TRIS (Sistema ta' Informazzjoni dwar ir-Regolamenti Tekniċi)[99] (ara hawn taħt) jew jintbagħtu lid-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni jew lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-amministrazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/1535 fil-qasam tar-regolamenti tekniċi. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jqisuhom meta janalizzaw l-abbozz tar-regolament tekniku inkwistjoni u meta jħejju kummenti jew opinjonijiet dettaljati li għandhom jintbagħtu lill-Istat Membru notifikanti bl-għan li jitneħħew l-elementi protezzjonisti identifikati fl-abbozz.

Jekk l-għażliet disponibbli għaċ-ċittadini u għall-impriżi tal-Unjoni Ewropea skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 ikollhom jiġu eżerċitati bis-sħiħ, l-individwi privati u n-negozji għandhom jikkonsultaw is-sorsi ta' informazzjoni li jsiru faċilment aċċessibbli mill-Kummissjoni.

## 1. Il-bażi tad-*data* TRIS

Il-Premessa 7 tad-Direttiva (UE) 2015/1535 taqra: "*L-għan tas-suq intern huwa li joħloq ambjent li jwassal għall-kompetittività tal-intrapriżi. Żieda fil-provviżjoni ta' informazzjoni hija mod wieħed li jgħin lill-intrapriżi jiksbu iktar mill-vantaġġi inerenti f'dan is-suq. Huwa għalhekk meħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jiġu megħjuna biex jagħtu l-istima tagħhom dwar l-impatt tar-regolamenti tekniċi nazzjonali proposti mill-Istati Membri l-oħra .....*".

Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess taċ-ċittadini u tal-industrija għar-regolamenti tekniċi nazzjonali, il-Kummissjoni żviluppat bażi tad-*data* komprensiva tal-abbozzi tat-testi notifikati kollha (u t-testi finali kif adottati mill-Istati Membri) imsejħa TRIS (Sistema ta' Informazzjoni dwar ir-Regolamenti Tekniċi) li hija aċċessibbli għall-pubbliku fuq is-sit web Europa[100].

Minbarra l-funzjoni ta' "Tfittxija" elaborata tajjeb, bl-użu ta' diversi kriterji bħan-numru ta' notifika, il-pajjiż, id-data, il-prodott, il-kliem ewlieni eċċ., li jippermettu l-identifikazzjoni ta' abbozzi ta' regolamenti tekniċi nazzjonali kif ukoll testi li diġà ġew adottati, kwalunkwe persuna interessata tista' tuża s-"Sistema ta' Twissija" awtomatika permezz ta' dan is-sit web ta' TRIS. L-unika ħaġa li jridu jagħmlu l-partijiet interessati hija li jirreġistraw u jagħżlu kategorija ta' notifika waħda jew aktar. TRIS awtomatikament se tibgħat posta elettronika lill-abbonat meta fil-bażi tad-*data* jittella' test notifikat ġdid fil-kategorija jew fil-kategoriji magħżula.

## 2. Il-kontribuzzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati

Jekk iċ-ċittadini jew l-industrija tqis li abbozz li qed jiġi eżaminat sussegwentement jikkawża problemi għas-suq intern / x'aktarx li jfixkel ir-relazzjonijiet kummerċjali fl-Unjoni Ewropea, huwa/hija mistieden/mistiedna jgħarraf/tgħarraf dwar kwalunkwe tħassib u jikkomunika/tikkomunika l-kummenti tiegħu/tagħha jew lill-Kummissjoni jew lill-awtoritajiet responsabbli għall-abbozz fl-Istat Membru partikolari permezz ta' posta elettronika jew ittra.

[99] http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/tris/mt/

[100] http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/tris/mt/

Il-kontribuzzjonijiet, li fihom il-partijiet ikkonċernati jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-pożizzjoni tagħhom dwar abbozz ta' regolament tekniku, huma apprezzati ħafna u meqjusa utli ħafna, peress li jistgħu jikkontribwixxu għal fehim aktar komprensiv tal-abbozz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali.

Sabiex tiġi ggarantita l-implimentazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fil-Premessa 7 tad-Direttiva, id-dipartimenti tal-Kummissjoni żviluppaw funzjonalità tal-IT flimkien mat-TRIS li tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jissottomettu l-kummenti tagħhom fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE b'rabta ma' kwalunkwe notifika partikolari direttament permezz tat-TRIS.

Il-funzjonalità "*Kontribuzzjonijiet*" fil-bażi tad-*data* tas-"Sistema ta' Informazzjoni dwar ir-Regolamenti Tekniċi" (TRIS), hija disponibbli fuq:

http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/tris/mt/

Din il-funzjonalità tippermetti s-sottomissjoni ta' kontribuzzjonijiet fuq kwalunkwe notifika li għaliha għadu għaddej il-perjodu ta' waqfien. Il-kontribuzzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi fil-bażi tad-*data* TRIS b'mod pubblikament viżibbli jew bħala "kunfidenzjali". F'dan l-aħħar każ, is-servizzi tal-Kummissjoni biss se jkunu konxji tal-kontribuzzjoni.

Malli l-parti kkonċernata tkun tellgħet kontribuzzjoni fil-forma korretta u fil-format meħtieġ, is-servizz tal-Kummissjoni responsabbli għall-ġestjoni tal-proċedura jirrikonoxxi li rċieva l-kontribuzzjoni permezz ta' funzjoni fil-bażi tad-*data* TRIS. Il-kontribuzzjoni tiġi ttrasferita minnufih lid-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni responsabbli mil-leġiżlazzjoni tal-UE speċifikament ikkonċernata.

Sabiex jiġu kkunsidrati, il-kontribuzzjonijiet iridu jiġu ppreżentati kmieni kemm jista' jkun matul il-perjodu ta' waqfien.

Madankollu, il-pożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati ma tistax torbot lill-Kummissjoni meta tiddeċiedi jekk tirrispondix jew le b'rabta ma' notifika partikolari jew meta tiddeċiedi dwar il-modalità(jiet) tar-reazzjoni tagħha jew ir-raġunijiet li fihom tkun sostanzjata. Tabilħaqq, partijiet ikkonċernati differenti jistgħu jissottomettu pożizzjonijiet differenti (u saħansitra kontradittorji) dwar notifika partikolari. F'dak il-kuntest, huwa essenzjali li jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni tieħu deċiżjonijiet formali b'mod indipendenti, strettament skont id-dritt tal-Unjoni u l-ġurisprudenza tal-QĠUE, fid-dawl tal-informazzjoni fil-pussess tagħha u f'konformità mar-regoli interni tagħha dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet.

Fl-aħħar nett, il-kontribuzzjonijiet magħmula mill-partijiet interessati ma jingħatawx tweġiba mill-Kummissjoni, minħabba l-iskeda ta' żmien stretta u l-fatt li tirċievi diversi mijiet ta' notifiki ta' abbozzi ta' regolamenti tekniċi nazzjonali kif ukoll eluf ta' sottomissjonijiet relatati mill-partijiet ikkonċernati fis-sena[101].

## 3. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali

Il-partijiet interessati jistgħu jirreaġixxu wkoll għat-test tal-abbozzi tar-regolamenti tekniċi billi jibagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom lill-unitajiet ċentrali tal-Istati Membri (elenkati fis-sit web ta'

[101] Deċiżjoni fil-każ 2204/2018/TE dwar kif il-Kummissjoni Ewropea indirizzat il-kummenti sottomessi skont il-proċedura ta' notifika stabbilita mid-Direttiva tal-UE dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku.

TRIS[102]) li huma responsabbli biex jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar abbozzi ta' regolamenti tekniċi nazzjonali.

## 4. Aċċess għad-dokumenti

Id-djalogu bejn l-Istat Membru notifikanti u l-Kummissjoni / Stati Membri oħra mhuwiex pubbliku. Fil-bażi tad-*data* TRIS, huwa indikat jekk il-Kummissjoni jew l-Istati Membri bagħtux kummenti jew opinjoni dettaljata, iżda l-kontenut ta' dawk ir-reazzjonijiet ma jistax jiġi kkonsultat online.

Madankollu, mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Settembru 2017[103], l-iskambji li jsiru skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 għandhom jiġu żvelati fuq talba skont ir-Regolament (KE) 1049/2001[104], anki matul il-perjodu ta' waqfien. L-eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju tat-trasparenza huma:

- meta tapplika waħda mill-eċċezzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) 1049/2001, u

- meta, fiċ-ċirkostanzi ta' każ partikolari, l-aċċess għall-opinjoni dettaljata inkwistjoni jkun speċifikament u fil-fatt jimmina l-objettiv li tiġi evitata l-adozzjoni ta' regolament tekniku li jkun inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Kull meta l-Kummissjoni tirċievi talba għal aċċess għal dokumenti li joriġinaw minn Stat Membru, il-Kummissjoni tikkonsulta lill-awtur tad-dokument tal-Istat Membru u d-dokumenti jiġu żvelati biss għall-informazzjoni.

## 5. L-inapplikabbiltà tar-regolamenti tekniċi mhux notifikati

Is-sorsi ta' informazzjoni msemmija hawn fuq jippermettu lill-individwi privati u lil partijiet interessati oħra jiġu informati bin-notifiki u jiżguraw li r-regolamenti tekniċi li magħhom huma obbligati jikkonformaw ikunu ġew tabilħaqq innotifikati. Jekk dan ma jkunx il-każ, huma jistgħu jasserixxu d-drittijiet tagħhom quddiem l-imħallfin nazzjonali permezz ta' referenza għall-ġurisprudenza tal-QĠUE.

Is-sentenza *CIA Security* u s-sentenza *Unilever*, mogħtija skont il-proċedura ta' deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja, huma elementi ewlenin għall-protezzjoni ta' individwi privati kontra n-nuqqas min-naħa tal-Istati Membri li jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont id-Direttiva (UE) 2015/1535[105].

Dawn is-sentenzi jispeċifikaw il-konsegwenzi tal-adozzjoni ta' regolament tekniku bi ksur tal-obbligi stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2015/1535: individwi privati jistgħu jinvokaw l-Artikoli 5

[102] https://ec.europa.eu/growth/tools-databases/tris/mt/contact/member-states-list-of-central-units/

[103] Il-Kawża C-331/15 P Franza vs S*chlyter* EU:C:2017:639.

[104] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

[105] Is-sentenza tat-30 ta' April 1996 fil-Kawża C-194/94, *CIA Security* EU:C:1996:172 u s-sentenza tas-26 ta' Settembru 2000 fil-Kawża C-443/98 *Unilever* EU:C:2000:496.

u 6 tad-Direttiva quddiem il-qorti nazzjonali, li għandha tirrifjuta li tapplika regolament tekniku nazzjonali li ma jkunx ġie nnotifikat f'konformità mad-Direttiva jew li jkun ġie nnotifikat iżda li jkun ġie adottat qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' waqfien stabbilit mid-Direttiva.

Individwi u intrapriżi privati għandhom il-possibbiltà li jiżguraw li kwalunkwe regolament tekniku adottat minn Stat Membru jiġi mmonitorjat qabel l-adozzjoni tiegħu mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri l-oħra (bl-eċċezzjonijiet imsemmija fid-Direttiva). Jekk dan ma jkunx il-każ, kumpanija, pereżempju, tista' tikkwota l-inapplikabbiltà tar-regolament inkwistjoni, jekk tiġi akkużata b'nuqqas ta' konformità minn awtorità. Fil-każ ta' kwalunkwe proċediment tal-qorti nazzjonali li jirriżulta mill-kwistjoni, il-qorti mbagħad għandha tiċħad l-applikazzjoni tar-regolament u ma tistax, b'riżultat ta' dan, tqisu li jkun inkiser.

Mill-1996, dawn is-sentenzi ġew ripetutament ikkonfermati mill-Qorti tal-Ġustizzja, ikkonsultati mill-qrati nazzjonali li talbu għal deċiżjoni preliminari[106].

Dawn is-sanzjonijiet tal-prinċipju tan-nuqqas ta' applikabbiltà għal partijiet terzi ta' regolamenti tekniċi nazzjonali li ma ġewx innotifikati, jappoġġjaw il-pożizzjoni li kienet diġà ġiet adottata mill-Kummissjoni fl-1986[107] u jsaħħu l-protezzjoni tal-interessi ta' individwi u intrapriżi privati f'dan ir-rigward.

Fir-rigward tal-firxa ta' tali sanzjoni, minkejja li l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2015/1535 jirrikjedi li l-abbozz kollu ta' liġi li jkun fiha regolamenti tekniċi jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni, in-nuqqas ta' applikabbiltà li jirriżulta mill-ksur ta' dak l-obbligu ma jestendix għad-dispożizzjonijiet kollha ta' tali liġi, iżda għar-regolamenti tekniċi biss li jinsabu fiha[108].

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni ma għandhiex il-kompetenza li tiddikjara att nazzjonali inapplikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2015/1535. Kif imsemmi hawn fuq, din hija prerogattiva tal-qrati nazzjonali.

---

[106] Il-Kawża C-226/97 *Lemmens* EU:C:1998:296, il-Kawża C-285/15 *Beca Engineering* EU:C:2016:295 u l-Kawża C-336/14 *Ince* EU:C:2016:72, il-Kawża C-95/14 *Unic and Uni.co.pel* EU:C:2015:492, il-Kawża *VG Media*, C-299/17, EU:C:2019:716, eċċ.

[107] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' rispett ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 83/189/KEE, Nru 86/C 245/05, ippubblikata fil-ĠU C 245, 1.10.1986, p. 4.

[108] Il-Kawża C-336/14 *Ince*, EU:C:2016:72, punt 68, u l-Kawża C-144/16, *Município de Palmela*, EU:C:2017:76, punti 37 u 38.

## KONKLUŻJONI

Minn rieżami ta' aktar minn tletin sena ta' esperjenza bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' notifika li matulha l-Kummissjoni eżaminat madwar 20,000 abbozz ta' miżuri nazzjonali, jidher biċ-ċar li sar progress sinifikanti fil-prevenzjoni tal-ħolqien ta' ostakli ġodda għall-kummerċ, filwaqt li fl-istess ħin ġew iffrankati kostijiet legali, amministrattivi u ekonomiċi onerużi. F'dan ir-rigward, il-proċedura ta' notifika tista' titqies bħala prekursur għal regolamentazzjoni aħjar peress li wriet li hija strument effettiv tal-politika industrijali u tal-kompetittività li ħolqot diversi mezzi ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha. Konsegwentement, dan jirrappreżenta mudell ta' trasparenza regolatorja u kooperazzjoni amministrattiva li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jista' jiġi estiż aktar u jipprovdi benefiċċji simili f'setturi oħra.

Għalkemm l-ikkompletar tas-Suq Intern fl-1993 ma jidhirx li naqqas il-ħtieġa tal-Istati Membri li jippromulgaw leġiżlazzjoni dettaljata dwar il-prodotti, dawn saru b'mod gradwali familjari mar-regoli tas-Suq Intern, il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku li jirriżulta mill-preċedent ta' "*Cassis de Dijon*" u l-prinċipji tat-trasparenza u l-kooperazzjoni, li issa jirregolaw l-attivitajiet tagħhom fil-qasam tar-regolamenti tekniċi. Bl-istess mod, fil-qasam tas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, dan il-mekkaniżmu kellu rwol edukattiv importanti fil-każ tal-awtoritajiet nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa li ssir distinzjoni legali ċara bejn l-operaturi li jaġixxu taħt il-libertà tal-istabbiliment u dawk li jixtiequ jipprovdu servizzi transfruntiera biss.

Dan huwa evidenti, fost affarijiet oħra, mill-inklużjoni tal-klawżola ta' rikonoxximent reċiproku f'ċerti abbozzi ta' testi leġiżlattivi nazzjonali fl-istadju tan-notifika, mill-avvjament muri mill-Istati Membri fil-korrezzjoni tal-iżbalji skoperti mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri l-oħra f'abbozzi notifikati u mill-konformità estiża tal-każijiet mal-obbligu li jiġu nnotifikati abbozzi ta' regolamenti tekniċi.

Fil-maġġoranza tal-każijiet fejn il-Kummissjoni rreaġixxiet sabiex l-abbozzi ta' regolamenti nazzjonali jsiru konformi mad-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri qablu li jwettqu l-bidliet meħtieġa u li jallinjaw il-leġiżlazzjoni tagħhom, u b'hekk jevitaw it-tnedija tal-proċeduri ta' ksur l-aktar ikkumplikati mill-Kummissjoni. Il-kooperazzjoni u d-diskussjoni mrawma bejn l-Istati Membri permezz tal-proċedura ta' notifika huma evidenzjati, pereżempju, mill-fatt li bejn l-2016 u l-2018 l-Istati Membri skambjaw 160 opinjoni dettaljata.

Dan il-progress fl-integrazzjoni Ewropea, li jiffaċilita ż-żamma u t-tkabbir tal-kummerċ, huwa l-frott tal-isforzi konġunti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. Billi jaġixxu flimkien biex jipprevjenu l-emerġenza ta' ostakli tekniċi ġodda għall-kummerċ, dawn inaqqsu l-ħtieġa ta' leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE, u fl-istess ħin itejbu l-kwalità tar-regolamenti tekniċi adottati fil-livell nazzjonali. Id-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku (id-Direttiva (UE) 2015/1535) hija l-istrument ewlieni tal-politika tal-UE biex jiġu miġġielda l-ostakli għall-kummerċ, li għamel dan possibbli.

Minkejja s-suċċess tagħha, il-proċedura stabbilita mid-Direttiva (UE) 2015/1535 xorta tista' tittejjeb. Dan jeħtieġ identifikazzjoni ċara tal-punti li jeħtieġu titjib.

Fir-rigward tal-proċedura għall-għoti ta' informazzjoni applikabbli għar-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, l-esperjenza wriet li f'xi każijiet l-Istati Membri qed jonqsu milli jinnotifikaw l-abbozzi tagħhom, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, jew qed japplikaw xi wħud minn dawn id-dispożizzjonijiet b'mod żbaljat bħala riżultat ta' għarfien insuffiċjenti tal-proċedura min-naħa tal-korpi responsabbli għat-tħejjija tat-testi ta' dawn ir-

regolamenti. Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li ssegwi l-attivitajiet ta' informazzjoni tagħha f'dan il-qasam, b'mod partikolari permezz ta' djalogu msaħħaħ mal-awtoritajiet nazzjonali.

Dan diġà qed iseħħ permezz ta' żjarat annwali fl-Istati Membri, fejn il-Kummissjoni tasal biex tippreżenta lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-operaturi ekonomiċi bl-opportunitajiet u bl-obbligi fir-rigward tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku.

Barra minn hekk, għalkemm il-bażi tad-*data* online TRIS ipprovdiet kisba importanti fit-trasparenza u fir-responsabbiltà, hemm lok għal titjib. B'mod konkret, is-sistema tal-informatika teħtieġ reviżjoni teknika biex jiġu ssodisfati d-domandi u l-possibbiltajiet tal-għodod diġitali tal-lum.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tapprezza ż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fl-eżami tal-abbozz tal-miżuri. Diversi partijiet ikkonċernati Ewropej jeżerċitaw grad għoli ta' "viġilanza leġiżlattiva" u huma attivi ħafna fid-difiża tal-interessi leġittimi tagħhom billi jinformaw lill-Kummissjoni jew lill-awtoritajiet nazzjonali dwar ċerti abbozzi li, jekk jiġu adottati, joħolqu ostakli tekniċi. Jista' jittejjeb l-involviment ta' intrapriżi individwali u b'mod partikolari negozji żgħar u ta' daqs medju, li spiss huma aktar riżervati. Dawn ma għandhomx joqogħdu lura milli jfittxu informazzjoni u jitkellmu, anki b'mod kunfidenzjali, meta jqisu li r-regolamenti tekniċi li qed jitħejjew fl-Istati Membri li fihom jipparteċipaw is-swieq jistgħu jagħmlu ħsara lill-interessi tagħhom, jekk jiġu adottati kif inhuma.

Il-Kummissjoni ħadet xi passi importanti biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-industrija. Fil-prinċipju, l-abbozzi notifikati jiġu tradotti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u mbagħad ikunu disponibbli mingħajr ħlas għall-pubbliku fuq is-sit Europa, permezz tal-bażi tad-*data* TRIS. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet sistema ta' twissija awtomatika li l-pubbliku jista' jabbona għaliha. Dan jippermetti li l-operaturi ekonomiċi jiġu nnotifikati awtomatikament mit-TRIS permezz ta' email malli jasal abbozz notifikat fil-kategoriji magħżula tal-prodott jew tas-servizz tas-Soċjetà tal-Informatika. Il-Kummissjoni installat ukoll mekkaniżmu, li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jtellgħu l-pożizzjonijiet tagħhom fuq abbozzi ta' testi notifikati direttament permezz ta' TRIS b'mod pubblikament viżibbli jew kunfidenzjali.

It-testi finali jiġu tradotti u jittellgħu wkoll fil-bażi tad-*data* online TRIS. Dan se jiżgura aktar responsabbiltà u trasparenza, peress li l-partijiet ikkonċernati kollha se jkunu jistgħu jivverifikaw faċilment jekk il-kontribuzzjoni tagħhom kellhiex impatt fuq il-verżjoni adottata tal-abbozz.

Kif jidher, il-ħidma biex titjieb il-proċedura ta' notifika u l-bażi tad-*data* TRIS hija sforz kontinwu. Fl-ispirtu tal-kultura tal-komunità li tnediet fl-1983, aħna nistidnuk – il-komunità – biex iżżomm id-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku rilevanti u biex tgħarrafna dwar modi kif tista' tittejjeb il-proċedura. Fl-aħħar nett, dan huwa dak li se jagħmel differenza pożittiva għall-Istati Membri, għaċ-ċittadini tal-UE u għall-operaturi ekonomiċi fl-Ewropa.

## GĦAŻLA TA' BIBLJOGRAFIJA

### I. ARTIKOLI

**Rieżami tal-Liġi tas-Suq Komuni**

*Il-Kawża C-194/94, CIA Security International SA vs Signalson SA and Securitel SPRL,* minn Piet Jan SLOT, Nru 33: 1035-1050, 1996.

*Il-Kawża C-390/99, Canal Satélite Digital, il-Kawża C-159/00, Sapod Audic vs Eco-Emballages, bl-annotazzjoni minn M. Dougan*, minn Michael DOUGAN, Vol. 40, Nru 1, Frar 2003, pp. 193-218.

**Revue du Marché Commun**

*Les Articles 30 et suivants CEE et les procédures de contrôle prévues par la Directive 83/189/CEE,* minn Sabine LECRENIER, Nru 283, Jannar 1985, Editions Techniques et Economiques, Paris.

*Vers l'Achèvement du Marché Intérieur: l'Evolution des Procédures de contrôle prévues par la Directive 83/189/CEE depuis quatre ans,* minn Sabine LECRENIER, Nru 315, Marzu 1988, Editions Techniques et Economiques, Paris.

**Revue du marché unique européen**

*La 'certification', la reconnaissance mutuelle et le marché unique,* minn Jacques McMILLAN, Nru 2-1991, Editions Clément Juglar, Paris.

*La procédure de contrôle des réglementations techniques prévue par la nouvelle directive 83/189/CEE,* minn Joachim FRONIA u Giuseppe CASELLA, Nru 2-1995, Editions Clément Juglar, Paris.

*Le mécanisme de transparence réglementaire en matière de services de la société de l'information instauré par la directive 98/48/CE,* minn Salvatore D'ACUNTO, Nru 4-1998, Editions Clément Juglar, Paris.

**Journal des Tribunaux - droit européen**

*Le contrôle des règles techniques des Etats et la sauvegarde des droits des particuliers,* minn Sabine LECRENIER, Nru 35, Jannar 1997, Editions Larcier, Bruxelles.

**Revue du droit de l'Union européenne**

*Les dérogations nationales à l'harmonisation du marché intérieur: Examen au regard de l'article 114, paragraphes 4-7 TFUE* minn Nicolas SADELEER, Ħarġa 2, 2013, pp. 233-266.

*La politique de prévention des obstacles aux échanges de marchandises et de services de la société de l'information. Les vingt-cinq and d'un instrument révolutionnaire : la directive 98/34/CE (ex-83/189/CEE)*, minn Florent HERLITZ, Nru 3/2008, Editions Clément Juglar, Paris.

*La directive 98/48 prévoyant un mécanisme de transparence réglementaire pour les services de la société de l'information: un premier bilan après 12 mois de fonctionnement,* minn Salvatore D'ACUNTO, Nru 3/2000, Editions Clément Juglar, Paris.

**Revue Europe**

*Normes techniques*, minn Sébastien ROSET, Europe, Nru 4, April 2017, p.22-23.

*Notion de "règle technique" et obligation de notification*, minn Sébastien ROSET, Europe, Nru 10, Ottubru 2014, p.30.

*Notion de "règle technique"*, minn Sébastien ROSET, Europe, Nru 10, Ottubru 2012, p. 30.

*Obligation de notifier les règles techniques*, minn Laurence IDOT, Europe Nru 9, Jannar 2008, p 17.

*Eco Emballages devant la Cour de justice. Le système français de gestion des déchets d'emballage, la transparence réglementaire et la libre circulation des marchandises*, minn Patrick THIEFFRY, Europe, Nru 10, Awwissu-Settembru 2002, pp. 5-7.

*L'application concrète du principe de transparence dans la sphère des services de la société de l'information*, minn Rodolphe MUÑOZ, Nru 12, Diċembru 2001, Editions du Juris-Classeur, Paris, pp. 3-6.

**Rieżami tal-Liġi tan-Negozju Ewropea**

*Non-Harmonized technical Regulations and the Free Movement of Goods* (Regolamenti tekniċi mhux armonizzati u l-Moviment Liberu tal-Merkanzija), minn Karsten Engsig SØRENSEN, EBLR, Vol. 23, Nru. 2, April 2012, pp. 163-212.

**Sommarju tal-Politika tas-CEPS**

*Pre-empting Technical Barriers in the Single Market (Il-Prevenzjoni ta' Ostakli Tekniċi fis-Suq Uniku)*, minn Anabela CORREIA u Jacques PELKMANS, Nru 277, 11 ta' Lulju 2012

**Rieżami tal-Liġi tal-Kompjuter u tas-Sigurtà**

*Information Society Services: what are they and how relevant is the definition? (Is-Servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika: x'inhuma u kemm hi relevanti d-definizzjoni?)*, minn Justin HARRINGTON, volum 30 ħarġa 3, Mejju 2001, pp.174-181.

*Quo vadis information society? Notification of draft rules –services in the EU (Quo vadis is-soċjetà tal-informatika? Notifika ta' abbozzi ta' regoli –servizzi fl-UE)*, minn P.P POLANSKI, volum 30 ħarġa 6, Diċembru 2014, pp. 661-669.

**Il-Ġurnal tal-Liġi Ewropea dwar il-Konsumatur u s-Suq**

*Why Uber is an information society service*, minn Martien Y. SCHAUB, Journal of European Consumer and Market Law 2018, p.109-115.

**Gaceta Jurídica de la C.E.**

*El control de los Reglamentos Técnicos de los Estados y la Salvaguardia de los Derechos de los Particulares,* minn Sabine LECRENIER, GJ 1997, D-28.

**Gaceta jurídica de la Unión Europea y de la competencia**

*Inaplicabilidad por los jueces nacionales de las reglamentaciones técnicas no notificadas a la Comisión Europea : la sentencia Lemmens del TJCE,* minn Luis GONZÁLEZ VAQUÉ, Nru 201, Ġunju - Lulju 1999, Madrid, pp. 45-50.

**Unión Europea Aranzadi**

*La sentencia "Lindberg": el TJCE confirma y precisa su jurisprudencia relativa al procedimiento de información en materia de reglamentaciones técnicas (Directivas 83/189/CEE y 98/34/CE)*, minn Isabel Segura Roda, 2005, Nru 11, pp. 23-33.

**Diritto comunitario e degli scambi internazionali**

*Direttiva n. 98/48/CE: qualche novità in materia di libera circolazione dei servizi*, minn Salvatore D'ACUNTO, Nru 2-1999, Editoriale scientífica, Milano-Parma-Napoli.

**Diritto pubblico comparato ed europeo**

*Imballaggi, regole tecniche e misure ad effetto equivalente: la Corte chiarisce il concetto di "regola tecnica", gli obblighi derivanti e gli effetti sulle normative nazionali*, minn Gianluca BELLOMO, 2002, pp.1837-1842.

**Giustizia civile**

*Sull'interpretazione funzionale degli obblighi di comunicazione di regole techniche*, minn Lorenzo PRUDENZANO, 2010, Nru I, pp. 2108-2115.

**SEW Tijdschrift voor Europees en economisch recht**

*Notificaties onder Richtlijn 98/34 : preventieve controle op het vrije verkeer van goederen : stand van zaken 2003,* minn J. Goossen, Vol. 51, Nru 3, Marzu 2003, pp. 94-102.

**Europarecht**

*Rechtsfolgen des Erlasses technischer Vorschriften ohne vorherige Mitteilung an die Kommission gemäß Art. 8 Richtlinie 98/34/EG – Anmerkung zum Urteil des EuGH vom 11.06.2015, Rs. C-98/14, Berlington,*, minn Julia EDER, 2015 Heft 6, pp.746-762.

**Ecolex**

*Transparenzgrundsatz im Glücksspielrecht*, minn Cornelia LANSER, 2016, pp. 644-645

**Europäische Zeitschrift für Wirtschaftsrecht**

*Verfahrensrecht: Beförderungstätigkeit von Uber Popstrafrechtliche Sanktionen der Mitgliedstaaten ohne Mitteilung an EU möglich*, minn Carsten KÖNIG, 2018, pp. 380-381.

## II. PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

*Vade-Mecum dwar l-operazzjoni tal-proċedura għall-għoti tal-informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi, id-Direttiva 83/189/KEE tat-28 ta' Marzu 1983, id-Direttiva 88/182/KEE tat-22 ta' Marzu 1988, id-Direttiva 94/10/KE tat-23 ta' Marzu 1994,* Dok. 94/94 tat-8 ta' Ġunju 1995 - id-Direttorat Ġenerali III - l-Industrija.

*Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni* (86/C 245/05) *dwar in-nuqqas ta' rispett ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE tat-28 ta' Marzu 1983 li tistabbilixxi proċedura għall-provvediment tat-tagħrif fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi.* ĠU C 245, 1.10.1986, p. 4.

*Rapport tal-Kummissjoni dwar it-tħaddim tad-Direttiva 83/189/KEE fl-1984, l-1985, l-1986 u l-1987,* COM(88) 722 final.

*Rapport tal-Kummissjoni dwar it-tħaddim tad-Direttiva 83/189/KEE fl-1988 u l-1989,* COM(91) 108 final.

*Rapport tal-Kummissjoni dwar it-tħaddim tad-Direttiva 83/189/KEE fl-1990 u l-1991,* COM(92) 565 final.

*Rapport tal-Kummissjoni dwar it-tħaddim tad-Direttiva 83/189/KEE fl-1992, l-1993 u l-1994,* COM(96) 286 final.

*Rapport tal-Kummissjoni dwar it-tħaddim tad-Direttiva 98/34/KE mill-1995 sal-1998*, COM(2000) 429 final.

*Rapport tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva 98/34/KE fil-qasam tas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika*, COM(2003) 69 final.

*Rapport tal-Kummissjoni dwar il-funzjonament tad-Direttiva 98/34/KE mill-1999 sal-2001*, COM(2003) 200 final.

*Rapport tal-Kummissjoni dwar it-tħaddim tad-Direttiva 98/34/KE mill-2002 sal-2005,* COM(2007) 125 final.

*Rapport tal-Kummissjoni dwar it-tħaddim tad-Direttiva 98/34/KE mill-2006 sal-2008,* COM(2009)690 final.

*Rapport tal-Kummissjoni dwar it-tħaddim tad-Direttiva 98/34/KE fl-2009 u l-2010,* COM(2011) 853 final.

*Rapport tal-Kummissjoni dwar it-tħaddim tad-Direttiva 98/34/KE mill-2011 sal-2013,* COM(2015) 338 final.

*Rapport tal-Kummissjoni dwar it-tħaddim tad-Direttiva (UE) 2015/1535 mill-2014 sal-2015,* COM(2017) 788 final.

*Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar approċċ globali għaċ-ċertifikazzjoni u l-ittestjar - miżuri ta' kwalità għall-prodotti industrijali,* COM(89) 209 final, ĠU C 267, 19.10.1989, p. 3.

*Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew* tat-30 ta' Ottubru 1995 *dwar l-użu usa' tal-istandardizzazzjoni fil-politika Komunitarja,* COM(95) 412 final.

*Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew* tal-24 ta' Lulju 1996 dwar l-"*Istandardizzazzjoni u s-soċjetà globali tal-informazzjoni:* l-Approċċ Ewropew", COM(96)359 final.

*Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar it-trasparenza regolatorja fis-suq intern għas-servizzi tas-soċjetà tal-informatika, u l-Proposta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal Direttiva li temenda għat-tielet darba d-Direttiva 83/189/KEE li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi,* 24 ta' Lulju 1996, COM(96) 392 final, ĠU C 307, 16.10.1996.

*Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Abbozz ta' Pjan ta' Azzjoni għas-Suq Intern,* COM(97) 184 final.

*National regulations applicable to products in the internal market - a worrying situation* - id-dokument tad-dipartimenti tal-Kummissjoni tat-28 ta' Frar 1995 - III/2185 final.

*Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tad-29 ta' Diċembru 2000 - Strateġija tas-Suq Intern għas-Servizzi,* COM(2000) 888 final.

*Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-30 ta' Lulju 2002 – L-Istat tas-Suq Intern għas-Servizzi,* COM(2002) 441 final.

*Vade-Mecum għad-Direttiva 98/48/KE li tintroduċi Mekkaniżmu għat-trasparenza tar-Regolamenti dwar is-Servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika,* Dok. S-42/98 – EN (def.) – Direttorat Ġenerali III – Industrija u Direttorat Ġenerali XV – Suq Intern u Servizzi Finanzjarji.

*Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2004 - Fostering structural change: an industrial policy for an enlarged Europe (Inrawmu bidla strutturali: politika industrijali għal Ewropa akbar),* COM(2004) 274 final.

*Komunikazzjoni lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa - Naħdmu flimkien għat-tkabbir ekonomiku u għall-impjiegi - Bidu ġdid għall-Istrateġija ta' Liżbona - Komunikazzjoni mill-President Barroso bi ftehim mal-Viċi-President Verheugen tat-2 ta' Frar 2005,* COM(2005) 24 final.

*Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – "Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji", 28.10.2015,* COM(2015) 550 final.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2017 - *"Il-Pakkett dwar il-Prodotti: Insaħħu l-fiduċja fis-suq uniku",* COM(2017)787 final.

*Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-rapport dokument tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew it-tħaddim tad-Direttiva 98/34/KE mill-2011 sal-2013*, 2015.

*Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-rapport dokument tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew it-tħaddim tad-Direttiva (UE) 2015/1535 mill-2014 sal-2015,* mid -Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs (il-Kummissjoni Ewropea), 2017.

## III. IS-SENTENZI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Is-Sentenza tat-2 ta' Awwissu 1993, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, Kawża C-139/92, EU:C:1993:346

Is-Sentenza tal-1 ta' Ġunju 1994, *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja*, Kawża C-317/92, EU:C:1994:212

Is-Sentenza tal-14 ta' Lulju 1994, *Il-Kummissjoni vs In-Netherlands*, Kawża C-52/93, EU:C:1994:301

Is-Sentenza tal-14 ta' Lulju 1994, *Il-Kummissjoni vs In-Netherlands*, Kawża C-61/93, EU:C:1994:302

Is-Sentenza tal-11 ta' Jannar 1996, *Il-Kummissjoni vs In-Netherlands*, Kawża C-273/94, EU:C:1996:4

Is-Sentenza tat-30 ta' April 1996, *CIA Security*, Kawża C-194/94, EU:C:1996:172

Is-Sentenza tas-17 ta' Settembru 1996, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, Kawża C-289/94, EU:C:1996:330

Is-Sentenza tal-20 ta' Marzu 1997, *Bic-Benelux,* Kawża C-13/96, EU:C:1997:173

Is-Sentenza tas-16 ta' Settembru 1997, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, Kawża C-279/94, EU:C:1997:396

Is-Sentenza tas-7 ta' Mejju 1998, *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju*, Kawża C-145/97, EU:C:1998:212

Is-Sentenza tas-16 ta' Ġunju 1998, *Lemmens*, Kawża C-226/97, EU:C:1998:296

Is-Sentenza tal-11 ta' Mejju 1999, *Albers*, Kawża C-425/97 sa C-427/97, EU:C:1999:243

Is-Sentenza tat-3 ta' Ġunju 1999, *Colim*, Kawża C-33/97, EU:C:1999:274

Is-Sentenza tat-13 ta' Settembru 2000, *Il-Kummissjoni vs In-Netherlands*, Kawża C-341/97, EU:C:2000:434

Is-Sentenza tas-26 ta' Settembru 2000, *Unilever*, Kawża C-443/98, EU:C:2000:496

Is-Sentenza tat-12 ta' Ottubru 2000, *Snellers*, Kawża C-314/98, EU:C:2000:557

Is-Sentenza tas-16 ta' Novembru 2000, *Donkersteeg*, Kawża C-37/99, EU:C:2000:636

Is-Sentenza tal-15 ta' Frar 2001, *Il-Kummissjoni vs Franza*, Kawża C-230/99, EU:C:2001:100

Is-Sentenza tat-8 ta' Marzu 2001, *Van der Burg*, Kawża C-278/99, EU:C:2001:143

Is-Sentenza tat-22 ta' Jannar 2002, *Canal Satélite Digital*, Kawża C-390/99, EU:C:2002:34

Is-Sentenza tas-6 ta' Ġunju 2002, *Sapod Audic*, Kawża C-159/00, EU:C:2002:343

Is-Sentenza tal-21 ta' April 2005, *Lindberg*, Kawża C-267/03, EU:C:2005:246

Is-Sentenza tat-2 ta' Ġunju 2005, *Mediakabel*, Kawża C-89/04, EU:C:2005:348

Is-Sentenza tat-8 ta' Settembru 2005, *Il-Kummissjoni vs Il-Portugall*, Kawża C-500/03, EU:C:2005:515

Is-Sentenza tat-8 ta' Settembru 2005, *Lidl Italia*, Kawża C-303/04, EU:C:2005:528

Is-Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, *Il-Kummissjoni vs Il-Greċja*, Kawża C-65/05, EU:C:2006:673

Is-Sentenza tat-8 ta' Novembru 2007, *Schwibbert,* Kawża C-20/05, EU:C:2007:652

Is-Sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, *Il-Kummissjoni vs Il-Greċja*, Kawża C-109/08, EU:C:2009:346

Is-Sentenza tal-15 ta' April 2010, *Sandström*, Kawża C-433/05, EU:C:2010:184

Is-Sentenza tal-14 ta' April 2011, *Vlaamse Dierenartsenvereniging VZW and Janssens*, Kawżi magħquda C-42/10, C-45/10 u C-57/10, EU:C:2011:253

Is-Sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Fortuna et, Kawżi C-213/11 u C-217/11, EU:C:2012:495

Is-Sentenza tal-31 ta' Jannar 2013, *Belgische Petroleum Unie et*, Kawża C-26/11, EU:C:2013:44

Is-Sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, *Ivansson et*, Kawża C-307/13, EU:C:2014:2058

Is-Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, *Berlington Hungary et*, Kawża C-98/14, EU:C:2015:386

Is-Sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, UNIC and Uni.co.pel, Kawża C-95/14, EU:C:2015:492

Is-Sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, *Balázs*, Kawża C-251/14, EU:C:2015:687

Is-Sentenza tat-2 ta' Frar 2016, *Ince*, Kawża C-336/14, EU:C:2016:72

L-Ordni tal-21 ta' April 2016, *Beca Engineering*, Kawża C-285/15, EU:C:2016:295

Is-Sentenza tat-13 ta' Ottubru 2016, *M. and S.*, Kawża C‑303/15, EU:C:2016:771

Is-Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, *James Elliott Construction,* Kawża C-613/14, EU:C:2016:821

Is-Sentenza tal-1 ta' Frar 2017, *Município de Palmela*, Kawża C-144/16, EU:C:2017:76

Is-Sentenza tas-7 ta' Settembru 2017, *Schlyter*, Kawża C-331/15 P, EU:C:2017:639

Is-Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, *Falbert et*, Kawża C-255/16, EU:C:2017:983

Is-Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, *Asociación Profesional Elite Taxi*, Kawża C-434/15, EU:C:2017:981

Is-Sentenza tal-10 ta' April 2018, *Uber France*, Kawża C-320/16, EU:C:2018:221

Is-Sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, *Van Gennip et*, Kawża C-137/17, EU:C:2018:771

Is-Sentenza tal-10 ta' April 2019, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, Kawża T-229/17, EU:T:2019:236

Is-Sentenza tat-12 ta' Settembru 2019, *VG Media*, Kawża C-299/17, EU:C:2019:716

Is-Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, *Airbnb Ireland*, Kawża C-390/18, EU:C:2019:1112

Is-Sentenza tat-28 ta' Mejju 2020, *ECO-WIND Construction*, Kawża C-727/17, EU:C:2020:393

Is-Sentenza tat-8 ta' Ottubru 2020, *Admiral Sportwetten et*, Kawża C-711/19, EU:C:2020:812

Is-Sentenza tat-22 ta' Ottubru 2020, *Sportingbet and Internet Opportunity Entertainment,* C-275/19, EU:C:2020:856

Is-Sentenza tat-3 ta' Diċembru 2020, *Star Taxi app*, C-62/19, EU:C:2020:980

## IV. DOKUMENTI OĦRAJN

*Il-Konvenzjoni Nru 180 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Informazzjoni u l-Kooperazzjoni Legali li tikkonċerna s-"Servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika",* Moska, 4.10.2001.